**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

**Seduta Nru 175**
**It-Tlieta, 21 ta' Novembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 175**
**It-Tlieta, 21 ta' Novembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fit-8.30 a.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 175**

**It-Tlieta, 21 ta' Novembru, 2023**

## WERREJ

MINUTI ........ 707

MISTOQSIJIET ........ 707

KUMITATI PERMANENTI ........ 707

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ESTIMI ĠENERALI 2024 – KUMIAT TA' PROVVISTA
L-GĦAXAR SEDUTA STABBILITA - MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET ........ 707

ABBOZZ TA' LIĠI DWAR L-AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI (It-Tielet Qari)
OLDER PERSONS STANDARDS AUTHORITY BILL (Third Reading) ........ 742

AĠĠORNAMENT ........ 743

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 174, li saret fl-20 ta' Novembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## MISTOQSIJIET

**ID-DEPUTY SPEAKER (Onor. David Agius):** Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, din is-seduta hija mingħajr mistoqsijiet.

## KUMITATI PERMANENTI

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-lum tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Naomi Cachia u l-Onor. Omar Farrugia se jissostitwixxu lill-Onor. Andy Ellul u lill-Onor. Alex Muscat rispettivament.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ESTIMI ĠENERALI 2024
## KUMITAT TA' PROVVISTA
## L-GĦAXAR SEDUTA STABBILITA

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*L-Onor. David Agius, President tal-Kumitat, jippresiedi.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Illum il-Kumitat għandu quddiemu biex jiġu diskussi l-Voti tal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta'Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni tal-lum huwa ta' tliet sigħat u għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Jekk jogħġbu, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet iressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu.

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet):** Sur President, inressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 22 - MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €59,890,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 22 - Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 23 - KUMMERĊ**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €2,026,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 23 – Kummerċ, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT X - MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €63,030,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot X - Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Ivan J. Bartolo.

**ONOR. IVAN J. BARTOLO:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

**VOT 22 - MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET**

**Personal Emoluments**

**Item 11 - Holders of Political Office**

Ħassar iċ-ċifra "€105,985" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€105,982".

Delete the figure "€105,985" and substitute therefor the figure "€105,982".

Sur President, bħas-soltu nixtieq nibda billi nirringrazzja lill-ħaddiema kollha li jagħtu s-sehem tagħhom fl-organizzazzjoni u fit-tmexxija ta' dan il-Parlament għax-xogħol siewi li dejjem jagħmlu. Nirringrazzja wkoll lill-Ministru Silvio Schembri, li jinsab preżenti hawnhekk, u nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lil kull min kien flessibbli biżżejjed biex is-seduta tal-lum tibda fit-8.30 a.m.

Jien ilni naħseb fuq id-diskors li se nagħmel illum hawn ġew. Wieħed jista' jieħu l-attitudni li aħna mdorrijin biha f'dan il-Parlament, li jintefa' jmaqdar u jagħti botta u risposta. Iżda min-naħa l-oħra, jien hawn ġew dejjem nisħaq li l-aktar ħaġa li tiffrustrani u tagħmilli d-deni - u litteralment tagħmilli d-deni - hija li nisma' liż-żewġ naħat b'kompetizzjoni bejniethom fuq min hu l-iżjed kapaċi jitfa' t-tajn u min hu kapaċi jdaħħak l-aktar, tant li min isegwi lil dan il-Parlament sar qisu qed isegwi xi show! Madankollu, fil-pajjiż la sejjer kollox ħażin u lanqas sejjer kollox tajjeb, u d-dover ta' dan il-Parlament hu li dak li huwa tajjeb ngħidu li hu tajjeb filwaqt li nkomplu nibnu fuqu, u dak li hu ħażin nidentifikawh u niddiskutuh minflok ma nitgħajru fuqu. Nassigura lil kulħadd li jekk aħna kapaċi nsibu kunsens f'dan il-Parlament, jintlaħaq kunsens ukoll hemm barra. Però l-iżvintura hi li l-attitudni hija kompletament ħażina.

Sur President, f'għomri kollu jien qatt ma ġejt mgħajjar dilettant, imma waqt id-diskors dwar il-Baġit li għamel ġimagħtejn ilu, il-Prim Ministru għoġbu jgħajjar lili u lill-kollegi tiegħi ta' din in-naħa bħala dilettanti. Nassigura lil kulħadd li b'daqshekk jien ma ħadtx għalija, però nixtieq nelabora ftit fuq dan il-mod kif il-Prim Ministru esprima ruħu dwarna. Minn mindu tħabbar il-Baġit, il-Partit Nazzjonalista qatt ma qal li l-Baġit huwa kollu ħażin. F'dan il-Baġit hemm miżuri tajbin, fosthom dawk soċjali, però dan il-Baġit mhuwiex komplut u għad jonqsu ħafna affarijiet. Jekk naraw fejn jinsab pajjiżna, jekk nidentifikaw fejn irid jasal il-pajjiż u jekk irridu nkunu serji, kemm għall-futur ta' wliedna kif ukoll għall-futur ta' dan il-pajjiż, jien ċert li mill-ewwel nirrikonoxxu li dan il-Baġit mhuwiex komplut. Issa hawnhekk nixtieq nenfasizza li jien m'iniex ngħid li hu ħażin, iżda qed ngħid li mhuwiex komplut.

Xi ħaġa importanti oħra li nixtieq inżid fil-bidu ta' dan id-diskors hi li meta bniedem ikun qiegħed jikkritika, qabel ma wieħed jittimbrah li hu negattiv jew inkella li hu pożittiv, jien nemmen li bniedem għandu jidentifika ... Ħalli nġib eżempju bija stess. Jien madwari għandi ħafna nies li jikkritikawni, u jien ċert li min jirrispettani u se jsegwi dan id-diskors li qed nagħmel illum, illejla jċempilli u jikkritikani għax dan id-diskors forsi ma jkunx perfett. Għaliex? Għax jien m'iniex perfett. Jien soġġett għall-iżball għax jien uman. Mela meta bniedem jikkritika, irridu nifhmu l-intenzjoni li għaliha jkun qed jagħmel dik il-kritika.

Jien nassigura lill-Ministru li l-intenzjoni tal-kritika li se nagħmel dalgħodu mhijiex li noskura lill-Gvern iżda li forsi l-Gvern jiġi ispirat biex mil-lum – mhux minn għada iżda mil-lum – nibdew nagħmlu dak kollu li l-pajjiż għandu bżonn. Jekk ikun il-Gvern Laburista li jagħmel dak kollu li l-pajjiż għandu bżonn, jien xorta waħda nkun kuntent għax, kif dejjem insostni, jien qiegħed hawn ġew l-ewwel u qabel kollox għal pajjiżi u għan-nies li qed isegwuna. Għalhekk qiegħed hawn ġew jien, għax mill-

bqija m'għandix għalfejn inkun hawn ġew. Għalhekk, meta jien ngħid li l-Baġit mhuwiex komplut, għaliex inkun qed ngħid hekk? Ħalli nagħti ftit eżempji.

Kulħadd jaf li l-cost of living allowance (COLA) tiswa €12.81. Lin-negozjanti l-COLA se tiswiehom il-flus. Ovvjament il-ħaddiema se jieħdu pjaċir biha, u sewwa jagħmlu għax għalhekk qiegħda, però rridu nżommu f'moħħna li t-€12.81 COLA hija abbażi tal-cost of living tas-sena li għaddiet u mhux ta' din is-sena. Mela mhuwiex ġust li l-COLA qed tiġi ntaxxata u l-Gvern qiegħed jiġbor €35 miljun minnha. Kulħadd qal lill-Gvern biex ma jintaxxax il-COLA, fosthom l-imsieħba soċjali, imma l-Gvern baqa' jwebbes rasu.

Biex tgħaxxaqha, għalkemm il-COLA hija xi ħaġa tajba, aħna nafu kif inhi l-inflazzjoni fuq l-ikel u għalhekk nafu wkoll li probabbilment il-COLA mhix se tkun biżżejjed. Aħna l-Membri ta' din in-naħa tal-Kamra ilna sa minn qabel l-elezzjoni ġenerali li għaddiet nipproponu li jinħoloq fond biex ngħinu lin-negozjanti fl-ispejjeż li għandhom relatati mal-importazzjoni u l-esportazzjoni. Illum x'qiegħed jiġri? Illum għandna Gvern li qed iħabbat fuq il-bieb tan-negozjant Malti u jgħidlu: "Biex niġġieldu l-għoli tal-ħajja, baxxi l-prezz int!"

Dan huwa l-proċess li qed iseħħ bħalissa f'dan il-pajjiż, u jien dan nafu għax ovvjament nagħmilha man-negozjanti, nagħmilha mal-importaturi, nagħmilha mar-retailers u nagħmilha ma' ħafna nies oħrajn, bħalma tagħmluha ma' ħafna nies intom, jiġifieri jien m'għandi xejn speċjali. Però jien hawnhekk qed nistaqsi: Din hi s-soluzzjoni?! M'iniex qed ngħid li m'għandniex niġġieldu l-għoli tal-ħajja. Sewwa tagħmel, Ministru, li tħeġġiġna niġġieldu l-għoli tal-ħajja għax hekk għandu jkun, li niġġieldu l-għoli tal-ħajja. Għax illum tafu x'qed jgħid in-negozjant? Jekk hemm bżonn, jien inbaxxih il-prezz, però se nkun qed nitlef il-flus. Din hemm min se tiswieh €0.5 miljun fis-sena u hemm min se tiswieh saħansitra €800,000 fis-sena. U taf x'jgħidlek in-negozjant f'dawn iċ-ċirkostanzi? Jgħidlek: "Jien ma nistax ma nibqax nopera b'ċertu livell ta' finanzi, anke minħabba d-dejn, minħabba l-banek u minħabba l-quick ratios li jeżistu fl-accounts tal-kumpaniji, u allura jekk hemm bżonn innaqqas in-nies, innaqqas il-bejgħ u nċekken l-operat". Illum in-negozjanti ntlaqtu bil-COLA u bil-minimum wage, fost oħrajn.

Issa dawn huma kollha miżuri tajbin, biex ma taħsbux li jien qiegħed hawnhekk biex immaqdar dawn il-miżuri, għax m'iniex qed nagħmel hekk. Huwa tajjeb li niġġieldu l-għoli tal-ħajja, però b'dan il-mod l-għoli tal-ħajja se niġġelduh billi se nerġgħu nitfgħu piż fuq in-negozjanti, li skont sondaġġ li għamlet il-Malta Chamber of SMEs jirriżulta li 88% minnhom qed jgħidulna - mhux "qed jgħidulkom", imma "qed jgħidulna" għax hawnhekk aħna Parlament wieħed u allura għandna d-dover li lkoll naħdmu għall-pajjiż b'konsensus - li d-direzzjoni tal-ekonomija tal-pajjiż mhijiex tajba.

Sur President, fil-Baġit hemm miktub ċar ukoll li l-ispiża kapitali f'dan il-pajjiż se tiġi ridotta bi 15%. Issa hawnhekk jien m'iniex se noqgħod nidħol wisq fid-dettall u nsemmi l-investimenti kapitali tal-Baġit li sparixxew, però rrid ngħid li filwaqt li l-ispiża kapitali se tonqos, id-dejn tal-pajjiż se jkompli tiela' għax huwa ċar li bħala pajjiż se nerġgħu nissellfu - u rrid nenfasizza għal darb'oħra li mhux "se terġgħu tissellfu", imma "se nerġgħu nissellfu" lkoll kemm aħna - €1.1 biljun oħra! Bil-mod kif se jitla' d-dejn ifisser li l-pajjiż se jkollu 'l fuq minn €600,000 kuljum f'interessi, jiġifieri hawnhekk qed nitkellem fuq rata effettiva ta' mgħax ta' 2.2%. Meta taraw kemm għandu bonds il-Gvern tindunaw li r-rata ta' interessi mhijiex ta' 2.2%. Kieku r-rata ta' interessi kienet ta' 2.2%, ħadd ma kien jixtrihom il-bonds. Jien qed nitkellem fuq 2.2% għax qed nieħu a conservative average. Għalhekk huwa importanti li nifhmu x'inhu jiġri. Qed innaqqsu l-ispiża kapitali filwaqt li d-dejn ta' dan il-pajjiż qed ikompli jikber.

Dalgħodu jien ġejt akkużat li rqadt il-Parlament għax kont hawnhekk l-ewwel wieħed! Din kienet l-ewwel darba li kont l-ewwel wieħed hawnhekk, biex inkun onest, però akkużawni li dal-lejl irqadt il-Parlament għax kont hawn l-ewwel wieħed! U tafu għalfejn kont l-ewwel wieħed? Għax peress li bħalissa jien qed noqgħod il-Għargħur u kont se nkun l-ewwel kelliem f'din is-seduta li bdiet fit-8.30 a.m, ħsibtlu daqsxejn qabel! Jien nistedinkom tiġu l-Għargħur. Biex toħroġ mill-Għargħur hemm tliet toroq; waħda twasslek lejn Baħar iċ-Ċagħaq, l-oħra lejn in-Naxxar u l-oħra lejn in-naħa ta' San Ġwann. Madankollu, biex toħroġ mill-Għargħur, trid iddum mill-inqas 25 minuta! Jiġifieri aħna ma nistgħux nibqgħu ninjoraw il-problema tat-traffiku, u qed insemmi t-traffiku minħabba li qed nara x'inhu jiġri fl-ispiża kapitali.

Jien nissuġġerixxi ħaġa waħda biss; li minflok noqogħdu nagħmlu ħafna riflessjonijiet u dibattiti nkunu oġġettivi u loġiċi. F'Malta hawn 250,000 ruħ jaħdmu? Iva jew le? Jien nemmen li f'Malta hawn 250,000 ruħ jaħdmu. U intom li qegħdin f'din il-Kamra kif ukoll intom li qed issegwuna, taħsbu li llum kull persuna f'Malta li taħdem taħli siegħa kuljum fit-traffiku?! Jien naħseb li kull persuna li taħdem f'dan il-pajjiż taqbel li taħli siegħa kuljum fit-traffiku. Mela jekk naqbdu 250,000 siegħa u niddividuhom b'40 siegħa - li jiswew daqs ġimgħa xogħol – insibu li kuljum aħna qed naħlu 6,250 ġimgħa ta' produttività! Issa hawnhekk jien m'iniex qiegħed inqis ukoll il-fuel li qiegħed jinħela. M'iniex inqis x'inhu jiġri fil-klima b'dak id-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) u lanqas mhu qiegħed inqis il-frustrazzjoni li hawn fil-pajjiż.

Għalhekk iva, l-aspirazzjoni tal-Maltin u l-Għawdxin hija li jibdew jaraw soluzzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa, mat-traffiku u mal-edukazzjoni. Dawn huma l-aspirazzjonijiet tal-Maltin. Jiġifieri ejjew ma nitilqux niġru u naħsbu li għax lil xi ħadd tajnieh €12.81 jew lil xi ħadd tajnieh xi ħaġa oħra apparti ċ-children's allowance, solvejna l-problema. Nerġa' ngħid li dawn it-tip ta' allowances u benefiċċji huma kollha tajbin, però billi inti tajt dawk il-flus ma jfissirx li solvejt il-problemi għax il-problemi hemm għadhom u jekk m'aħniex se nindirizzawhom, se jkomplu jikbru.

Wieħed jieħu pjaċir jara s-suċċess li kisbet SiGMA l-ġimgħa li għaddiet. Dażgur li tieħu pjaċir! Mhux ovvja li tieħu pjaċir?! Jekk tkun Malti li tħobb lil pajjiżek tieħu pjaċir tara dan is-suċċess, irrispettivament minn jekk intix ġej minn din in-naħa jew inkella min-naħa l-oħra tal-Kamra. Jien Nazzjonalist, u għalhekk ħadt pjaċir nara s-suċċess li kisbet SiGMA l-ġimgħa li għaddiet. Mela għax jien Nazzjonalist, allura ma niħux pjaċir?! Dik kienet attività ta' suċċess għal pajjiżi. Imma mbagħad, min-naħa l-oħra, ma niħux pjaċir nara lill-pajjiż wieqaf minħabba t-traffiku li ġie kkawżat minn SiGMA! Jien kont sinċier meta għedt li ħadt pjaċir bis-suċċess miksub minn SiGMA, għal liema attività attendew xi 22,000 ruħ, imma issa ejjew ma naħbux il-biċċa l-oħra tal-verità, jiġifieri dik li l-pajjiż waqaf minħabba t-traffiku. Però minkejja dan kollu, hawn ġew qisu ma ġara xejn u sar kollu xejn mhu xejn! Issa hawnhekk jien qed ngħid għall-Membri taż-żewġ naħat tal-Kamra għax ħadd ma jrid jitkellem bis-serjetà. Qed naħsbu li billi nagħmlu t-toroq qed insolvu l-problemi!

Imbagħad hemm ukoll il-problema tal-infrastruttura. Dalgħodu stess qrajt artiklu fit-*Times of Malta* li din is-sena diġà lħaqna xi 2 miljun turist. Dan huwa kollu tajjeb u ma tistax tgħidlu ħażin, għax li jżuru lil pajjiżek xi 2 miljun turist fis-sena huwa tajjeb. Però x'inhu jiġri f'dik li hija infrastruttura? U x'inhu jiġri f'dak li hu skart? Malta tiflaħ għal dawn in-nies kollha? Dawn huma l-mistoqsijiet li rridu nagħmlu, u dawn huma d-deċiżjonijiet ta' toqol li kwalunkwe gvern, kwalunkwe oppożizzjoni u kwalunkwe parlament għandu jieħu. Jekk aħna verament irridu l-ġid għal dan il-pajjiż, dan hu li rridu niddiskutu hawn ġew! U mela f'dibattitu ta' sagħtejn nagħmlu tliet kwarti nqajmu points of order u tgħajjir lejn xulxin?! Dan hu li jridu n-nies?! Dan hu li se jsaħħaħ il-kwalità tal-ħajja f'dan il-pajjiż?! Dan hu li se jraħħas il-cost of living f'dan il-pajjiż?! Din hija l-attitudni li għandna nieħdu biex intejbu l-ħajja ta' wliedna?! Jien naħseb li dak li għandna bżonn verament huwa li ndawru t-tmun.

Għalhekk, Sur President, issa se niġi għal dik il-parti li nispera li l-Membri tan-naħa l-oħra jagħtuna widen għaliha. Meta l-Partit Nazzjonalista qiegħed jitkellem fuq mudell ekonomiku ta' eċċellenza - u hawnhekk ikun hawn ħafna battibekki politiċi, però dawk jien ninjorahom kompletament għax qatt ma rrid naqa' f'dik in-nassa - qiegħed jitkellem fuq strateġija bi tmien pilastri.

L-ewwel nett aħna qed nitkellmu fuq 'business continuity' għall-fini tal-popolazzjoni. Illum waħda mill-aspirazzjonijiet li għandu l-poplu Malti hi li l-popolazzjoni ta' Malta ma tibqax tikber kif kibret matul dawn l-aħħar għaxar snin. Staqsu lin-nies, u jekk qed nigdeb, ma niddejjaq xejn li tgħiduli b'mod pubbliku: "Ivan J. Bartolo, int giddieb!" Però jien ċert li l-poplu, sew jekk jivvota aħmar, sew jekk jivvota blu, sew jekk jivvota aħdar u sew jekk jivvota isfar, qed jagħmilha ċara lil dan il-Parlament li ma jistax jaċċetta li jibqa' jara lill-popolazzjoni tagħna tikber.

Hawnhekk ta' min jirrimarka wkoll li mhux biss il-Partit Nazzjonalista qed jgħid li għandna bżonn inbiddlu l-mudell ekonomiku imma l-imsieħba soċjali kollha qed jgħiduh dan, filwaqt li qed jgħidu wkoll li għandna niffokaw fuq il-kwalità u

mhux fuq il-kwantità. Għalhekk meta nitkellmu fuq 'business continuity', xi nkunu rridu nfissru? L-ewwel nett tajjeb ngħidu li aħna ma nistgħux inqumu għada filgħodu u nkeċċu lil kulħadd minn Malta, qisna qed nitfu xi swiċċ! Ma tarax! U n-negozjant Malti x'se jagħmel jekk f'daqqa waħda nkeċċu lil kulħadd? Lill-Ministru ngħidlu li hemm bżonn naraw x'inhu jiġri bil-work permits.

Hemm bżonn naslu f'sitwazzjoni fejn il-work permit tal-barrani li qed jaħdem f'pajjiżna jkun tiegħu jew tagħha u mhux ikun f'idejn min iħaddimhom, li jgħidilhom: "Jew toqogħdu għal li ngħid jien jew il-work permit ma mmexxihulkomx!" Tkellem man-nies li qegħdin jaħdmu Malta, Ministru! Tkellem mal-Filippini u mal-Indjani li qed jaħdmu Malta u ara x'jgħidulek! Mela b'business continuity rridu nfissru li naqbdu l-barri minn qrunu u verament niġu organizzati bil-work permits, hekk kif ukoll nagħmlu taħriġ introduttiv għal dawn in-nies. Jien għandi membru tal-familja li tinsab ġo sodda f'Roseville Nursing Home, u din tgħidilna li meta tgħid lill-persuna li qed tieħu ħsiebha, li hi barranija, li għandha uġigħ ta' ras jew inkella li qed juġgħuha saqajha, din ma tifhimhiex.

Meta aħna nitkellmu fuq korsijiet introduttivi ta' taħriġ u fuq it-tagħlim li għandu jingħata dwar dak kollu li lilna jagħmilna Maltin ma nkunux qed ngħidu ċ-ċuċati! Ma jistax ikun li l-ħaddiema barranin li jiġu f'pajjiżna jibqgħu sejrin fuq il-post tax-xogħol mill-airport stess! Jekk jien immur naħdem f'post ġdid, il-probabbiltà hi li l-ewwel jumejn tiegħi f'dak il-post se jkunu jumejn ta' introduzzjoni biex inkun nista' nifhem kif il-kumpanija tiffunzjona. Għalhekk għandna bżonn 'business continuity', għandna bżonn norganizzaw il-work permits, u għandna bżonn nitkellmu b'mod ċar dwar fejn irridu li jmur il-pajjiż, għax hija ċara daqs il-kristall li nfqajna!

Sur President, meta kien qed jagħmel id-diskors tiegħu, il-Prim Ministru qal lil dawk in-nies li jikru l-appartament tagħhom lil aktar minn sitta min-nies, jiġifieri lil dawk li jikru l-appartament tagħhom lil tmienja, għaxra, 20 u saħansitra 30 persuna, u qal ukoll lit-'temps', biex insejħilhom eżatt kif sejħilhom il-Prim Ministru, li time's up, jien ngħidlu: About time li time's up! Il-verità hi li din qatt ma jmissha ġrat f'dan il-pajjiż. Imma issa billi qed ngħidu "time's up", it-time's up xi jfisser għal dawk in-nies li llum qed jikru u għandhom xi 20 ruħ fl-appartament tagħhom? U t-time's up xi jfisser għall-20 ruħ li qegħdin jgħixu f'dak l-appartament? Għax probabbilment dawk l-20 ruħ li qegħdin jgħixu f'dak l-appartament qegħdin iħallsu €100 fix-xahar kull wieħed, u allura qed iħallsu bejniethom €2,000 fix-xahar għal dak l-appartament.

Issa jekk dawn l-20 ruħ se jitnaqqsu għal sitta min-nies, dawn is-sitta min-nies kemm iridu jibdew iħallsu għal dak l-appartament? Jekk dawn is-sitta min-nies jaqilgħu bejn €5,000 u €10,000 fis-sena se jkunu jifilħu jħallsu l-kera ta' dak l-appartament ? U dak li qiegħed jikri l-appartament €2,000 fix-xahar x'se jiġri minnu? U 't-temps' x'se jkun qed jiġri minnhom? Mela huwa faċli ħafna li noħorġu bil-messaġġ popolist "Time's up!" Il-Prim Ministru qed jgħidilna: "Ara kemm jien raġel jien, ħadt deċiżjoni li time's up!" Imma jien nistaqsi: X'inhu l-ħsieb wara dak 'it-time's up'? U kif se tikkoreġih l-iżball li sar, Prim Ministru? Qabelxejn ejjew nammettu li dan kien żball - għax dan kien żball - u intom tafu li dan kien żball. Hemm barra kulħadd jaf li dan kien żball, jiġifieri ma jistax ikun li dan jafu kulħadd u ma tafuhx intom! Jafuh 'id-dilettanti' ta' din in-naħa u mbagħad ma jafuhx il-professjonisti?!

Aħna tkellimna wkoll fuq Brand Malta. Forsi n-nies ma jafux, imma f'Malta għandna banek li qed jipprovaw jinbiegħu, u nista' ngħid ċar u tond li hemm problemi kbar biex dawn il-banek jinbiegħu. Għaliex? Aktar kmieni jien għedt li l-Baġit mhuwiex komplut, u għedt hekk għax Malta għandha bżonn tinvesti fi proġett li jismu "Brand Malta" minħabba li llum pajjiżna għandu ċerti sfidi - u hawn m'iniex qed nuża l-kelma "problemi" - relatati mar-reputazzjoni u mal-integrità kif ukoll minħabba li m'għadux business-friendly. Jien nistedinkom biex titkellmu ma' dawk li jieħdu ħsieb il-bonds u l-istrumenti finanzjarji hawn Malta ħalli taraw x'inhu jiġri. Il-banek ġew f'sitwazzjoni fejn kważi tilfu kull interess! Mela jekk ninvestu fi Brand Malta, hemm ħafna xi jsir, u dak hu li qiegħed jgħid il-Partit Nazzjonalista. Aħna dan qed ngħiduh mil-lum minħabba li jkun kollu għalxejn li l-poplu jagħtina l-fiduċja tiegħu tliet snin oħra u dan il-proġett jinbeda tliet snin oħra għax imbagħad ikun tard wisq għal dan il-pajjiż. Illum intom qegħdin fil-Gvern, intom għandkom ir-responsabbiltà, intom għandkom it-tmun f'idejkom, u intom għandkom dik is-saħħa li l-poter ta' gvern iġib miegħu! Brand Malta huwa importanti ħafna bħala proġett, però jrid ikollu l-appoġġ finanzarju, ir-riżorsi u miri u indikaturi ta'

operat (KPIs) ċari, dwar kif se nerġgħu npoġġu lil dan il-pajjiż fuq il-mappa dinjija.

Tkellimna anke fuq l-istart-ups. Issa hawn ma rridx ngħid li min-naħa l-oħra ma nisimgħu xejn fuq l-istart-ups għax inkella nkun giddieb, però naħseb li wasal il-mument li nagħtu definizzjoni konkreta ta' x'nifhmu bil-kelma "start-ups" għax hemm hu l-qofol ta' kollox. L-istart-ups m'għandhomx bżonn flus biss, u l-ammont ta' flus li għandhom l-istart-ups illum ma jammontawx sa €100,000. M'ilux konna f'kumitat u meta tara l-ammont tal-fondi Ewropej li hemm allokat, u kif dan irid jinqasam bejn il-kumpaniji, tinduna li l-iżjed li jistgħu jieħdu dawn il-kumpaniji ... Fil-verità dawn huma somom tajbin ukoll, u dak kollu li tieħu huwa tajjeb, però mhuwiex biżżejjed. Ministru, qed nieħu pjaċir li qegħdin nikkomunikaw, però jekk tara l-istorja tal-kumpanija li kont immexxi jien issib li aħna kellna bżonn 'il fuq minn €15-il miljun biex ħadna l-prodotti minn Malta b'suċċess u begħniehom lin-National Health Service (NHS) tal-Ingilterra.

Meta jien qed nitkellem fuq l-istart-ups m'iniex qed ngħid li m'aħna nagħmlu xejn jew inkella li €1 miljun mhuwiex tajjeb. Jien qed ngħid li €1 miljun huwa tajjeb ħafna, però mhuwiex biżżejjed, u qed ngħid ukoll li hemm affarijiet oħra x'nistgħu nagħmlu. Huwa veru li ħadd ma jsib il-flus barra u l-istart-ups iridu jirsistu, però kemm ilna nitkellmu fuq l-iskills bank, kemm ilna nitkellmu fuq il-possibbiltà li l-Gvern isir 'the early adopter', u kemm ilna ngħidu li nistgħu noħolqu skema ta' investituri strateġiċi hawn Malta? Dawn l-affarijiet jien ilni nsemmihom kemm ilni f'dan il-Parlament.

Sur President, taf kemm hemm negozjanti li għandhom il-flus u jixtiequ jinvestuhom? Li kieku noħolqu inċentivi ta' veru, fosthom skemi li jinkoraġġixxu investiment għal dawn l-istart-ups, u minflok ma nibqgħu ninvestu fil-proprjetà biss, nibdew ninvestu fit-teknoloġija u f'affarijiet oħra, ikollna riżultati aħjar. Il-Ministru qed jagħmilli sinjal li dawn l-affarijiet diġà jeżistu. Jista' jkun li jeżistu fuq il-karta, u jekk jeżistu, huwa tajjeb li tippromwovuhom dawn l-iskemi Tinsewx ukoll kemm hu importanti l-iskills bank. Aħna tkellimna wkoll fuq l-involviment tal-imsieħba soċjali filwaqt li għamilnieha ċara li l-Gvern għandu jkun facilitator għall-imsieħba soċjali. Ir-rwol ta' facilitator huwa li jimmaniġġja l-proċess mingħajr ma jinfluwenza l-kontenut. Qed ngħid dan għax jien għandi proposti mingħand l-imsieħba soċjali Maltin, li jien ninsab ċert li l-Ministru u anke l-Gvern għandhom bħalhom, fosthom mingħand il-Malta Chamber of Commerce, il-Malta Chamber of SMEs, il-Malta Hotels and Restaurants Association (MHRA) u l-Association of Catering Establishments (ACE). Fejn spiċċaw il-proposti ta' dawn in-nies? Fejn jinsabu f'dan il-Baġit?

Il-Baġit kien biss eżerċizzju soċjali. Nerġa' ngħid li kien eżerċizzju soċjali tajjeb, imma mhuwiex biżżejjed. Meta inti tkun trid tinvolvi lill-imsieħba soċjali, trid tagħti d-dritta lill-ispeċjalisti u lill-esperti biex b'kunsens flimkien magħhom tibni l-mudell ekonomiku l-ġdid li dan il-pajjiż għandu bżonn. Jekk il-Gvern irid ikun verament facilitator mal-imsieħba soċjali, huwa għandu jbiddel l-attitudni tiegħu u jitkellem magħhom. Jien illum nistieden lill-Gvern biex joħroġ jitkellem fil-Fintech, jitkellem fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, jitkellem fil-qasam tal-iGaming u jitkellem f'dawk l-industriji eżistenti kollha li ilhom 30 sena jipprovdu l-ġid u jfornu figuri sbieħ lil dan il-pajjiż, kemm taħt Gvern Nazzjonalista u anke taħt Gvern Laburista. Prosit lil kulħadd, però issa wasal iż-żmien li jinħolqu workshops bis-serjetà u ssir analiżi dwar is-saħħa, id-dgħufija, l-opportunitajiet u l-isfidi (SWOT) biex naraw x'jeħtieġu dawn l-industriji bil-għan li jerġgħu jingħataw il-ħajja.

Aħna bħala Partit Nazzjonalista tkellimna anke fuq industriji ġodda. Hemm bżonn li Malta twettaq eżerċizzju ta' reklamar bis-serjetà għax pajjiżna hemm barra għandu l-problemi, u huwa inutli li noqogħdu nħarsu ħafna lejn ċerti rapporti. Jien illum se nagħmel numru ta' mistoqsijiet hawn ġew li m'hemmx għalfejn tagħtuni risposta għalihom. Kemm qed jiġu investituri ġodda? Kemm hemm applikazzjonijiet? X'ġara fil-gaming? X'qed jiġri fl-investiment? X'qed jiġri fil-qasam tal-investiment dirett barrani (FDI)? Hawn ma nistax ma nsemmix ukoll dik l-inċertezza li ħallejna f'dak li għandu x'jaqsam mal-qafas tas-sistema tat-taxxa. Qed nara lill-kollega tiegħi l-Onor. Chris Bonett. Madwar ġimgħa ilu nzertajna konna f'Kumitat flimkien, fejn kien hemm preżenti nies mill-Unjoni Ewropea li tkellmu fuq 'transfer pricing' u fuq 'arm's length trading' filwaqt li aħna, min-naħa tagħna, staqsejna x'se jiġri fir-rigward tas-sistema tat-taxxa.

Għaliex, Sur President? Għax ittieħdet id-deċiżjoni li nipposponuha għal sitt snin oħra. Jien m'iniex qed ngħid jekk naqbilx jew le mal-posponiment, imma rridu nifhmu xi jfisser dan il-posponiment. Jiddispjaċini ngħid! Il-Ministru min-naħa l-oħra qed jagħmilli sinjal li "le". Jalla le, imma l-informazzjoni li għandi mingħand Ministru ieħor, li huwa kollega tiegħek, hija li ttieħdet id-deċiżjoni li nipposponuha għal sitt snin oħra. (Interruzzjonijiet) Issa l-Ministru qed jgħidli li ġiet posposta għal sena oħra. Mela jekk hu b'sena, tajjeb, għax allura dak li ntqal fil-Kumitat jista' jiddaħħal. Lili xi ħadd qalli li ġiet posposta għal sitt snin oħra biex forsi … (Interruzzjonijiet)

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Il-midja qalet hekk!

**ONOR. IVAN J. BARTOLO:** Eh, il-midja qalet hekk! Lili Ministru qalli hekk, però ma jimportax! Biex nipprova nikkonkludi dan l-intervent b'mod pożittiv, jien li qed ngħid huwa dan. Huwa d-dmir tagħna li meta nħarsu lejn it-tazza, ngħidu li hija nofsha mimlija u mhux nofsha vojta. Mhux kollox huwa ħażin f'dan il-pajjiż, imma f'dan il-pajjiż hawn problemi serji. Intom tafu iżjed minni li hawn problemi f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa, mal-edukazzjoni u mat-trasport. Hawn problemi f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskart u mal-enerġija. Fi ftit kliem, dan il-pajjiż għandu ħafna sfidi.

Fl-aħħar nett, Sur President, jien nitlob minn qalbi lill-Membri ta' dan il-Parlament biex juru ħafna iżjed maturità. Minflok ma naħlu l-ħin tagħna nitfgħu t-tajn lil xulxin, ikun aħjar jekk infornu lil xulxin b'ideat ġodda għax il-ħin ma jistenna lil ħadd u l-pajjiż żgur ma jaffordjax jagħmel tliet snin oħra jkarkar bis-sistema ta' "more of the same" jiġifieri "iktar mill-istess ħaġa". Il-pajjiż ma jistax jaffordja li jibqa' sejjer f'dik il-linja. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, bħal dejjem segwejt b'attenzjoni d-diskors tal-kollega tiegħi l-Onor. Ivan J. Bartolo, li nirringrazzjah u nifraħlu wkoll, għax naħseb illi dawn huma t-tip ta' diskorsi li l-poplu Malti jrid jisma', mhux biss f'dan l-Parlament imma wkoll fid-dibattiti li jkollna fuq it-televiżjoni jew fuq mezzi oħra tal-midja. Għalhekk ejjew nibagħtu dan il-messaġġ ta' maturità li għamel l-Onor. Ivan J. Bartolo fl-aħħar tad-diskors tiegħu biex in-nies jerġgħu jibdew jaraw lilna l-politiċi bħala persuni kredibbli.

Sur President, il-Ministru responsabbli mill-ekonomija għandu rwol importanti. Ħafna jqisu lill-ministru responsabbli mill-finanzi bħala l-aktar ministru importanti għax kulħadd iħabbatlu l-bieb u mbagħad ikun hu li jqassam il-fondi. Però r-rwol tal-Ministru responsabbli mill-ekonomija huwa importanti wkoll, speċjalment meta wieħed iqis l-isfidi li għandu pajjiżna llum. Huwa importanti li l-ministru responsabbli mill-ekonomija jkun jaf x'qed tagħmel l-id ix-xellugija u x'qed tagħmel anke l-id il-leminija. Il-ministru responsabbli mill-ekonomija jrid jifhem illum aktar minn qatt qabel li ma jistax ikun li madwaru, mal-mejda tal-Kabinett, ikun hemm min jidhirlu li jista' jibqa' għaddej u jgħid li jrid, għax fl-aħħar mill-aħħar, jekk jiġri hekk, il-pajjiż kollu se jkun qed ibati.

Sena ilu kont wassalt l-istess messaġġ f'dan id-dibattitu u kont ħeġġiġt li nibagħtu messaġġ ta' maturità bis-serjetà, però jiddispjaċini ngħid li naħseb illi fallejna milli nagħmlu dan. Għalhekk, filwaqt li jien se nkompli fuq l-istess linja ta' diskors li kien qed jagħmel il-kollega tiegħi l-Onor. Ivan J. Bartolo, bħala kelliem tal-Oppożizzjoni għandi wkoll l-obbligu li nwassal dak li qed jgħidu l-SMEs, is-self-employed u l-koperatttivi, li huma għal qalbi ħafna. Jien naħseb li matul dawn l-aħħar ġranet aħna l-Membri tal-Oppożizzjoni ngħatajna raġun għal dak li ilna ngħidu, u anke hawnhekk jien nistenna u nittama li nuru maturità.

Ejjew inwaqqfuha din it-tip ta' narrattiva li tagħkom kollox ħażin filwaqt li tagħna kollox tajjeb u viċeversa! Illum il-Kamra tal-Kummerċ u l-Malta Chamber of SMEs, li huma ż-żewġ entitajiet li jirrappreżentaw l-aktar faxxa wiesgħa ta' ħaddiema f'pajjiżna, apparti l-ħaddiema taċ-Ċivil, qed jgħidulna li għalkemm dan il-Baġit għandu miżuri soċjali tajbin, qed juri nuqqas ta' pjan fit-tul. Ma nistgħux naffordjaw li meta għandna tant sfidi quddiemna, din is-sena nerġgħu ngħaddu minn sena oħra b'nuqqas ta' pjan fit-tul għax inkella nkunu qed nitfgħu iktar piż fuq min ġej warajna.

Ministru, inti bħali tiltaqa' man-nies u għalhekk taf li n-negozjanti b'dan il-Baġit problemi

kellhom u problemi għad għandhom. Insemmu s-sussidji. Imma jien nistaqsi: X'jiġri jekk dawn jieqfu minħabba li titfaċċa xi kriżi fil-prezz taż-żejt, kif ġara fl-imgħoddi? Issa, ġaladarba qed insemmi l-imgħoddi, nixtieq ngħaddi daqsxejn ta' battuta billi ngħid li ma nistax nifhem kif niġu hawnhekk 11-il sena wara u l-Prim Ministru kif ukoll il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol jibqgħu jsemmu x'kien jiġri bejn l-2012 u l-2013!

Waqt li kont qed nipparteċipa f'dibattitu fuq it-televiżjoni jien ikkwotajt silta mill-ġurnal *Malta Today*. Din is-silta se nerġa' nirreferi għaliha hawnhekk ukoll biex tiġi reġistrata anke f'din il-Kamra. Fl-2011 pajjiżna kellu lill-President Emeritu George Abela, li nsellimlu minn hawnhekk, u dak iż-żmien meta kien qed ikellem lill-ambaxxaturi Maltin, filwaqt li qalilhom kemm kien qed jieħu pjaċir li pajjiżna ħa ċerti miżuri f'dawk il-mumenti ta' sfida, qalilhom ukoll li l-qgħad f'pajjiżna baqa' fost l-inqas fl-Ewropa u li rnexxielna nibqgħu nattiraw anke investiment barrani.

Imbagħad illum jiġi l-Prim Ministru Robert Abela, flimkien mal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, u jikkwotalna x'kien jgħid fuq l-ekonomija l-Ministru ta' dak iż-żmien. Min qed jgħid il-verità? Ma stajtx ma nagħmilx dan il-punt ġaladarba qed nitkellmu fuq il-maturità u l-kredibbiltà. Meta kien President ta' Malta fl-2011, il-President Emeritu George Abela kien qal li minkejja l-kriżi fl-Ewropa u fid-dinja, pajjiżna baqa' jattira l-investiment barrani. Issa ejjew ma ninsewx lanqas li dak iż-żmien, fost oħrajn, kellna wkoll il-bdil tal-munita tagħna għall-ewro. Madankollu, illum il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għoġobhom imorru lura għal dak iż-żmien u l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol beda saħansitra jikkwota paragrafu jew tnejn mill-Baġit ta' dak iż-żmien.

Ma nafx jekk din qattx ġrat f'dan il-Parlament, imma apparti, ejjew nibagħtu l-messaġġ li jekk dak iż-żmien kellhom jingħelbu ċerti sfidi għandna nirrikonoxxu d-deċiżjonijiet li kienu ttieħdu dak iż-żmien u mhux nibqgħu bil-mentalità li dak li sar ilbieraħ kien kollu ħażin filwaqt li dak li qed isir illum huwa kollu tajjeb. Nerġa' ngħid li l-argumenti li qed tagħmel l-Oppożizzjoni llum huma msaħħa b'dak li qegħdin jgħidu l-imsieħba soċjali. Pereżempju, fost oħrajn, illum il-Malta Chamber of SMEs qed tgħid li għandna sfidi ewlenin li qed jifgaw lin-negozji f'pajjiżna kif ukoll li hemm kriżi serja fil-qasam tal-impjiegi li huwa ssoffokat bil-burokrazija u li s-sitwazzjoni tat-traffiku hija inaċċettabbli.

Huwa importanti wkoll li l-kritika li qed tagħmel in-naħa tal-Oppożizzjoni tasal għand il-Ministru konċernat biex jibdew jittieħdu l-miżuri neċessarji u forsi nibdew intaffu s-sitwazzjoni. Il-kollega tiegħi l-Onor. Ivan J. Bartolo semma l-figura ta' 250,000 ħaddiem u kemm nistgħu niffrankaw ħin u flus jekk intaffu l-problema tat-traffiku. Huwa semma wkoll li biex wasal hawnhekk telaq mid-dar fis-7.00 a.m. Fil-fatt jien tlaqt mid-dar fis-6.30 a.m. biex wasalt hawnhekk, u m'iniex qed niċċajta. Issa jien mill-Mellieħa u għalhekk b'xi mod din nifhimha, imma kif ġieli kelli ċ-ċans ngħid f'dibattiti oħra, ma jistax ikun li meta jinqalgħu t-toroq ma jkunx hemm pjan fuq kif se jiġi ddevjat it-traffiku.

Għalhekk huwa importanti li nagħtu kas x'qiegħda tgħid il-Malta Chamber of SMEs f'dan ir-rigward. Il-Kamra tal-Kummerċ, li hija entità rispettabbli f'dan il-pajjiż, qalet li hemm nuqqas ta' pjan fit-tul, u anke hawn, dan huwa l-istess diskors li għedna aħna qabel il-Baġit. Apparentement anke l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol kien qal li hemm bżonn tibdil fil-mudell ekonomiku ta' pajjiżna. Allura għaliex qed nibqgħu nippersistu u nieħdu d-deċiżjonijiet mil-lum għal-lum ġaladarba aħna għandna l-obbligu li nagħtu futur aħjar lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna? Ejjew inżommu quddiem għajnejna li kull ċenteżmu dejn li qed jagħmel dan il-pajjiż qed nitfgħuh fuq min ġej warajna.

Sur President, nixtieq inkun naf ukoll jekk il-Gvern hux qed jonfoq biżżejjed flus għall-qasam tal-innovazzjoni, inkluż fil-Baġit, għax donnu xi kultant ninsew li qegħdin ngħixu fis-sena 2023. Mhuwiex biżżejjed li nitkellmu fuq żvilupp ekonomiku sostenibbli, iżda rridu naraw ukoll li jkun hemm vot b'saħħtu f'dak li għandu x'jaqsam ma' innovazzjoni u taħriġ għax b'hekk inkunu qed ninvestu fil-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Fost dawk li taw ir-reazzjonijiet tagħhom għall-Baġit kien hemm il-UĦM li qalet li dan il-Baġit kien nieqes minn miżuri ekonomiċi fit-tul u allura dan ukoll ipoġġi fuq il-Ministru ċerta responsabbiltà fis-sens illi, kif għedt diġà, huwa importanti li meta jittieħdu d-deċiżjonijiet anke fuq livell ta' Kabinett, l-id il-leminija tkun taf x'inhi tagħmel l-id ix-xellugija.

Sur President, għal dak li għandu x'jaqsam mal-inflazzjoni, ikun hawn hawn min jitfa' lil kulħadd f'keffa waħda. Ikun hawn min jirreferi għan-nies kollha tan-negozju bħala ħallelin li qed jisirquna ħajjin. Issa jien naħseb li anke hawnhekk, hemm bżonn li jsir inforzar serju kif ukoll li jkun hemm kordinament bejn ministeri differenti biex naraw min qed jabbuża, iżda min-naħa l-oħra m'għandniex nitfgħu lil kulħadd f'keffa waħda. Iva, fil-qasam tan-negozju hemm min jabbuża, bħalma hemm min jabbuża fi kwalunkwe qasam ieħor, imma mhux sew li nitfgħu lil kulħadd f'keffa waħda.

Kif diġà għedt ukoll f'battuta li kelli, jien nixtieq li jkun hemm xi ħadd li jfehemni kif f'daqqa waħda, skont dak li qal il-Prim Ministru stess, hekk, ħabta u sabta, mediċina partikolari torħos b'50%. Jiġifieri x'kien qed jiġri matul ix-xhur u s-snin li għaddew? Kien hemm xi ħadd li kien qed jiċċarġja aktar milli suppost? Jista' xi ħadd ifehemni kif sempliċement b'daqqa ta' pinna u b'kumment li sar fil-Parlament insiru nafu li mediċina partikolari ... Issa kemm hawn minna li jużaha mhuwiex importanti, għax kull min għandu bżonn dik it-tip ta' mediċina, għalih huwa importanti li torħos, biex ħadd ma jifhimni ħażin. Imma l-fatt li f'daqqa waħda l-prezz ta' din il-mediċina roħos b'50% juri li xi mkien kien hemm xi ħaġa ħażina. Hawnhekk irrid insemmi wkoll li l-Oppożizzjoni tat xi suġġerimenti lill-Gvern biex tgħinu jtaffi l-piż tal-impatt internazzjonali li jista' jkun hawn fuq l-inflazzjoni, u għalhekk jien ngħid lill-Membri tal-Gvern: "Agħmluhom tagħkom dawk is-suġġerimenti!" Aħna ma niddejqux jekk twettqu s-suġġerimenti li ħriġna bihom aħna, imma jekk dawn is-suġġerimenti huma tajbin għidu li huma tajbin, għax hekk jixraqlu dan il-pajjiż.

Sur President, ma nistax nikkonkludi dan l-intevent qasir tiegħi jekk ma nitkellimx ftit fuq il-koperattivi. Jekk għadu jiftakar il-Ministru, sena ilu, jien, minn din il-Kamra stess, kont għedtlu li aħna bħala Oppożizzjoni lesti li nikkontribwixxu u kont għedtlu wkoll li se nkun qed nistenna li jsiru l-emendi neċessarji sabiex tiġi aġġornata l-liġi li ilha staġnata mis-sena 2000. Dakinhar minn din il-Kamra kien qalli li kien se jibgħat għalija biex nitkellmu. Fil-fatt jien nista' nikkonferma li ġimagħtejn wara kien bagħat għalija permezz ta' uffiċjal għoli fil-Ministeru tiegħu li llum jinsab preżenti hawnhekk u li minn hawn nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzjah għax-xogħol li twettaq.

Però rrid ngħid li minbarra dik l-okkażjoni, f'sena sħiħa, aħna l-Membri tal-Oppożizzjoni qatt ma erġajna ġejna avviċinati minnhom b'xi mod jew ieħor. Madankollu aħna ma qgħadniex b'idejna fuq żaqqna. Kif jaf il-Ministru, jien bqajt nieħu ħsieb li nitkellem b'mod regolari dwar il-koperattivi. Fil-fatt aħna għamilna saħansitra konferenza nazzjonali f'din il-binja stess, għal liema konferenza stedinna lil dawk kollha li huma involuti fil-koperattivi biex nisimgħuhom, u għalhekk nafu x'inhuma l-aspirazzjonijiet tagħhom. Jien informat ukoll li ftit tal-ġranet ilu - issa ma nafx jekk hux b'kumbinazzjoni jew le, imma aħjar tard milli qatt - uffiċjal għoli fil-Ministeru tiegħu bagħat ittra lill-koperattivi li sa fl-aħħar, f'Jannar li ġej, se jkun qed jibgħat l-ewwel abbozz tal-liġi li qed nirreferi għalih.

Aħna bħala Oppożizzjoni rridu nikkontribwixxu, u huwa għalhekk li bdejt dan l-intervent billi għedt li rrid nibgħat messaġġ ta' maturità. Jien ma rċevejtx din il-korrispondenza, u nittama li se jkun qed jagħtihieli l-Ministru llum, kif nittama wkoll li l-Gvern ma jibqax l-istakeholder ewlieni f'dak li għandu x'jaqsam mal-koperattivi. Il-Gvern għandu jkun dak li jsegwi iktar milli jkun dak li jiddeċiedi. Il-Gvern għandu jassigura li jkun hemm awtonomija sħiħa f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmexxija tal-koperattivi. Dan huwa settur li qed jagħti kontribut lil pajjiżna, imma jien nemmen li jista' jagħti kontribut ħafna akbar.

Taħt dan il-Ministeru jaqgħu wkoll il-fondi Ewropej, u jien nixtieq li anke l-koperattivi jkollhom aċċess għall-fondi Ewropej. Forsi llum il-koperattivi diġà għandhom aċċess għal dawn il-fondi, imma jien ngħid li hemm ftit u għalhekk jalla nkomplu nżidulhom dawn il-fondi bil-għan li nagħmlulhom ħajjithom iktar faċli. Naturalment, l-istess nista' ngħid għall-SMEs u għas-self-employed, imma bħalissa qed niffoka fuq il-koperattivi. Nittama wkoll li l-Gvern ikollu mudell ta' kif jitħaddmu l-koperattivi barra minn xtutna. Nispera li ma jkollniex xi mudell uniku li jkun esklużivament għal pajjiżna għax inkella nkunu qed immorru minn ġot-taġen għal ġon-nar!

Sur President, l-istess stedina li għamilt lill-Gvern nagħmilha wkoll lill-koperattivi, għax hija x-xewqa tiegħi li nara ż-żewġ organizzazzjonijiet ewlenin madwar mejda ħalli mbagħad inkunu nistgħu nieħdu l-aħjar deċiżjonijiet. Hawnhekk jien se nagħmel l-istess appell li għamilna bħala Oppożizzjoni matul dik il-konferenza li għadni kif irreferejt għaliha. Inħeġġeġ lill-Gvern sabiex

jieħu l-aħjar deċiżjonijiet, jiġifieri dawk li aħna se nkunu qed immexxu 'l quddiem. Fil-fatt jien nixtieq li niġu hawnhekk u nkunu aħna stess li nissekondaw l-abbozz ta' liġi li issa jien ġejt informat li se jkun qed jitressaq għall-konsultazzjoni mal-koperattivi f'Jannar li ġej.

Sur President, se nikkonkludi hawnhekk għax għad fadal numru ta' kelliema li jixtiequ jagħmlu l-intervent tagħhom, però nittama li dan id-diskors li għamilt ma jaqax fuq widnejn torox. Jien ma ġejtx hawnhekk biex b'xi mod nattakka jew nipprova nirredikola lil xi ħadd, iżda ġejt hawnhekk ġenwinament għax matul il-perjodu li fih ġejt misluf dan is-siġġu jien irrid nikkontribwixxi fl-aħjar interess ta' pajjiżna, irrispettivament minn jekk iniex man-naħa tal-Gvern jew man-naħa tal-Oppożizzjoni. Hekk kif ħa l-ġurament, il-Ministru tana x'nifhmu li jixtieq jaħdem magħna, però issa jalla li meta tgħaddi din il-leġiżlatura nħarsu lura lejn dak ir-ritratt li ħadna flimkien proprju ftit ġranet biss wara li ġie fformat il-Kabinett u ngħidu li dak ir-ritratt ma tteħidx biss biex tellajnieh fuq *Facebook* imma dak ir-ritratt kien il-bidu tal-ħidma li aħna bħala Gvern u Oppożizzjoni wettaqna flimkien fl-aħjar interess ta' pajjiżna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Rebekah Borg.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Sur President, fl-2016 is-Segretarju Parlamentari ta' dak iż-żmien Deborah Schembri ftaħret dwar kemm se tiżdied it-trasparenza fl-Awtorità tal-Artijiet. Ta' min ifakkar li dak iż-żmien l-artijiet pubbliċi kienu għadhom jiġu amministrati minn dipartiment tal-gvern, però mbagħad permezz ta' liġi ġdida li daħlet dak iż-żmien kienet twaqqfet l-Awtorità tal-Artijiet. Suppost dik il-liġi kellha tneħħi l-approvazzjoni tal-ministru fuq ċerti deċiżjonijiet u tiġi ddelegata lill-Bord, li wieħed mill-membri tiegħu jrid ikun ġej min-naħa tal-Oppożizzjoni. L-Eks Segretarju Parlamentari Deborah Schembri kienet qalet li r-rwol tal-membru tal-Oppożizzjoni kellu jżid it-trasparenza f'din l-Awtorità. Fil-fatt fil-*Malta Today* tas-27 ta' Lulju, 2016 hija ġiet ikkwotata tgħid hekk:

> "It will not be a matter of 'here's what the minister wants, get cracking'… I want users of the Lands Authority to go there with the peace of mind that they are guaranteed a fair deal."

Tajjeb ħafna! Fit-teorija din il-liġi hija tajba ħafna, imma jien bħala Membru tal-Oppożizzjoni fuq dan il-Bord nista' ngħid li r-realtà hija ferm differenti. Sfortunatament xbajt nitkellem fuq l-issue tat-trasparenza fl-Awtorità tal-Artijiet, jiġifieri din żgur li mhijiex l-ewwel darba. Nixtieq li kieku llum ġejt hawn u stajt ngħid li l-affarijiet mis-sena l-oħra 'l hawn tjiebu, però sfortunatament ir-realtà hi li l-affarijiet kważi marru għall-agħar. Issa qabel ma l-Ministru jgħid li miegħi ma taħdimx, bħalma qal is-sena l-oħra, jien ngħidlu li qiegħda hawnhekk biex nagħmel xogħli. Bħalma qal il-kollega tiegħi l-Onor. Ivan J. Bartolo, aħna qegħdin f'dan il-Parlament bħala rappreżentanti tal-poplu. Min jafni, jaf li t-tajjeb jien dejjem għedt li hu tajjeb.

Pereżempju, sal-ġimgħa l-oħra stess f'diskors li għamilt dwar il-konsumatur jien faħħart il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) għax din l-Awtorità twettaq xogħol tajjeb ħafna. Però min-naħa l-oħra mbagħad jien għandi wkoll id-dmir li nitkellem meta nara li l-poplu mhuwiex qed jingħata l-aħjar servizz. Dan l-aħħar il-Qorti stess qalet li l-Gvern mhuwiex qed iħares l-interessi tal-poplu f'dak li jagħmel. Fis-sentenza famuża tal-Vitals Global Healthcare (VGH) fejn ingħataw tliet artijiet minn tal-poplu lil xi ħadd li lanqas biss kellu idea x'inhu jagħmel, il-Qorti qalet ċar u tond li min suppost kellu jħares l-interessi tal-poplu naqas milli jħares dawn l-interessi u minflok aktar kellu għal qalbu l-interessi tal-VGH.

Sfortunatament il-każ tal-VGH mhuwiex l-uniku wieħed fejn ittieħdet l-art tal-poplu. Biżżejjed insemmi l-każ tal-art fl-inħawi tal-Qortin ġewwa l-Mellieħa, il-każ tal-Fortina Hotel kif ukoll il-każ tal-ġnien tal-Gżira fejn hawnhekk il-Qorti użat kliem iebes fil-konfront tal-Awtorità tal-Artijiet. Saħansitra l-Eks Sindku tal-Gżira, li dak iż-żmien kien mal-Gvern, qal li qed jiġu aġevolati interessi privati akkost ta' dan il-ġnien. Il-kawża li nfetħet fuq il-ġnien tal-Gżira ġiet deċiża f'April ta' din is-sena, imma din il-kawża bħal donnha ntrebħet għalxejn għax sal-lum, seba' xhur wara, jidher li l-affarijiet baqgħu kif kienu. Jien, min-naħa tiegħi, nistaqsi biex ningħata xi tip ta' informazzjoni dwar x'se jkun qed jiġri issa li ntrebħet din il-kawża, iżda din l-informazzjoni tibqa' ma tingħatalix.

Sfortunatament dan il-ġnien ma jistax ikompli jiġi żviluppat minħabba li l-Awtorità tal-Artijiet qed twaqqaf lill-Kunsill Lokali tal-Gżira milli

jissottometti applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar. Basta niftaħru bi Project Green, biex imbagħad proġett għal ġnien li hu tant vitali għar-residenti tal-Gżira jibqa' mwaħħal għand l-Awtorità tal-Artijiet għal tliet snin sħaħ, u dan għaliex, skont l-Eks Sindku Laburista tal-Gżira stess, pompa tal-petrol ġiet mogħtija preċedenza assoluta fuq l-interessi komuni tan-nies! Hawnhekk jien nistaqsi: Kif tista' tgħid li għandek l-interess tal-poplu għal qalbek meta tippermetti li jiġru dawn l-affarijiet?

Kif qalet Dr Deborah Schembri, bħala membru tal-Bord jien għandi nkun konxja tal-kwestjonijiet li qed jiġru fil-midja kif ukoll nistaqsi fuqhom. Fl-aħħar mill-aħħar dan huwa l-iskop li jkun hemm membru tal-Oppożizzjoni fuq il-Bord, imma kif diġà semmejt, meta staqsejt fuq file partikolari, irċevejt email mingħand iċ-Chairperson li qalli li l-membri tal-Bord ma jistgħux jaraw files li ma jappartjenux għall-aġenda tal-Bord, u dan meta qabel stajna naraw il-files kollha. Din hija t-trasparenza li tant ftaħret biha Dr Deborah Schembri! Dan mhux biss jien qed ngħidu imma anke l-Ombudsman tkellem fuq il-kwestjoni tat-trasparenza. Fil-fatt, l-Ombudsman ġie rrapportat li qal mit-*Times of Malta* tal-4 ta' Frar, 2023 li ma sabx koperazzjoni mingħand l-Awtorità tal-Artijiet, u hawnhekk se nikkwota din is-silta *verbatim*:

> "The Ombudsman had highlighted in its final opinion in December that the authority "again does not even collaborate with the institution in finding a proper way forward to enhance its administrative role."."

Sur President, is-sena l-oħra meta tkellimt fuq din il-kwestjoni tat-trasparenza, il-Ministru kien qal li lanqas hu m'għandu aċċess għall-files. Minn dak iż-żmien 'l hawn jien tkellimt mal-Bord u dawn qaluli biex nibgħat email lis-segretarja tal-Bord - li tinsab preżenti hawnhekk illum - ħalli jtellgħu din l-issue fuq l-aġenda tal-Bord. Issa hawn ta' min jgħid li din is-segretarja hija wkoll iċ-chief of staff tal-Ministru, jiġifieri jien ma nistax nifhem kif il-Ministru m'għadux aċċess għall-files! Madankollu jien xorta waħda kont kuntenta bil-ftehim li kellna li ntellgħu din l-issue quddiem l-aġenda tal-Bord għax fl-aħħar mill-aħħar li rrid hu li l-Bord iwettaq dmiru u jiddiskuti l-issues li jaffettwaw lin-nies hemm barra, iżda sfortunatament anke hawnhekk weħilna. Konna bdejna niddiskutu l-issues li għandna nitkellmu dwarhom ftit ftit, però ma tawni l-ebda aċċess għal-files u sfortunatament issa lanqas l-emails mhuma qegħdin jirrispondu.

Hawnhekk jien nerġa' nistaqsi: Għalfejn din is-segretezza kollha? Qed nitkellem b'dan il-mod għax meta każ ikun irid jittella' bilfors quddiem il-Bord, jibagħtulna l-aġenda l-Ħadd waranofsinhar jew il-Ħadd filgħaxija, jiġifieri jkolli inqas minn 48 siegħa biex nara patafjun ta' files, li ħafna minnhom ikun fihom mijiet u mijiet ta' paġni. Imbagħad għal ftit mill-każijiet jagħmlulek memo ta' ftit linji u inti jkollok tafda fuqhom. Jien ma nistax nifhem għalfejn dan il-ħabi kollu. Fl-aħħar mill-aħħar, Dr Deborah Schembri stess qalet li l-liġi, il-Bord u l-membru tal-Oppożizzjoni fuq dan l-istess bord qegħdin hemmhekk biex isaħħu t-trasparenza.

Jien m'iniex qed ngħid li kollox għandu jgħaddi minn taħt idejn il-Bord - lanqas xejn - anzi ċerti affarijiet li bħalissa l-Bord qed jagħmel rubber stamp tagħhom m'għandhomx jgħaddu minn taħt idejn il-Bord, għax l-aktar ħaġa li qed turta lin-nies hija l-backlog enormi li teżisti fl-Awtorità tal-Artijiet. Din l-issue nsemmuha sena wara l-oħra għax in-numru ta' persuni li baqgħu javviċinawni minħabba li l-applikazzjonijiet li għandhom quddiem l-Awtorità tal-Artijiet ilhom pendenti snin twal huwa kbir ħafna. Issa hawnhekk ma rridx ninftiehem ħażin, u għalhekk tajjeb li niċċara li m'iniex qed ngħid li huwa tort tal-istaff tal-Awtorità tal-Artijiet li hemm dan il-backlog. Fil-fatt ħafna mill-impjegati ta' din l-Awtorità jwettqu xogħolhom tajjeb ħafna, imma jekk ma jkollokx riżorsi biżżejjed u jekk ikollok moħħok okkupat dwar kif se taħbi l-informazzjoni, kif jista' jkollok proċessi effiċjenti?

Sur President, is-sitwazzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet f'dak li huwa dewmien u xogħol li waqa' lura hija verament tal-biki. Quddiemi jiġu nies litteralment kważi mbikkmin minħabba li ilhom snin twal jistennew li jingħataw imqar xi informazzjoni żgħira. Jistaqsu u ma jingħatawx risposta jew inkella jingħataw risposta li tqajjem iktar mistoqsijiet, u ġieli dawk li jistaqsu jkunu NGOs jew għaqdiet oħra. Il-proċess huwa diffiċli immens, imma hawn ċerti nies li ma jistgħux jistennew ħafna. Sfortunatament din is-sitwazzjoni qed tikkawża ħafna frustrazzjoni u tensjoni bejn il-ħaddiema tal-Awtorità tal-Artijiet u l-poplu inġenerali, xi ħaġa li m'għandhiex tkun minħabba li, kif għedt diġà, il-ħaddiema ta' din l-Awtorità jwettqu xogħolhom tajjeb ħafna.

Kieku mhux għax qed nagħmel dan il-punt, naħseb li l-Ministru kien se jiġi jgħidilna kemm qed jieħdu ħsieb l-artijiet tal-Gvern għax huma jipprovaw joqogħdu 'l bogħod milli jużaw il-frażi "artijiet pubbliċi". Qabel ma l-Partit Laburista tela' fil-gvern l-artijiet kienu tal-pubbliku, u se jibqgħu tal-pubbliku ferm wara li l-Partit Laburista ma jibqax fil-gvern sakemm ma jilħqux jagħtu l-artijiet kollha bl-addoċċ, kif ġieli qed jagħmlu. Nafu wkoll li sfortunatament ikun hemm drabi meta l-Awtorità tal-Artijiet tispiċċa tissemma anke fuq il-midja, u normalment din ma tissemmiex b'mod pożittiv. Nixtieq li kieku kelli iktar ċans nidħol fid-dettall ta' ħafna mill-każijiet li hemm x'tiddiskuti, imma kif qal il-kollega tiegħi, fl-aħħar mill-aħħar aħna qegħdin f'dan il-Parlament sabiex nassiguraw li affarijiet bħal dawn ma jiġrux. Huwa dmir tiegħi, huwa dmir tal- Ministru u huwa dmir tal-Parlament kollu li l-art tagħna lkoll tiġi amministrata kif suppost.

Sur President, nikkonkludi dan l-intervent billi, bħall-kelliem ta' qabli, nispera li dak ir-ritratt li ħadna flimkien fil-bidu ta' din il-leġiżlatura ma tteħidx biss biex inġibuh fuq *Facebook* iżda biex permezz tiegħu nuru bil-fatti li kapaċi nimxu 'l quddiem u flimkien inbiddlu l-affarijiet li jkun hemm bżonn. Jien m'iniex se nieqaf hawn u se nkompli niġġieled, imma naf li qed niġġieled kontra armata ta' nies li jridu kollox mistur hemm ġew. Kif qal l-Eks Sindku Laburista tal-Gżira, dawn daru saħansitra kontra n-nies tagħhom stess, imma xi darba nemmen li għad naslu. Madankollu nista' ngħidilkom, jekk mhux diġà indunajtu, li kull attentat biex tintimidawni mhux se jaħdem. Nerġa' ngħid li jekk nistgħu nimxu 'l quddiem flimkien, aħna lesti li nagħmlu dan, imma m'aħniex se nieqfu mill-ħidma tagħna inġenerali. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, bħala l-kelliem min-naħa tal-Oppożizzjoni għall-Freeport u għall-portijiet jien se nkun qed nitkellem fuq issue li bħalissa hija pertinenti f'pajjiżna. Qed nirreferi għad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissions Trading System (ETS) kif ukoll għall-Emissions Unit Allowance (EUA). Issa qabelxejn nixtieq nagħmilha ċara li ma nixtieqx nippoliticizza din l-issue għax din hija issue nazzjonali u jekk nippoliticizzaha dan jista' jħalli impatt diżastruż fuq pajjiżna. Għall-kuntrarju, jien ġenwinament nemmen li fuq din l-issue għandna niġbdu ħabel wieħed.

Għal min qed isegwina, tajjeb nispjega li se tiddaħħal emissions tax ġdida fuq il-bastimenti li jidħlu f'pajjiżna, jiġifieri kull vapur li jidħol fil-Freeport jew fil-Port ta' Malta issa se jkollu jħallas taxxa ġdida bħala parti minn direttiva tal-Unjoni Ewropea. B'hekk jien ngħid li sfortunatament il-portijiet Ewropej se jkunu qed jiġu żvantaġġjati. Fil-fatt dalgħodu fi Brussell hemm numru ta' persuni - fosthom uħud li ġejjin mill-Malta Maritime Forum (MMF) - li qegħdin jipprovaw jinnegozjaw mal-Unjoni Ewropea biex din it-taxxa l-ġdida ma tiddaħħalx. Il-Ministru Aaron Farrugia qiegħed jinformani kontinwament b'dak li qed jiġri, u għalhekk nerġa' ninsisti li huwa importanti immens li din l-issue ma tiġix politiċizzata għax hija issue nazzjonali li se jkollha ramifikazzjonijiet fit-tul għal pajjiżna.

Madankollu nħossni nonqos jekk għall-inqas ma nistaqsix lill-Gvern x'se jkun qed jagħmel li kieku allaħares qatt din id-direttiva jkollha tgħaddi. Ta' min jgħid li jekk tgħaddi din id-direttiva, din it-taxxa se tiddaħħal f'Jannar li ġej, jiġifieri minn Jannar li ġej il-bastimenti kollha li jidħlu fil-Freeport u ammont kbir mill-bastimenti li jidħlu fil-port tagħna se jibdew jiġu intaxxati. Fil-fatt diġà bdejna naraw ċerti tariffi lokali jinbidlu, u għalhekk jien fid-dover li nistaqsi xi pjan għandu l-Gvern meta issa qed jiġi ffaċċjat b'dan kollu, anke biex nagħtu lin-nies ċertu serħan il-moħħ. Qed nagħmel din il-mistoqsija għax jiddispjaċini ngħid li la fid-Diskors tal-Baġit li għamel il-Ministru Clyde Caruana u lanqas fir-replika tad-diskors li għamel il-Prim Ministru, ma smajt xejn fuq din l-issue minkejja li hija issue ta' ċerta importanza.

Ħalli nispjega kemm hija importanti din l-issue. Din l-issue tfisser li l-Freeport ta' pajjiżna se jitlef madwar €138.8 miljuni fis-sena. Tfisser ukoll li se nkunu qegħdin nitilfu madwar 11-il linja diretta minn pajjiżi 'l barra minn xtutna għall-Freeport. Tfisser anke li qegħdin nikkompetu ma' portijiet oħra fin-naħa ta' fuq tal-Afrika li l-prezzijiet tax-xogħol tagħhom huma aktar kompetittivi u għandhom saħansitra arranġamenti għall-għajnuna mill-istat. Huwa fatt li llum il-ġurnata qegħdin niġġieldu kontra kurrent li litteralment jista' jirrenja.

Sur President, il-Malta Freeport Terminals Ltd idaħħal kważi tliet miljun container fis-sena, li 134,000 minnhom huma containers lokali, jiġifieri l-effett li tħalli tali taxxa mhux biss se jinħass fuq il-Freeport u fuq il-ħaddiema tal-Freeport imma anke fuq l-industrija lokali. Dan għaliex jekk shipping line partikolari tiddeċiedi li minflok ma tidħol f'Malta, tidħol f'port ieħor fl-Afrika, biex ninqdew aħna se jkun qed jintbagħtilna fil-port feeder vessel - li hu vapur ferm iżgħar - ħalli jagħtina x-xogħol. B'hekk dawk is-setturi tal-manifattura u tan-negozju li qegħdin jaħdmu bi 'stock just-in-time' se jkunu qegħdin jitilfu dak il-vantaġġ, jiġifieri realistikament se nkunu qegħdin nitilfu l-kompetittività. Jiddispjaċini ngħid li hemm business leakage enormi f'pajjiżna. Jekk tiddaħħal din it-taxxa, b'kollox Malta se tkun qed titlef konnessjoni diretta għal 165 port mad-dinja kollha.

Għalhekk, Sur President, jien nistaqsi: Xi pjan għandu l-Gvern? Għax anke meta tibda tara n-numri, titħasseb. Fl-aħħar tal-intervent tiegħi se nkun qiegħed nitlob il-permess sabiex inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra korrispondenza minn Grimaldi Euromed, liema korrispondenza qed tgħid li dan se jkun qiegħed iżid it-taxxa fuq kull container b'medja ta' €7.50 kull metru lineari. Issa hawn ta' min jgħid li fil-port tagħna jidħlu madwar 900 container u trailer fil-ġimgħa, apparti l-134,000 container lokali li jiddaħħlu fil-Freeport. Jiġifieri hawn qed nitkellmu fuq żieda ta' €10.8 miljun f'taxxa li fl-aħħar mill-aħħar se jkollhom iħallsuha l-konsumaturi.

Naturalment din hija spiża żejda fuq il-konsumaturi, u jien kont nistenna li din l-ispiża żejda kienet se tiġi indirizzata għax, f'ġieħ is-sewwa, din mhijiex xi ħaġa li ma konniex nafu li ġejja fuqna! Biss biss din id-direttiva ilha sentejn tiġi diskussa, u għaldaqstant jien kont qed nistenna li l-Gvern, permezz tal-Ministru, kien se jgħidilna x'se jkun qed jagħmel biex jassigura li jtaffi dan l-effett negattiv li se jintefa' fuq in-negozji u l-konsumaturi Maltin u Għawdxin. Nerġa' ngħid li din l-issue jien ma smajtha tissemma mkien fid-Diskors tal-Baġit.

Semmejt il-ħaddiema tal-Freeport, u jiddispjaċini ngħid li s-sitwazzjoni tal-ħaddiema tal-Freeport hija verament inkwetanti. Jekk il-Freeport verament se jibda jitlef ix-xogħol, dan se jkun ifisser li se jkollna krejnijiet weqfin u li sussegwentement mhux se jibqa' jkun hemm bżonn dawk il-ħaddiema kollha li hemm jaħdmu fil-Freeport illum. Għalhekk jien nistaqsi: X'se jkun qed jagħmel il-Gvern biex iserraħ moħħ dawn il-ħaddiema li mhumiex se jisfaw bla impjieg? Għandu xi pjan li permezz tiegħu se jkun qed iżid aktar impjiegi fil-Freeport?

Imbagħad, Sur President, hemm ukoll is-sitwazzjoni tal-investiment kapitali. Nieħu pjaċir nara li se jkompli jsir aktar investiment fuq l-estensjoni tal-Freeport, u nispera f'Alla li dan isir għax minnu nnifsu huwa investiment, però jekk, kif jgħidu l-Ingliżi, things continue to go south, kemm aħna ċerti li dan l-investiment se jkun qed isir xorta waħda? Issa biex inkun ftit pożittiv, irrid ngħid li jien nieħu pjaċir nara t-€12-il miljun li ġew ivvotati fil-Baġit għax-ship-to-shore ġewwa l-Freeport. Dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba u jien nieħu pjaċir meta nara li jsiru dawn it-tip ta' investimenti f'pajjiżna.

Madankollu, is-sitwazzjoni li se ġġibilna din id-direttiva tal-Unjoni Ewropea qed tinkwieta lil ħafna u ħafna nies, u naħseb li nkunu qed nagħmlu żball jekk niġu hawn biex noqogħdu nitgħajru u nippontaw subgħajna lejn xulxin. Issa hawn ma rridx ninftiehem ħażin għax jien nemmen li din is-sitwazzjoni inkwetanti għandha tiġi diskussa f'dan il-Parlament ħalli wara li nisimgħu l-ideat ta' xulxin, flimkien naraw kif nistgħu ntaffu din il-problema għall-poplu Malti u Għawdxi, għax il-business leakage, in-nuqqas ta' kompetittività u n-nuqqas ta' level playing field li se jkollna minħabba din id-direttiva se jikkawżaw problemi enormi.

Sur President, issa ħalli niġi biex nitkellem fuq il-Kordin Grain Terminal. Jien u l-Ministru ma ftehemniex dwar ċerti issues u għalhekk kellna ċerti battibekki f'dan ir-rigward. Tajjeb nispjega għall-benefiċċju ta' dawk li qed isegwuna li l-Kordin Grain Terminal huwa dak it-terminal li fih jaslu l-vapuri bil-qamħ biex jissupplixxu lil pajjiżna biċ-ċereali u anke jagħmlu transhipment, jiġifieri jħottu l-qamħ li jkollhom fuq il-vapur waqt li jkunu f'pajjiżna u mbagħad jgħabbuh f'feeder vessels biex ikunu jistgħu jqassmuh f'pajjiżi oħra. Skont mistoqsija parlamentari li għamilt lill-Ministru, il-pompa li kien hemm qabel kienet iġġorr 1,100 tunnellata fis-siegħa. Issa llum, wara li din il-pompa kienet ilha xi tliet snin jew erbgħa wieqfa, tant li konna qed naħdmu bil-grappa, ġiet stallata pompa li tiġbed 600 tunnellata fis-siegħa, jiġifieri kważi nofs it-

tunnellati li kienet tiġbed il-pompa li kien hemm qabel. Issa l-kritika tagħna hija din.

Jekk inħarsu 'l quddiem u naraw realistikament x'possibbiltà hemm li nżidu t-transhipment taċ-ċereali f'pajjiżna, kienet deċiżjoni għaqlija li nixtru u nistallaw pompa li tiswa €4 miljun mill-fondi pubbliċi u li tiġbed in-nofs tal-pompa li kien hemm qabel? Dan apparti li d-dimensjonijiet fiżiċi tal-pompa li nxtrat juru li din il-pompa ma tinżilx fil-fond daqskemm kienet tinżel il-pompa ta' qabel fil-barge tal-bastiment. Il-pompa ta' qabel kienet tinżel kważi sal-qiegħ u b'hekk ħafna xogħol manwali kien jiġi evitat, mentri l-pompa l-ġdida tibqa' 'l fuq ħafna mill-qiegħ bil-konsegwenza li żdied ħafna xogħol manwali. Dan ifisser li l-ħaddiema tax-xatt, li jitħallsu bit-tunnellaġġ u mhux bis-siegħa, qed jaħlu ħafna iżjed ħin biex jagħmlu xogħolhom u allura qed jaqilgħu inqas flus.

Dalgħodu stess fil-port tagħna hemm vapur li jġib l-isem ta' "CORN" u li jġorr 30,000 tunnellata ta' ċereali. Jien ġejt informat li l-ħaddiema se jaħdmu 24 siegħa sħaħ infila biex ma jdewmux il-vapur hawn Malta u li bejn wieħed u ieħor dan se jdum jinħatt sitt ijiem. Dan meta qabel kienu jdumu ftit iżjed min-nofs ta' dak il-ħin. Għalhekk jien nistaqsi: Jekk aħna rridu nkunu aktar effiċjenti, produttivi u niksbu reputazzjoni aħjar f'dan il-qasam biex insiru aktar attraenti għat-transhipment, kienet deċiżjoni għaqlija li nixtru pompa li tiġbed in-nofs ta' dik li kellna qabel? Biex wieħed jieħu idea ta' kemm huwa importanti li nqisu l-affarijiet sew f'dan ir-rigward, jien informat li dak iż-żmien li konna qegħdin naħdmu bil-grappa, bħala pajjiż tlifna kważi €3 miljun fi transhipment, li mhijiex ċajta għal pajjiż żgħir bħal tagħna. Irridu nżommu quddiem għajnejna li aħna żgħar, jiġifieri bil-ftit infuru filwaqt li bi ftit nuqqasijiet negħrqu!

Nikkonkludi dan l-intervent billi nirringrazzja lill-ħaddiema kollha, fosthom lill-ħaddiema tal-Freeport, lill-ħaddiema tax-xatt u lill-casual workers, li sfortunatament jien qed nantiċipa li se jkunu minn tal-ewwel li jbatu l-konsegwenzi jekk allaħares qatt jonqos ix-xogħol. Nirringrazzja wkoll lill-ħaddiema kollha ta' Kordin Grain Terminal, li naf li jaħdmu b'ħilithom kollha. Nawgura li dan il-Gvern isib is-soluzzjonijiet għall-problemi li jeżistu f'dan il-qasam. Min-naħa tagħna, aħna bħala Oppożizzjoni se nkunu qegħdin hawn sabiex mhux biss noffru l-id tal-ħbiberija bil-għan li jsir dak li kollu li hemm bżonn għall-ġid tal-pajjiż iżda wkoll sabiex inkunu "watchdogs" ħalli dak kollu li jsir, isir fl-aħjar interess ta' pajjiżna.
Fl-aħħar nett, Sur President, nitlob il-permess sabiex inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokument li għamilt referenza għalih matul l-intervent tiegħi.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Korrispondenza minn Grimaldi Euromed dwar l-Emissions Trading Scheme tal-Unjoni Ewropea datata 20 ta' Novembru 2023.

Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Bernice Bonello.

**ONOR. BERNICE BONELLO:** Sur President, jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-Baġit ippreżentat mill-Gvern għas-sena d-dieħla mill-ewwel jinduna li l-fondi Ewropej għandhom funzjoni importanti ħafna, speċjalment fin-numru ta' proġetti kapitali li se jsiru, u dan kollu huwa grazzi għad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Li kieku 20 sena ilu dan il-pajjiż għamel kif ried ħaddieħor, kieku dawn il-fondi kienu jiġu mċaħħda lill-popllu Malti u Għawdxi. Li kieku kien għal ħaddieħor, kieku llum la għandna fondi Ewropej u dalgħodu lanqas konna nkunu qegħdin hawnhekk biex niddiskutu dan is-suġġett tant importanti għall-iżvilupp ta' pajjiżna kif ukoll għall-ekonomija Maltija.

Irridu nammettu lkoll kemm aħna li bil-fondi li ksibna tul dawn l-aħħar 20 sena kif ukoll bil-fondi li akkwistajna tul iż-żmien li pajjiżna kien kandidat - dawk li jissejħu pre-accession funds - kemm il-Gvern kif ukoll diversi kumpaniji u individwi bbenefikaw bil-kbir bir-riżultat li l-livell tal-għajxien tal-Maltin u l-Għawdxin għola. Nieħu gost meta waqt li nkun qiegħda nżur xi industrija nara tabelli li jgħidu li tali proġett huwa kofinanzjat mill-fondi tal-Unjoni Ewropea, għax kull darba ngħid bejni u bejn ruħi: X'viżjoni kellu l-Partit Nazzjonalista għal pajjiżna meta kien fil-gvern!

Kienu ħafna dawk iż-żgħażagħ li komplew l-istudji tagħhom permezz tal-fondi jew programmi tal-Unjoni Ewropea. Kienu ħafna wkoll dawk iż-żgħażagħ li tħalltu ma' żgħażagħ oħra fl-Unjoni Ewropea, marru barra minn Malta fuq esperjenzi ta' studji, fetħu l-orizzonti tagħhom u qasmu l-esperjenzi tagħhom flimkien, esperjenzi li jibqgħu jġorruhom magħhom tul ħajjithom kollha. Dan il-Baġit isemmi numru ta' proġetti, iżda dawn il-proġetti kważi kollha se jsiru permezz tal-fondi tal-Unjoni Ewropea. Fost dawn nista' nsemmi l-proġetti tal-urban greening, tal-vetturi elettriċi kif ukoll l-estensjoni tal-Freeport. Dan verament huwa każ li dak li ħadem għalih Gvern Nazzjonalista tal-passat għadu jitgawda sal-lum u se jibqa' jitgawda fil-futur!

Però, Sur President, issa nixtieq nara li r-residenti ta' pajjiżna jibbenefikaw kemm jista' jkun minn dawn il-fondi. Xi rrid ngħid b'dan? Pereżempju, huwa inutli li ninvestu f'karozzi tal-linja elettriċi jekk min-naħa l-oħra ma ntejbux dan is-servizz sabiex aktar Maltin jagħmlu użu mit-trasport pubbliku. M'iniex qed ngħid li mhux tajjeb li tinvesti, iżda dan mhuwiex biżżejjed. Huwa importanti li nassiguraw illi l-Maltin u l-Għawdxin kollha jkunu qed igawdu l-frott tal-investiment li nkunu qed nagħmlu.

Hemm bżonn naraw ukoll li nakkwistaw aktar fondi mill-Unjoni Ewropea għar-riċerka, kemm billi dawn jiġu allokati direttament kif ukoll billi nġibu fondi minn programmi oħrajn. Ir-riċerka għandha titpoġġa bħala prijorità fuq l-aġenda ta' pajjiżna, speċjalment mill-Università ta' Malta. Hawnhekk nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lin-nies kollha li jaħdmu f'dan is-settur għax naf li l-ħidma tagħhom mhijiex faċli, b'mod partikolari lil dawk li jgħinu lill-Maltin u l-Għawdxin jieħdu l-aħjar benefiċċji mill-fondi Ewropej.

Kif diġà semmejt meta konna qed niddiskutu l-estimi tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, irridu naraw ukoll li parti mill-fondi tal-Unjoni Ewropea jkunu ddedikati għal dawk l-istudenti li waqgħu mis-sistema edukattiva tagħna. Dawn l-istudenti żgur li għandhom talenti oħrajn, u għalhekk hemm bżonn li s-sistema tagħna tagħtihom aktar appoġġ. Ħadd m'għandu jibqa' lura, u għalhekk nemmen li l-Gvern għandu jiddedika u jara li jġib kemm jista' jkun fondi mill-Unjoni Ewropea anke għal dan il-għan. Wara kollox tali għajnuna hija investiment fiż-żgħażagħ tagħna, u huwa proprju għalhekk li jien ħassejt li għandi nerġa' nagħmel dan il-punt fid-dibattitu tal-lum.

Aħna lil dawn iż-żgħażagħ irridu nagħtuhom kull appoġġ u opportunità possibbli sabiex huma wkoll jimxu 'l quddiem u jidħlu fid-dinja tax-xogħol b'kuraġġ u b'determinazzjoni. Aktar minn hekk, jien nistaqsi lill-Gvern: Qegħdin nassiguraw li dawn il-proġetti kollha li qed isiru permezz tal-fondi Ewropej, qed isiru fil-ħin u qed jilħqu l-livell meħtieġ? Qegħdin nassiguraw li ma jintilfux fondi minħabba xi raġuni jew oħra? Qegħdin nassiguraw ukoll li fit-twettiq ta' dawn il-proġetti qed ikun hemm it-trasparenza meħtieġa, kif wara kollox tesiġi l-Unjoni Ewropea stess?

Huwa importanti wkoll li nassiguraw illi l-fondi jitqassmu bejn iż-żewġ gżejjer b'mod ugwali kemm jista' jkun. Pereżempju, matul il-weekend li għadda kont Għawdex u, fost oħrajn, l-Għawdxin semmewli l-proġett tal-Victoria Parks li jidher li filwaqt li fil-bidu dan kien se jkollu investiment ta' €30 miljun, issa se jinżel għal €12-il miljun. Terġa', apparti minn hekk, il-footprint ta' dan il-proġett naqas ukoll. Hawn għal darb'oħra jien nistaqsi lill-Gvern: Dan għaliex qed iseħħ?

Jekk irridu li pajjiżna jiġġenera l-ġid, il-fondi tal-Unjoni Ewropea għandhom jintużaw b'mod addizzjonali mal-investiment li jagħmel il-Gvern u mhux nużaw il-fondi tal-Unjoni Ewropea minflok il-fondi nazzjonali. Jekk ma jsirx hekk, il-fondi Ewropej ikunu qed jieħdu post dak li suppost jinvesti l-Gvern mit-taxxi tagħna. Kif għedt diġà, jekk wieħed joqgħod jinnota, isib li ammont kbir mill-flus tal-Baġit ġejjin mill-fondi Ewropej. Huwa tajjeb li nużaw dawn il-fondi, però huwa importanti wkoll li l-Gvern ma jiddependix biss minn fuq il-fondi Ewropej.

Sur President, l-Oppożizzjoni tibqa' dejjem disposta li tgħin b'kull mod, anke f'dan il-qasam importanti, u għalhekk qabel ma nikkonkludi nixtieq nagħmel appell. Ejjew nużaw il-flus kollha li għandna bl-aktar mod għaqli. Fl-aħħar mill-aħħar dak li nagħmlu llum se jibqa' jitgawda minn ġenerazzjoni għal oħra, jiġifieri dawn il-proġetti ma jiswewx biss għal-lum iżda anke għall-futur. Dawn huma investimenti fil-poplu Malti u f'pajjiżna, li lkoll tant inħobbu. Għalhekk il-fondi tal-Unjoni Ewropea jitfgħu piż kbir fuq il-Gvern għax dan mhux biss għandu jara li qed

jiġu investiti bil-għaqal, iżda wkoll li qed igawdi minnhom il-poplu Malti u Għawdxi kollu tant li l-mod kif dawn il-fondi jintnefqu jkun ukoll ta' eżempju għal sħabna Ewropej. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u issa l-ħin kollu li fadal huwa għall-Gvern.

Iktar rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Chris Bonett.

**ONOR. CHRIS BONETT (Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej):** Sur President, bħala wieħed mill-Membri hekk imsejħa "ġodda" tal-Kabinett, is-sena l-oħra kien imissni nagħti dak li kellu jkun l-ewwel diskors tiegħi fil-Kamra fuq l-estimi tal-Baġit, u matul dak l-intervent missejt fuq ħafna aspetti tax-xogħol tiegħi bħala Segretarju Parlamentari responsabbli mill-fondi Ewropej. Tkellimt fuq ix-xogħol li sar mill-pakkett finanzjarju ta' qabel, tkellimt fuq l-investiment fl-infrastruttura u fl-edukazzjoni u, fuq kollox, tkellimt ukoll fuq il-prospettivi li kienu għadhom ġejjin. Fost dawn tal-aħħar nista' nsemmi wegħdiet ta' tkabbir, sostenibbiltà u reżiljenza. Tkellimt ukoll dwar pjan dettaljat u komprensiv għal viżjoni ta' futur aħjar.

Però, fuq kollox, meta nirrifletti fuq dak li għedt, l-aktar messaġġ għal qalbi kien li ridna nitilqu bil-programm il-ġdid mill-ewwel u li dan se jkun l-aktar pakkett ta' fondi Ewropej li l-familji u n-negozjanti Maltin u Għawdxin qatt raw viċin tagħhom. Dan kien se jkun iċ-ċavetta biex il-familji u n-negozjanti tagħna jiktbu l-istejjer ta' suċċess tagħhom. Dan kien se jkun eżempju ta' politika li jkollha impatt dirett u li tagħmel id-differenza fil-ħajja tan-nies. Kif wegħedtkom, f'Jannar Malta kienet fost l-ewwel pajjiżi li nediet il-pakketti ta' fondi Ewropej għas-snin 2021-2027. Din id-darba dan ma kienx sempliċi pass burokratiku, iżda kien mument kruċjali sabiex l-għajnuna tal-Unjoni Ewropea tinġieb eqreb lejn il-ħajja tal-poplu.

L-għajta tal-Gvern kienet ċara: "Fondi Ewropej aktar qrib tiegħek", u ġibniehom iktar qrib tiegħek għax dawn il-fondi huma tiegħek! Għamilnieha ċara li jekk temmen li l-istorja tiegħek hija żgħira wisq biex ikollha aċċess għall-fondi, dan mhuwiex minnu. "Fondi Ewropej aktar qrib tiegħek" biex iħallu impatt dirett f'ħajjet il-poplu. Din hija missjoni li jkolli ngħid illi qed nattwawha b'mod tajjeb ħafna, u għalhekk hawn nixtieq nieħu l-opportunità li nirringrazzja lill-ħaddiema kollha li jaħdmu fl-immaniġġjar tal-fondi Ewropej, fil-European Union Programmes Agency (EUPA) kif ukoll fis-Servizzi Ewropej f'Malta (SEM). Ma nistax nonqos milli nirringrazzja anke lis-Segretarju Permanenti Jonathan Vassallo għax-xogħol impekkabbli li qed jagħmel.

Ġaladarba qed insellem lill-ħaddiema taċ-Ċivil irrid nispjega ftit kif se nagħlqu din is-sena qabel ma ngħaddi biex nitkellem fuq is-sena d-dieħla. Ix-xahar id-dieħel se jingħalaq il-programm ta' seba' snin mill-Baġit tal-Unjoni Ewropea għas-snin 2014 sal-2020. Issa ġej il-mument tal-verità f'dak li għandu x'jaqsam mal-fondi Ewropej għax sal-aħħar ta' din is-sena rridu nkunu assorbejna, jew aħjar investejna, il-fondi kollha li kien hemm disponibbli għalina fil-programmi operattivi taħt l-aħħar Baġit Ewropew. Grazzi għax-xogħol kbir li qed isir minn sħabi l-Ministri, mill-ħaddiema taċ-Ċivil u mill-ħaddiema fl-entitajiet tal-Gvern - li nsellmilhom kollha minn hawnhekk – illum, li fadal daqsxejn aktar minn xahar għall-għeluq ta' dawn il-programmi, b'fiduċja ngħid li qegħdin fit-triq it-tajba biex għal darb'oħra dan il-Gvern ikun utilizza l-fondi Ewropej kollha li kien hemm disponibbli għalih.

M'hemmx għalfejn ngħidu li l-fondi Ewropej ġabu bidla pożittiva f'kull settur tas-soċjetà tagħna. Fost oħrajn, dawn il-fondi ġew utilizzati fl-oqsma tal-infrastruttura, tal-ambjent, tat-turiżmu, tal-kultura, tas-saħħa, tal-edukazzjoni kif ukoll fil-qasam soċjali. Fil-fatt, dawn il-fondi biddlu wiċċ dan il-pajjiż, u dan mhux għax kif qalu tal-faċċata, 20 sena ilu kien hemm Gvern li daħħalna fl-Unjoni Ewropea, iżda għax tul dawn l-aħħar għaxar snin pajjiżna kellu Gvern li kien jaf x'se jagħmel b'dawn il-fondi, kellu pjan għalihom u kien effiċjenti fl-użu tagħhom.

Fil-każ tal-Gvern Laburista u tal-fondi Ewropej il-passat huwa verament garanzija tal-futur; futur li beda proprju f'Jannar li għadda meta varajna l-programmi operattivi l-ġodda. Għalkemm dan ġara inqas minn sena ilu, onestament fil-memorja tiegħi qisu għadda ħafna aktar żmien minn hekk, u dan żgur li huwa attribwit għall-effett pożittiv li ħalla l-ammont kbir ta' xogħol li sar f'dan ir-rigward minn Jannar sal-lum. Biex nagħtik ftit ħjiel ta' kemm sar xogħol minn Jannar li għadda sal-lum, Sur President, biżżejjed ngħidlek li diġà ġew allokati 20% tal-fondi Ewropej mill-pakkett

il-ġdid. Hawnhekk qed ngħid li minkejja li lanqas biss għadha għaddiet sena minn mindu varajna dan il-pakkett, li jammonta għal aktar minn €2 biljun, diġà allokajna madwar €400 miljun minnhom. Din il-ħidma diġà bdiet tħalli impatt dirett fuq il-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi.

L-enfasi li nħallu impatt dirett fuq il-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi aħna ma nagħmluhx biss f'dak li għandu x'jaqsam mal-fondi Ewropej, għax il-mira tagħna bħala Gvern minn kull lat dejjem hi li l-politika trid tħalli l-marka pożittiva tagħha b'mod dirett f'kull livell tas-soċjetà. Fl-aħħar mill-aħħar huwa għalhekk li l-Maltin u l-Għawdxin eleġġew lili u lill-kollegi tiegħi. Tant hu hekk li l-baġits tal-lum m'għadhomx jiġu kkritikati li jieħdu l-flus tan-nies biss, tip ta' kritika li meta kont għadni żagħżugħ kont drajt nismagħha għall-baġits li kienu jsiru dak iż-żmien. Illum issir biss kritika ħafifa fuq il-Baġit minħabba li forsi jkun hemm min jistenna iżjed f'ċerti oqsma. Dan huwa Gvern li biddel l-aspettattivi tal-poplu dwar x'inhu baġit għax morna minn baġits li konna nassoċjawhom ma' Halloween - minħabba li kienu jaħsduna, bħall-babaw! - għal baġits li sirna nassoċjawhom mal-Milied. Early Christmas, Sur President!

Issa nixtieq nirrispondi ftit lill-kollega tiegħi l-Onor. Robert Cutajar għal punt li huwa semma waqt li kien qed jitkellem aktar kmieni matul dan id-dibattitu. Meta kien qed jagħmel id-diskors tiegħu, l-Onor. Robert Cutajar semma lill-Eks President ta' Malta George Abela għax qal li fl-2011, meta kien qed jitkellem mal-ambaxxaturi, huwa kien irrimarka li l-qgħad kien baqa' baxx u li l-ekonomija ma kinitx sejra ħażin. Id-differenza taf x'inhi, Onor. Cutajar? Li meta aħna nitkellmu mal-barranin, tajjeb jew ħażin lill-pajjiż dejjem niddefenduh u ma nagħmlux bħalma tagħmlu intom u l-esponenti tagħkom meta f'kull ċans li jkollkom waqt li tkunu barra minn Malta tagħmlu l-ħsara!

Kif għedt diġà, Sur President, illum il-Baġit m'għadux eżerċizzju finanzjarju li jitfa' l-piżijiet fuq in-nies imma sar għodda li tagħtik is-setgħa li int u l-familja tiegħek tgħixu aħjar. Il-Baġit sar eżerċizzju li jrawwem ambjent fejn il-ħolqien tal-impjiegi, l-intrapriża u l-innovazzjoni mhumiex biss konċetti iżda huma realtajiet li jgħollu l-livell tal-għajxien lil kull ċittadin Malti u Għawdxi. Permezz tal-Baġit qed nattwaw politika għal ħolqien ta' opportunitajiet, għat-trawwim tal-prosperità u għaċ-ċertezza li l-proċess li noħolqu jkun kondiviż minn kulħadd.

Imbagħad fiċ-ċentru ta' din il-viżjoni hemm ukoll il-fondi Ewropej, li huma parti integrali mill-istrateġija ekonomika u soċjali ta' dan il-Gvern għal pajjiżna. Peress li aħna Gvern bi pjan, rajna li l-allokazzjoni tal-fondi Ewropej tkun tallinja ruħha perfettament mal-miri tal-Baġit tagħna li ntejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies, li noħolqu Malta sostenibbli, li Malta tkun reżiljenti għall-kriżijiet li għandhom il-ġirien tagħna, kif ukoll li Malta tappoġġja dak l-investiment li jinċentiva lin-negozju sabiex sussegwentement dak in-negozju joħloq ix-xogħol u b'hekk jgħin lill-investitur jilħaq l-aspettattivi tiegħu. Jien u ngħid dan, qed tiġini f'moħħi storja ta' koppja żagħżugħa Għawdxija li għadha tibda l-ħajja u li fi żmien il-pandemija tal-COVID-19 ħolqot pjan biex twettaq ħolma.

Dawn iż-żgħażagħ waqqfu kumpanija biex jiftħu ħanut li joffri home and business enhancement solutions. Din il-kumpanija għamlet business plan bl-għajnuna finanzjarja tal-fondi Ewropej li ġejjin minn consultancy scheme, u mbagħad mill-business plan ħareġ il-bżonn li ssir showroom ġdida u moderna ġewwa r-Rabat, Għawdex stess. Fil-fatt ix-showroom saret, kif saru wkoll investimenti oħra, li ġew parzjalment iffinanzjati mill-istart-up scheme tal-Business Enhance. Qed insemmi dan bħala eżempju ta' negozju wieħed minn ħafna li sabu l-għajnuna mill-bidu sal-aħħar stadju ta' implimentazzjoni biex jilħqu l-ambizzjoni tagħhom. Dan huwa eżempju wieħed minn ħafna li juri l-impenn li qed isir sabiex il-fondi Ewropej iħallu impatt dirett fuq ħajjiet il-komunitajiet ta' Malta u Għawdex.

Minn hawn nixtieq nieħu l-okkażjoni biex insellem lil din il-koppja li kelli l-pjaċir niltaqa' magħha aktar kmieni din is-sena sabiex nara kif użat dawn il-fondi, u rrid ngħid li rajt enerġija pożittiva immens min-naħa ta' min ħadem fuq il-ħolma tiegħu u rċieva l-għajnuna li kellu bżonn mingħand il-Gvern sabiex din il-ħolma ssirlu realtà. Din il-koppja esprimiet l-apprezzament tagħha għal din l-għajnuna li rċeviet filwaqt li qaltli li llum ħadet rajha f'idejha u rnexxielha tidħol fid-dinja tan-negozju. Fil-fatt din il-koppja qaltli wkoll li għandha intenzjoni ċara li tkompli ssaħħaħ u tkabbar dan in-negozju żgħir li għandha f'Għawdex, xi ħaġa li lili xejn ma setgħet tagħtini pjaċir aktar minn hekk.

Issa ġaladarba qed nitkellmu fuq Għawdex, Sur President, naħseb li jkun tajjeb jekk nieħu spunt u nindirizza ċerti kummenti bla bażi li sfortunatament saru frott in-nuqqas ta' riċerka li saret fuq il-fondi Ewropej għal Għawdex. Jien napprezza kull kritika li tkun kostruttiva u li tkun intenzjonata biex jitjiebu l-affarijiet, iżda min-naħa l-oħra kritika infondata, mhux informata jew, agħar minn hekk, kritika li hija intenzjonata biss biex timmina l-progress tan-nies, lili tweġġagħni u tinkwetani. Tweġġagħni meta naħseb li din il-kritika qed issir biex nipprovaw ningannaw lin-nies u tinkwetani meta naħseb li għandna Oppożizzjoni li ma tafx l-affarijiet kif inhuma jew inkella titkellem fuq il-fondi Ewropej mingħajr m'għandha l-iċken idea ta' kif dawn jaħdmu.

F'dan il-każ partikolari qed nirreferi għal dak li qal ix-Shadow Minister għal Għawdex fuq l-istazzjon nazzjonali dwar l-allokazzjoni tal-fondi Ewropej għal Għawdex. Fil-fatt huwa qal li llum il-ġurnata lill-Ministru għal Għawdex "neħħewlu u m'għandux ERDF funds". Dak hu li qal ix-Shadow Minister għal Għawdex, Sur President! L-ewwel impressjoni tiegħi għal dak il-kliem kienet li jew ix-Shadow Minister għal Għawdex irid iqarraq jew inkella sema' l-akronimu "ERDF" u meta semmieh ma kellux idea fuq xiex kien qed jitkellem! Għalhekk għax aħna ma rridux li dan l-Onor. Membru jagħmel żbalji bħal dawn fuq ix-xandir nazzjonali, illum se nieħu l-okkażjoni li din niċċarahielu.

Sur President, aħna f'Għawdex naraw komunità unika b'potenzjal enormi, u dan ix-Shadow Minister għal Għawdex jista' jarah anke mis-sempliċi fatt li l-Gvern preżenti alloka aktar minn €200 miljun f'fondi Ewropej għal Għawdex. Din hija somma bla preċedent, jiġifieri mhux talli mhux veru li m'hemm xejn għal Għawdex, talli eċċedejna kull allokazzjoni ta' fondi Ewropej li qatt saret għal din il-gżira. Issa hawn ta' min jgħid ukoll li parti sinifikanti minn din l-allokazzjoni ta' €58 miljun tikkonsisti fl-investiment totali tal-iżvilupp urban sostenibbli ġewwa Għawdex. U taf minn fejn ġejjin dawn il-flus, Sur President? Iva, dawn ġejjin proprju mill-ERDF! Fil-fatt dan il-fond, li huwa kruċjali sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp reġjonali ġewwa Għawdex, se jkun qed jintuża b'mod strateġiku biex inrawmu l-innovazzjoni u niżviluppaw infrastruttura Għawdxija li twassal għal tkabbir ekonomiku u sostenibbli fit-tul.

Għalhekk, lil min qiegħed ibeżżża' li nsejna lil Għawdex fejn jidħlu fondi Ewropej, jien ngħidlu: "Isma' minni, ħu paċenzja, agħmel ir-riċerka tiegħek u staqsi l-mistoqsijiet qabel ma tibda tfajjar il-kummenti, għax nerġa' ngħid li aħna lil Għawdex mhux talli ma ħallejniehx barra talli għandna Gvern li lil Għawdex qed jagħtih riżorsi aktar minn qatt qabel biex ikompli jikber u jissaħħaħ. U dan bil-fatti u mhux bil-paroli biss! Nispera li mil-lum 'il quddiem inkunu ċari f'dan ir-rigward. Fil-fatt xi ħadd mill-kollegi tiegħi diġà wassal dan il-messaġġ lill-Onor. Alex Borg, forsi jieħu interess u tinbidel id-diska li qed nisimgħu fuq l-użu tal-fondi Ewropej ġewwa Għawdex!

Sur President, dan kollu li qed insemmi jfisser aktar proġetti, aktar xogħol u aktar investiment ta' fondi, però jfisser ukoll aktar skrutinju, jiġifieri aktar awditjar, biex nassiguraw it-trasparenza fuq kif qed noperaw. Issa anke fuq dan il-punt ikolli ngħid li wkoll ninsab iddiżappuntat bil-mod kif qed tirreaġixxi l-Oppożizzjoni, għax għal darb'oħra hawnhekk l-Oppożizzjoni jew qed tipprova tqarraq jew inkella qed tkun short-sighted. Illum l-Oppożizzjoni qed tgħidilna: "Qed tara, la qed isir aktar skrutinju minn dak li kien isir fi żmienna fuq il-Gvern u fuq min qed imorru l-fondi, allura sinjal li l-Gvern qed jaħdem ħażin! Sinjal li hemm dubji fuq kif dan qed jonfoq il-flus u fuq lil min qiegħed jagħti dawn il-fondi!" Iva possibbli li dawn mhumiex qed jifhmu li jekk, pereżempju, fi żmienhom kien isir 100 proġett u kienu jsiru għaxar audits, illum, la l-proġetti żdiedu għal 1,000, iridu jsiru mill-inqas 100 audit?!

Jiġifieri din hija kritika oħra bla bażi għax il-loġika stess tgħidlek li, ovvjament, aktar ma jkun hemm xogħol, dan aktar se jġib skrutinju miegħu. Madankollu din il-ħaġa qed tkompli tikkomplika ruħha għax filwaqt li nies mill-Oppożizzjoni u sezzjoni tal-midja li tissimpatizza mal-Oppożizzjoni qed jgħidulna li huwa ħażin li żdiedu l-audits, imbagħad fl-istess nifs qed jitkellmu u jagħmlu rapporti fuq proġetti li saru mill-fondi Ewropej daqslikieku dawn saru b'użu ħażin ta' dawn il-flus! Sfortunatament dawn l-istejjer m'għandhom l-ebda intenzjoni oħra ħlief li jagħmlu l-ħsara u jqajmu d-dubji fuq il-proċessi tagħna.

Ċertament dawn id-dubji jiġbdu anke l-għajn tal-Kummissjoni Ewropea, li allura jiġu Malta ħalli

jinvestigaw - għax wara kollox huma għandhom id-dmir li jagħmlu hekk - biex imbagħad ma jsibu xejn ħażin. M'hemmx għalfejn ngħidu li dan, jaħasra, isarraf biss f'ħela ta' ħin prezzjuż għall-ħaddiema tal-awtoritajiet maniġerjali tagħna u fi ħsara gratwita li tkun saret biss għall-gwadann politiku ta' xi wħud. Terġa' u tgħid, wieħed lanqas jista' jgħid li almenu dan isarraf fi gwadann politiku għax kulma jkun qed jagħmel min joħloq dawn l-istejjer hu li jkompli jitlef il-kredibbiltà tiegħu.

Issa, Sur President, jien nifhem li kandidat li ħiereġ għall-Parlament Ewropew irid jagħmel naqra ħoss, kif nifhem ukoll li gazzetta tipprova tikteb headline li bih tiġbed lin-nies lejha. Dawn l-affarijiet jien nifhimhom għax huma parti mil-logħba. Imma ejjew inkunu responsabbli għax meta wieħed ikun irresponsabbli, anke fuq din il-ħaġa, ir-riperkussjonijiet ikunu sinifikanti, u l-ħajja tan-nies mhijiex logħba. Meta jsiru tali allegazzjonijiet b'sensazzjonaliżmu eċċessiv tant li jissuġġerixxu ġestjoni ħażina u nuqqas ta' trasparenza, dawn l-allegazzjonijiet ikunu qed jagħmlu aktar ħsara milli sempliċement jisfidaw il-kredibbiltà tal-amministrazzjoni tagħna għax ikunu qed joħolqu narrattiva dannuża dwar Malta fix-xena internazzjonali u potenzjalment ipoġġu f'riskju l-finanzjament futur tagħna li ġej mill-Unjoni Ewropea għalkemm, bħall-Onor. David Casa, naħseb li fuq in-naħa l-oħra hemm min irid li l-finanzjament Ewropew f'Malta jitwaqqaf!

Barra minn hekk, dawn l-istejjer irawmu fin-nies perċezzjoni ta' inġustizzja fir-rigward tal-allokazzjoni ta' dawn il-fondi, u ma tagħtihomx tort jekk jibdew jaħsbu li s-sistema mhijiex ġusta u li l-applikazzjonijiet tagħhom għall-finanzjament mhumiex se jingħataw opportunità ġusta. Din il-perċezzjoni mhijiex biss ta' ħsara iżda hija wkoll perikoluża għax taqta' qalb l-individwi, l-intraprendituri u l-organizzazzjonijiet milli saħansitra japplikaw għall-fondi Ewropej, liema fondi jistgħu jikkatalizzaw il-proġetti tagħhom, jixprunaw l-innovazzjoni u jwasslu għal tkabbir ekonomiku u soċjali. Dan jimmina x-xogħol kollu li qed nipprovaw nagħmlu aħna bħala Gvern, li fl-aħħar mill-aħħar se jkun il-pedament li se ssibu intom stess jekk xi darba terġgħu taqbdu rkaptu ta' xi tridu, tkunu rappreżentati bħala partit u forsi xi darba l-poplu jerġa' jafdakom fil-gvern!

Ir-rispons għal dawn il-perċezzjonijiet għandu jkun wieħed b'saħħtu u multidimensjonali. Jeħtieġ li mhux biss nikkumbattu dawn in-narrativi bil-fatti u bit-trasparenza iżda wkoll nimpenjaw ruħna b'mod attiv ma' applikanti potenzjali sabiex nassigurawhom dwar it-trasparenza u l-imparzjalità tal-proċess. Aħna ninsabu impenjati sabiex niżguraw li kull ċittadin Malti u Għawdxi jkun jaf li l-fondi tal-Unjoni huma aċċessibbli u li l-applikazzjonijiet jiġu evalwati fuq il-mertu u fuq l-impatt potenzjali tagħhom.

Mhux talli hekk, talli bl-awditjar indipendenti u permezz ta' diversi inizjattivi, bħall-proċessi ta' applikazzjonijiet simplifikati, it-twaqqif u t-tisħiħ tal-SEM u t-tnedija tas-sit FONDI.eu, aħniex m'aħniex biss qed nissimplifikaw l-aċċess għal dawn il-fondi iżda qed nibagħtu wkoll messaġġ ċar li kull individwu u kull proġett jgħodd għax għalina kull proġett għandu valur soċjali u ekonomiku importanti ħafna. Huwa importanti immens li ma narmux ideat u enerġija li jistgħu jwasslu għall-innovazzjoni u għal żvilupp sostenibbli, speċjalment fl-isfond tal-maltemp li għaddejja minnu d-dinja bħalissa fejn qed tara riċessjoni u sfidi kbar.

Għalhekk waħda mill-prijoritajiet tal-Gvern hija proprju dik li jkompli jsaħħaħ l-investiment fin-negozju. Il-fondi Ewropej se jkunu ċentrali għal dan il-għan, kif ħareġ b'mod evidenti mid-Diskors tal-Baġit, għax il-Ministru Clyde Caruana spiss beda jsemmi l-fondi Ewropej hu u jelenka l-miżuri tal-Baġit. Biżżejjed ngħid li filwaqt li qabel fid-Diskors tal-Baġit kien isir kapitlu wieħed biss fuq il-fondi Ewropej, illum il-fondi Ewropej jissemmew tul id-Diskors tal-Baġit kollu. Għalhekk, Sur President, huwa importanti li nsostni l-importanza li għandhom il-fondi Ewropej sabiex nilħqu l-viżjoni ekonomika tagħna. Huwa l-għan tagħna li naraw il-fondi Ewropej jilħqu s-setturi kollha. Aħna għandna l-ambizzjoni li nittrasformaw il-viżjoni tagħna f'realtà tanġibbli permezz ta' għadd kbir ta' proġetti u skemi ta' inċentivi.

Din l-istrateġija mhijiex tħares biss lejn it-tkabbir ekonomiku, imma qed taċċerta wkoll li jkun hemm mobbiltà soċjali u opportunitajiet ekwi għal kulħadd. Fil-qalba ta' din il-viżjoni hemm l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li huma s-sinsla tal-ekonomija Maltija. Is-sena li ġejja se tkun xhieda ta' allokazzjoni sinifikanti tal-fondi Ewropej għall-SMEs, fosthom permezz ta' skemi bħal Business Enhance li għalihom hemm allokati mhux inqas minn €40 miljun.

Irridu aktar stejjer ta' suċċess bħal dik il-koppja Għawdxija li semmejt ftit ilu u li hija xempju tal-ispirtu intraprenditorjali li dejjem qiegħed jikber aktar f'pajjiżna.

Sur President, skont studju tal-Eurostat, Malta għandha t-tieni l-akbar 'enterprise birth rate' u waħda mill-inqas 'enterprise death rate' fl-Unjoni Ewropea. Ninsab ċert li l-fondi Ewropej għenu mhux ftit biex intlaħaq dan it-tragward, u dan bir-raġun għax aħna qed inkunu spalla ma' spalla man-negozju fejn qed niggwidawh u ngħinuh ikompli jkattar u jqassam il-ġid. Din hija vetrina sabiħa ta' politika li ssarraf f'suċċess prattiku li huwa tanġibbli u reali.

Barra minn hekk, il-Gvern tagħna jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' finanzjament aċċessibbli. Għalhekk, flimkien ma' banek lokali, se nintroduċu self issussidjat li huwa lest biex jistimula aktar minn €60 miljun f'investimenti min-naħa tal-SMEs b'kontribuzzjonijiet sinifikanti mill-InvestEU Fund. Dan huwa inċentiv li se jixpruna kunfidenza fl-investitur u jħeġġu jkompli jaspira u jikber, hu x'inhu s-settur. Hawnhekk se nsemmi eżempju ieħor ta' investiment. Din id-darba l-investiment sar minn raħħala żagħżugħa li waqqfet dairy farm wara li kienet tmur tgħin lil missierha fir-razzett minn mindu kienet żgħira. B'hekk hija tgħallmet bil-prattika fir-razzett tal-familja tagħha u wara studjat fuq livell akkademiku u saħansitra ggradwat fl-animal management ġewwa l-MCAST, istituzzjoni oħra li gawdiet ħafna mill-fondi Ewropej.

Minn hemm 'il quddiem lil din iż-żagħżugħa nibtitilha r-rieda li tibda n-negozju żgħir tagħha li jispeċjalizza fil-produzzjoni tal-ġbejna Maltija. Din hija mara taħt l-40 sena li bil-perseveranza tagħha u bl-għajnuna tal-fondi Ewropej bdiet in-negozju tagħha fis-settur agrikolu. L-eżempju ta' din ir-raħħala huwa wieħed fejn qed naraw il-fondi Ewropej iżewġu l-intrapriża u l-agrikoltura sostenibbli. Dan huwa eżempju li jagħti kredibbiltà lill-Gvern meta jgħid li proġetti agrikoli eco-friendly li huma ekonomikament vijabbli huma possibbli. Dawn is-setturi mhumiex biss vitali għall-ekonomija tagħna, iżda huma wkoll integrali għall-preżervazzjoni tal-wirt kulturali tagħna u għaċ-ċertezza ta' futur aktar ekoloġiku għal Malta.

Fil-qasam tal-agrikoltura l-Gvern tagħna huwa impenjat li jsaħħaħ l-investimenti hekk imsejħa 'Off-Farm Productive Investments' kif ukoll l-infrastruttura rurali. Dan jgħin ukoll lill-bdiewa jsebbħu u jippreżervaw il-pajsaġġ Malti permezz tal-intrapriża tagħhom. Dawn l-isforzi għandhom l-għan li joħolqu settur agrikolu aktar reżiljenti li mhux biss jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel iżda jippromwovi anke l-iżvilupp rurali u t-turiżmu.

Dan kollu jmur id f'id ma' proġetti relatati mal-afforestazzjoni u l-ambjent. Fil-fatt kburi ngħid li hemm ħafna fondi Ewropej li se jmorru għall-investimenti kapitali u li se jħallu impatt fuq l-ambjent b'mod dirett, anke fuq dak urban. Aħna nifhmu l-importanza tal-ambjent, u dan qed nuruh permezz ta' pjani konkreti u azzjonijiet li jirriflettu l-prijoritajiet tal-poplu tagħna. Il-bilanċ bejn l-iżvilupp u l-preżervazzjoni ambjentali qed jieħu post ċentrali fil-politika tagħna, fosthom, pereżempju, permezz tal-proġett tax-shore-to-ship, li huwa ffinanzjat mill-Just Transition Fund u mill-ERDF, u permezz tal-allokazzjoni b'saħħitha min-naħa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex insaħħu l-infrastruttura li se takkomoda d-domanda ta' enerġija li l-pajjiż irid jagħmel għall-vetturi elettriċi, biex ma nsemmix ukoll il-flotta l-ġdida ta' karozzi tal-linja elettriċi li suppost se naraw f'Malta s-sena d-dieħla. Dawn huma kollha miżuri li juru li l-Gvern huwa impenjat li jtejjeb il-kwalità tal-arja u jnaqqas it-tniġġis.

Madankollu, Sur President, aħna m'aħniex se nieqfu hemm. Irridu naraw li n-natura tieħu postha fl-iżvilupp urban aktar minn qatt qabel, u dan permezz ta' spazji ħodor miftuħa fil-viċinanzi tal-komunitajiet. Hawnhekk nista' nibda billi nsemmi l-proġett massiċċ li hemm ippjanat għall-Fgura, lokalità li ilha s-snin tokrob għal spazju miftuħ, kif wara kollox jixraq lir-residenti tagħha. Sa fl-aħħar, permezz tal-fondi Ewropej, il-Fgura se jkollha wieħed mill-akbar spazji ħodor fil-pajjiż. Proġett importanti ieħor se jkun ir-riġenerazzjoni ta' Ġnien Kottoner f'Bormla, li se jittrasforma ruħu f'park innovattiv, f'passaġġi għar-roti u f'faċilitajiet oħrajn. Bl-investimenti fl-infrastruttura ħadra qed nimmiraw li nilħqu l-miri ambjentali ambizzjużi tagħna filwaqt li fl-istess ħin inkunu qed intejbu s-saħħa fiżika u mentali tal-poplu Malti u Għawdxi b'mod indirett.

L-impenn tagħna lejn il-qasam tas-saħħa se nuruh ukoll b'investiment fl-infrastruttura. Fil-fatt il-fondi Ewropej qed jgħinu sabiex insaħħu l-isforzi tagħna f'dan il-qasam kruċjali. Dan mhux biss

jinkludi l-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet eżistenti iżda wkoll il-ħolqien ta' ċentri ta' eċċellenza ġodda li jkunu jistgħu joffru kura speċjalizzata u trattamenti innovattivi lill-pazjenti tagħna. Fosthom insibu l-finalizzazzjoni tax-xogħol fuq iċ-Ċentru tas-Saħħa Reġjonali Ċensu Moran f'Raħal Ġdid, fuq il-Bank tad-Demm kif ukoll fuq l-MR LINAC machine, li se tassigura li min għandu bżonn il-kura tal-kanċer jingħata l-aqwa servizz.

Però, Sur President, l-aktar servizz infrastrutturali li jien nibqa' kburi bih huwa l-inċentiv li tajna biex jiġu kkreati spazji autism-friendly. Dan il-proġett għandu l-għan li jippromwovi soċjetà aktar aċċessibbli u jippermetti l-parteċipazzjoni ta' persuni li jinsabu fl-ispettru tal-awtiżmu fl-attivitajiet soċjali. Aħna ridna nrawmu kultura ta' inklużjoni aħjar għal dawn il-persuni fil-komunitajiet tagħna. Bosta stabbilimenti ngħataw tikketta ta' kwalità. Pereżempju, fosthom hemm l-Esplora Interactive Science Centre, l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (MIA), il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija u l-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali. Dawn kollha saru postijiet fejn dawn it-tfal tagħna jistgħu jmorru flimkien mal-membri tal-familji tagħhom u jgawdu ħajja kemm jista' jkun normali.

Din hija politika li timlieni b'ħafna kuraġġ, Sur President, politika li b'mod ċar qed tħalli impatt pożittiv dirett fuq il-kwalità tal-ħajja tan-nies. Ma tistax timmaġina s-sodisfazzjon li ħassejt meta ltqajt ma' omm u qaltli li kienu ilhom snin ma jmorru ċ-ċinema bħala familja, però kemm ilu jeżisti dan l-iscreening issa din l-attività tista' ssir kull xahar. B'hekk qed noħolqu soċjetà verament aktar inklużiva u ġusta li tagħti opportunitajiet indaqs lil kulħadd.

Għalhekk huwa importanti wkoll li nkomplu ninvestu fl-edukazzjoni b'kemm għandna saħħa. Irridu li kulħadd jingħata ċ-ċans li jilħaq il-potenzjal tiegħu. In-nies huma l-unika riżorsa li għandna f'dan il-pajjiż, u għalhekk l-edukazzjoni hija l-akbar investiment li nistgħu nagħmlu f'pajjiżna kif ukoll fil-futur tagħna u ta' wliedna. Fil-fatt, anke hawn, il-fondi Ewropej għandhom rwol ċentrali. Is-soċjetà ta' għada trid tkun lesta għal dinja dejjem aktar teknoloġika, u aħna se naċċertaw li ħadd ma jibqa' lura f'dan il-qasam sempliċement minħabba li familja ma tkunx taffordja tixtri tablet jew laptop.

Illum dawn l-oġġetti m'għadhomx kapriċċ iżda nista' ngħid li saru fost l-aktar għodda importanti għat-tagħlim ta' wliedna. Għalhekk permezz tal-fondi Ewropej se nkomplu bl-iskema tal-One Tablet Per Child (OTPC) filwaqt li matul is-sena li ġejja, bil-fondi li ġejjin mill-European Social Fund Plus (ESF+), se nkunu qed inwettqu wegħda elettorali oħra; dik tal-One Device Per Child (ODPC) għat-tfal kollha tas-seba' sena. Imbagħad dan huwa kkomplementat bl-investiment fl-iskejjel infushom permezz tal-flus li ġejjin mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Sur President, li kieku ridt illum stajt nikkummenta wkoll fuq il-kumment xejn feliċi tal-"lagħqa żebgħa" li għamel il-Kap tal-Oppożizzjoni, imma ddeċidejt li nħalli lill-istudenti, lill-ġenituri u lill-għalliema tal-iskejjel tan-Nadur u ta' Ħal Għaxaq stess jirrisponduh permezz tal-kummenti li għamlu dwar ix-xogħlijiet li saru f'dawn l-iskejjel, għax onestament nemmen li l-livell politiku fqir ta' dak il-kumment m'għandux jingħata importanza minn dan il-Parlament.

L-investiment fil-qasam tal-edukazzjoni huwa investiment fin-nies li jwassal biex ikollna poplu aktar kunfidenti u reżiljenti quddiem l-isfidi ekonomiċi u soċjali li nistgħu niffaċċjaw fil-futur. L-investiment fin-nies se jwassal ukoll għall-ħolqien ta' aktar stejjer bħal ta' dik ir-raħħala, bħal ta' dik l-omm li qed tħoss li binha huwa milqugħ aktar minn qatt qabel fis-soċjetà, jew inkella bħal ta' dawk l-imprendituri ta' Għawdex. Stejjer bħal dawn huma r-riżultat tal-investiment bil-fondi Ewropej li qed iħallu impatt dirett fil-ħajja tan-nies. Din hija l-politika li tagħmel id-differenza! Id-differenza nagħmluha bl-investiment fil-qasam tas-saħħa, bl-investiment fil-qasam tal-edukazzjoni, bl-investiment fil-qasam infrastrutturali, bl-investiment fil-qasam tan-negozji, bl-investiment fil-qasam ambjentali u bl-investiment fit-tfal u fiż-żgħażagħ tagħna. Malta Ġusta hija dik li tagħmel id-differenza bl-investiment, bl-investiment fin-nies! Nirringrazzjak, Sur President. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Omar Farrugia.

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Sur President, ftit tal-ġimgħat ilu l-Malta Chamber of SMEs ħarġet rapport li fih elenkat lista tal-aktar affarijiet li l-

SMEs qegħdin iqisuhom importanti. Ta' min jgħid li fuq nett ta' din il-lista ssemma n-nuqqas ta' ħaddiema, bi kważi 40% tan-negozjanti intervistati jsemmuha bħala waħda mill-aktar fatturi li jqisu bħala importanti. Mela minn banda għandna l-isfida tal-ħaddiema barranin li jridu jiġu jgħixu f'pajjiżna u l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà filwaqt li mill-banda l-oħra għandna lin-negozjanti, li qegħdin jgħidulna li ġaladarba s-suq tagħhom irid ikompli jikber, għandhom bżonn aktar ħaddiema.

Dan il-Gvern ta appoġġ totali permezz tal-In-Work Benefit meta żied il-valur tad-dħul lil dawk kollha bi dħul baxx u riċentement dan il-Gvern daħħal ukoll il-miżura importanti tal-COLA addizzjonali għal dawk il-familji li għandhom l-inqas dħul sabiex b'hekk inkomplu nikkumbattu l-isfida tal-pagi f'pajjiżna. Li rrid ngħid jien hu li ġid sar fuq li sar, però xorta jibqa' l-fatt li t-third country nationals (TCNs) qed iħallu impatt fuq dan il-pajjiż.

F'dan kollu hemm kontradizzjoni, Sur President. Kif nistgħu nsibu bilanċ b'tali mod li nassiguraw illi n-negozji tagħna jkunu qed ikomplu jikbru filwaqt li fl-istess ħin nimminimizzaw l-impatt taż-żieda fil-popolazzjoni? Waħda mill-affarijiet li żgur hemm qbil unanimu dwarha f'din il-Kamra hija dik li rridu nżidu l-produttività u l-valur miżjud tal-produzzjoni tagħna. Dak huwa fatt! Mela allura hawnhekk il-mistoqsija tiġi waħedha. Għandna nħarsu lejn il-kwoti tal-ħaddiema barranin li huma TCNs u li huma low-skilled workers?

Jekk iva, in-negozjanti li qegħdin jipproponuha permezz taċ-Chamber of Commerce, qed jifhmu r-restrizzjonijiet li din iġġib magħha? L-imsieħba soċjali lesti joħorġu bi kwota ta' ħaddiema low-skilled? Mela qegħdin naqblu li dawk it-TCNs li għandhom kwalifiki għolja, bħal degree, dawk merħba bihom. Lil dawn il-professjonisti li kull pajjiż Ewropew jiġġieled għalihom ejjew inkomplu nsostnuhom. Ħafna drabi dawn kollha jkollhom dħul elevat, u pajjiż għandu dejjem isostni lil dan it-tip ta' ħaddiema li jkunu kwalifikati u għandhom esperjenza professjonali, irrispettivament mil-liema pajjiż ikunu ġejjin.

Dawk li m'għandhomx degree sfortunatament insejħulhom low-skilled workers. Issa hawn nixtieq nagħmel parentesi u ngħid li huwa importanti li d-degrees tal-ħaddiema TCNs ikunu maħruġa minn istituzzjonijiet professjonali. Però jien nistaqsi: Fuq dawk il-ħaddiema TCNs li m'għandhomx degree u li huma low-skilled workers, għandu jkun hemm kwota li tonqos sena wara l-oħra? Jien naħseb li l-kwota għandha tiġi stabbilita wara li jsir djalogu mal-istakeholders, fosthom mal-unions li jirrappreżentaw lill-ħaddiema u man-negozjanti. L-importanti hu li l-kwota li tiġi stabbilita tkun bilanċjata u tkun tagħmel sens b'mod li fuq medda ta' snin tinħass id-differenza. Jien nemmen li b'hekk lin-negozji nkunu qed inħallulhom tieqa miftuħa. Il-kwota li qed insemmi jien għandha tkun tapplika biss għall-ħaddiema TCNs li huma low-skilled.

B'dan il-mod inkunu qed nibagħtu messaġġ lin-negozjanti biex jagħmlu n-negozju tagħhom aktar effiċjenti billi, fost oħrajn, jagħmlu użu akbar mid-diġitalizzazzjoni, iħaddmu persuni b'livell tajjeb ta' edukazzjoni u jħallsu b'mod kompetittiv. B'hekk, dak ix-xogħol li llum jagħmluh numru mdaqqas ta' ħaddiema hekk imsejħa "bla skola" jkun jista' jsir b'mod aktar effiċjenti u b'inqas ħaddiema ġaladarba dawn ikunu ħaddiema ta' kwalità. Jekk in-numru ta' TCNs low-skilled workers f'pajjiżna jiġi ristrett billi l-permess tagħhom ma jiġix imġedded, bil-mod il-mod se nibdew ninnotaw tnaqqis fin-numru ta' ħaddiema TCNs li huma low-skilled u minflokhom se nibdew naraw ħaddiema oħrajn b'edukazzjoni għolja.

Hawnhekk ta' min isemmi d-Direttiva Ewropea tal-Karta Blu, li bħalissa qed tiġi aġġornata, kif ukoll l-iskemi nazzjonali li huwa impenjat li joħroġ dan il-Gvern, fosthom il-Key Employee Initiative (KEI). Ikun tajjeb ukoll jekk infakkar xi jgħid artiklu 29 li nsibu fil-Manifest Elettorali tal-Partit Laburista *Malta Flimkien* f'dan ir-rigward:

> "Pajjiżna jeħtieġ li jkun dejjem aktar kompetittiv sabiex jattira riżorsi umani u talenti ġodda lejn xtutna. Invaraw skemi oħra ġodda ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi highly-skilled u oħrajn speċjalizzati f'kategoriji differenti ta' dħul."

Din in-naħa tal-Kamra hija ċara kristall dwar dan il-punt. L-impatt soċjali ta' din il-bidla jista' jkun konsiderevolment għall-aħjar. Aktar ma jiżdiedu l-ħaddiema kwalifikati f'pajjiżna, kemm jekk dawn ikunu ġejjin mill-Unjoni Ewropea kif ukoll jekk ikunu ġejjin minn pajjiżi oħrajn, aktar jikber il-potenzjal ta' Malta li jkollha setturi ekonomiċi dejjem iżjed b'saħħithom u dejjem iżjed reżiljenti.

Is-suġġeriment li għamilt dwar il-kwota mhuwiex xi ħaġa ġdida. Pereżempju, l-Ingilterra għandha l-iSkilled Worker Route fejn jiġri proprju dan, u fil-fatt fl-aħħar tal-intervent tiegħi se nitlob il-permess biex inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-framework uffiċjali tal-Gvern Ingliż. Il-Gvern Ingliż nieda sistema ta' punti li, permezz tagħha, wieħed irid ikollu numru ta' kwalitajiet biex jaħdem fl-Ingilterra. Fost oħrajn wieħed irid ikollu ċertu livell ta' edukazzjoni kif ukoll l-abbiltà li jitkellem bl-Ingliż. Naturalment kollox irid ikun jiddependi wkoll mil-liema oqsma jkun hemm domanda għax-xogħol fil-pajjiż.

Il-Gvern Taljan miexi fuq l-istess binarju, u fil-fatt ir-regoli uffiċjali jgħidu li din is-sena se jidħlu biss 136,000 ħaddiema TCNs. Ta' min jgħid li s-sena li għaddiet daħlu f'pajjiżna 36,000 ħaddiema TCNs. Issa meta wieħed jikkonsidra li għalkemm il-popolazzjoni Taljana hija 120 darba akbar minn dik ta' Malta, din is-sena fl-Italja se jidħlu biss 100,000 ħaddiem TCN aktar minn pajjiżna, wieħed jara l-kobor tal-isfida li għandna aħna f'dan ir-rigward. Hawnhekk qed nikkompara biss in-numru ta' ħaddiema TCNs li jmorru l-Italja ma' dawk li jiġu Malta, jiġifieri m'iniex qed ninkludi wkoll ħaddiema staġjonali li jmorru jaħdmu l-Italja u jitilqu mill-pajjiż fi żmien qasir.

Sur President, mistoqsija parlamentari 8747, li fl-aħħar tal-intervent tiegħi wkoll se nkun qed nitlob il-permess biex inpoġġiha fuq il-Mejda tal-Kamra, turi li l-ħaddiema barranin jagħmlu biss ftit żmien f'pajjiżna - madwar 22 xahar - u mbagħad jitilqu. Din ix-xejra hija waħda konsistenti u hija problema minħabba numru ta' fatturi. L-ewwel nett dan ifisser li l-battalja li jkollhom jagħmlu n-negozjanti kontinwament biex isibu l-ħaddiema ġejja wkoll mill-fatt li ħafna ħaddiema barranin jitilqu minn pajjiżna wara żmien qasir. Fil-fatt, fost oħrajn, ir-risposta li ngħatat għal din il-mistoqsija parlamentari tgħid ukoll li bejn l-2013 u l-aħħar ta' Diċembru 2022 kellna total ta' 190,296 ħaddiem TCN li kienu attivi, iżda 91,632 minnhom, jiġifieri 48%, diġà ħallew lil pajjiżna filwaqt li kważi 48,000 minnhom, jiġifieri madwar kwart tal-ħaddiema barranin li jiġu jaħdmu hawnhekk, idumu f'pajjiżna sena jew inqas.

Għalfejn qed ngħid dan kollu, Sur President? L-għaqdiet tan-negozji stess, inkluż il-Malta Chamber of Commerce, ipproponew capping jew kwota. Fl-istess ħin jien nemmen li m'għandniex nagħlqu l-bibien tagħna lil dawk il-ħaddiema barranin li għandhom livell ta' edukazzjoni għolja ħafna. Issa f'liema oqsma dawn il-ħaddiema għandhom jitħallew jibqgħu deħlin f'pajjiżna u liema le, naħseb li kollox għandu jiddependi min-neċessità tal-pajjiż, bħal fil-każ tal-mudell Ingliż. Is-sistema trid tkun tali li l-qasam tas-saħħa, inkluż is-servizz ta' carer għall-anzjani tagħna, kif ukoll oqsma oħra importanti, ikomplu għaddejjin mingħajr xkiel. Però jekk hemm oqsma fl-ekonomija li fihom diġà għandna ħaddiema biżżejjed, allura f'dak il-każ il-mudell Ingliż jgħidlek biex tħares lejn ir-restrizzjonijiet tan-numri.

Nifhem il-popoliżmu, Sur President. Nifhem li faċli taqbad dan il-kliem li qiegħed inlissen, tieħdu barra mill-kontest tiegħu u tagħmel xalata minn min hu suxxettibbli għall-popoliżmu. Madankollu nemmen li aħna l-Membri ta' din il-Kamra għandna nieqfu ngħidu biss affarijiet li jogħġbu lin-nies, bħalma jagħmlu partikolarment sħabna tal-Oppożizzjoni, u minflok għandna noffru ideat għal dibattiti serji. Jien qed inressaq 'il quddiem konċett li ħadem f'pajjiżi oħrajn.

Għalhekk ninsab fiduċjuż li nistgħu noħolqu diskussjoni dwaru biex, iva, inkunu nistgħu ntejbu l-ħajja tan-nies u, fuq kollox, tal-ħaddiema u tan-negozjanti Maltin. Ma nemminx li din is-soluzzjoni hija a race to the bottom, anzi dan il-Gvern għolla l-paga minima biex jassigura li kulħadd jimxi 'l quddiem. Però jekk din il-bidla li qed nipproponi ssir fuq medda ta' snin inkunu nistgħu naraw numri aktar sostenibbli fir-rigward tal-ħaddiema barranin filwaqt li fl-istess ħin inkunu qed nagħtu s-sostenn tagħna lill-industriji differenti li qegħdin jikbru u jaraw iżjed xogħol f'pajjiżna.

Sur President, fl-aħħar nett nitlob il-permess sabiex inqiegħed id-dokumenti li għamilt referenza għalihom matul id-diskors tiegħi fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Dokument bl-isem 'The UK's points-based immigration system: an introduction for employers' datat 25 ta' Frar 2022;

Artiklu bl-isem 'Flussi 2023 – 2025, pubblicato il decreto da 450 mila ingressi' datat 4 ta' Ottubru 2023; u

Mistoqsija Parlamentari 8747 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar 'Ħaddiema Barranin – tul ta' żmien u paga' magħmula mill-Onor. Rebekah Borg u mwieġba mill-Onor. Clyde Caruana, Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol fis-Seduta 124 tat-22 ta' Mejju 2023.

Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ray Abela.

**ONOR. RAY ABELA:** Sur President, l-ewwel nett se nibda biex ngħid għaliex pajjiżna qed igawdi minn dan is-suċċess ekonomiku, liema suċċess ekonomiku qed jibqa' għaddej minkejja d-diffikultajiet ġeopolitiċi u l-kritika min-naħa tal-Oppożizzjoni. Pajjiżna, bil-provi, qed jgħin lill-poplu u lin-negozji tagħna jkomplu mexjin 'il quddiem, u dan billi lil min hu batut qed nagħtuh idejna biex ikompli miexi 'l quddiem filwaqt li lil min diġà huwa miexi 'l quddiem qed nagħtuh dik l-id biex jitlaq jiġri. Wara kollox dak huwa l-konċett politiku ta' dan il-Gvern; li jmexxi 'l quddiem l-idea tas-soċjaliżmu u tal-pro-business fil-qasam tan-negozju.

Bi pjaċir ngħid li matul is-sena li ġejja se jkollna l-aqwa tkabbir ekonomiku mill-pajjiżi membri kollha tal-Unjoni Ewropea. Pajjiżna qed jingħata ċertifikat wara l-ieħor minn credit rating agencies għax qegħdin jirrikonoxxu l-qagħda finanzjarja u ekonomika ta' din Malta tagħna. Ta' min jgħid li Malta għandha wkoll l-inqas rata ta' qgħad fost il-pajjiżi membri kollha tal-Unjoni Ewropea. Illum Malta għandha l-finanzi fis-sod, u b'hekk qed inkomplu ninvestu fil-poplu tagħna billi qed ninċentivawh, inqassmu l-ġid u nirbħu l-fiduċja f'pajjiżna.

Issa, Sur President, nixtieq nitkellem ftit fuq il-fondi Ewropej kif ukoll fuq l-inizjattivi u l-proġetti li qed noħolqu permezz ta' dawn il-fondi, fosthom fil-qasam tal-ekonomija diġitali, qasam li se nitkellem fuqu aktar 'il quddiem. Hawnhekk ma nistax nonqos milli nsellem lill-kollega tiegħi s-Segretarju Parlamentari Chris Bonett, lis-Segretarju Permanenti u lin-numru kbir ta' uffiċjali li jinsabu preżenti hawnhekk, fosthom mill-European Union Programmes Agency (EUPA), filwaqt li nfaħħarhom għall-impenn li huma juru f'xogħolhom.

Dawn l-uffiċjali jamministraw il-pakkett miljunarju li ġibna lil pajjiżna għal matul is-sentejn li ġejjin, €2000 miljun! Dan huwa l-pakkett li l-Onor. Robert Abela bħala Prim Ministru ġab lil pajjiżna għal matul is-snin li ġejjin. Ta' min jgħid li ħafna minn dawn il-fondi diġà bdew jintużaw fl-oqsma tal-infrastruttura, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u f'diversi oqsma oħra bħal dak tal-agrikoltura, tal-ambjent u tat-trasport.

Ma tantx irrid inkun tekniku biex ikun jista' jifhimni kulħadd, imma fondi bħal dawk tal-ERDF u l-Fond ta' Koeżjoni jappoġġjaw inizjattivi li jtejbu l-kompetittività, l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju filwaqt li jappoġġjaw anke l-infrastruttura, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-miżuri li huma mmirati sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-amministrazzjoni tal-Gvern. Dan jinkludi l-investiment kapitali ta' pajjiżna fi skejjel, f'toroq, f'bereġ, fi kliniċi, f'apparat tal-isptarijiet, fi spazji miftuħa u fi proġetti oħra. Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej Chris Bonett diġà tkellem fid-dettall dwar dawn l-inizjattivi.

Jien min-naħa tiegħi se nsemmi wkoll id-diversi skejjel li qegħdin nirranġaw, u nistgħu niftaħru li se nkomplu naħdmu fis-settur edukattiv bil-għan li nkomplu nħeġġu aktar ħiliet b'saħħithom. Huwa biżżejjed li nsemmi skemi li għalkemm żgħar, huma tajbin ħafna, bħall-OTPC u l-ODPC li se nagħtu lill-istudenti fis-seba' sena kif ukoll inizjattivi oħra ta' skambji ta' studenti u scholarships, li ħafna drabi jistgħu jkunu possibbli permezz tal-fondi tal-Erasmus.

Sur President, il-European Social Fund (ESF) huwa fond ieħor li huwa mmirat sabiex jgħin l-oqsma tal-impjiegi u tal-inklużjoni soċjali. Malta tuża dan il-fond biex tinvesti fil-kapital uman, f'titjib fil-qasam tal-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet, f'titjib għal dak li għandu x'jaqsam ma' opportunitajiet ta' impjiegi, f'taħriġ vokazzjonali kif ukoll f'dawk l-isfidi li huma relatati mal-inklużjoni soċjali. B'hekk inkunu nistgħu nkomplu ngħinu lill-SMEs jindirizzaw id-digital gap u l-ħaddiema, kif ukoll l-istudenti jkomplu jinvestu fihom infushom permezz ta' edukazzjoni

aktar għolja bil-għan li jtejbu l-prospetti tal-karriera tagħhom.

Hawnhekk ma nistax ma nirreferix għall-fond li huwa ddedikat għat-Training Pays Scheme, liema skema nfetħet għal dawk l-individwi li diġà jinsabu fid-dinja tax-xogħol. Fil-fatt din is-sena kien hemm uptake qawwi għal din l-iskema. Insemmi wkoll l-Investing in Skills Scheme, li hija skema mmirata għal dawk l-intrapriżi u n-negozji li jixtiequ jorganizzaw taħriġ għall-impjegati tagħhom. Ta' min jgħid li dawn l-iskemi joffru opportunità ta' grants u ta' tax credits li jlaħħqu mas-70% tal-ispiża fuq dan it-tip ta' taħriġ.

Smajna wkoll b'diversi benefiċċji ta' fondi anke f'forma ta' tax credits li mhux biss huma mmirati għall-innovazzjoni u għall-investiment fl-SMEs iżda wkoll għal dawk li jridu jkomplu jistudjaw biex jakkwistaw livelli ogħla fid-Degree, fil-Masters u fid-Dottorat tagħhom. Barra minn hekk Malta tibbenefika minn fond ieħor, il-Horizon 2020, li jirrigwarda l-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, qasam li huwa kruċjali għat-tkabbir ekonomiku ta' Malta. Naturalment ma jonqsux investimenti oħrajn li nagħmlu għall-poplu tagħna, bħas-sapport fis-settur agrikolu kif ukoll f'setturi importanti oħrajn.

Sur President, ma nistax nikkonkludi dan l-intervent mingħajr ma nitkellem dwar suġġett li huwa għal qalbi ħafna, li huwa l-ekonomija diġitali u l-avvanzi li bħala pajjiż irnexxielna nagħmlu matul dawn l-aħħar snin f'dan ir-rigward. L-ekonomija diġitali f'Malta ilha tikber b'mod kostanti, u dan għax bħala Gvern irrikonoxxejna l-importanza tat-teknoloġiji diġitali kif ukoll tal-innovazzjoni fit-tmexxija tat-tkabbir ekonomiku. Minn hawnhekk nixtieq insellem lill-kollega tiegħi l-Ministru Silvio Schembri kif ukoll lit-tim tiegħu għall-impenn u għall-ħidma tagħhom bil-għan li nkomplu nixprunaw 'il quddiem din l-ekonomija innovattiva u vibranti għall-benefiċċju tal-futur ta' pajjiżna kif ukoll tat-tfal, taż-żgħażagħ u tal-familji Maltin u Għawdxin.

Malta poġġiet ruħha bħala ċentru għall-innovazzjoni diġitali li tattira kemm kumpaniji lokali kif ukoll kumpaniji internazzjonali. L-ekonomija ta' pajjiżna hija waħda miftuħa u vibranti – pro-business, kif għedt qabel - u dan bis-saħħa ta' politika ta' appoġġ għan-negozji u għall-investiment, għal inċentivi fiskali u għal riżorsa umana dejjem aktar b'saħħitha. Il-Gvern, flimkien mal-privat, investa wkoll fl-iżvilupp ta' infrastruttura diġitali, inkluż f'konnettività tal-internet b'veloċità għolja, sabiex jiffaċilita t-tkabbir ekonomiku tal-gżejjer tagħna.

Irridu nkomplu nkabbru dan is-suq. Irridu nkomplu niddiversifikaw lejn setturi ġodda li jiggarantixxu opportunitajiet għaż-żgħażagħ u għat-tfal tagħna. Fost dawn nista' nsemmi futuristic technologies bħall-artificial intelligence (AI) u r-robotika. Konna proattivi saħansitra fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ekonomiċi emerġenti bħall-blockchain u l-crypto currencies billi, fost oħrajn, stabbilixxejna qafas regolatorju b'saħħtu li jappoġġja l-iżvilupp ta' dawk in-negozji li huma bbażati fuq il-blockchain. Tant hu hekk li pajjiżi oħra, fosthom dawk li huma membri fl-Unjoni Ewropea, qegħdin iħarsu lejn dak li għamilna aħna f'dan is-settur.

Sur President, minn hawnhekk nixtieq insellem lil dawk l-uffiċjali kollha tal-entitajiet li jmexxu l-aġenda diġitali ta' pajjiżna 'l quddiem, fosthom lill-uffiċjali tal-Malta Tourism Authority (MTA), tal-Malta Digital Innovation Authority (MDIA), li wħud minnhom jinsabu preżenti hawnhekk, u tal-Malta Gaming Authority (MGA). L-investimenti li saru tul is-snin fil-qasam tal-eGovernment services kienu kbar, u llum il-ġurnata pajjiżna jinsab fuq quddiem nett fost il-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn is-servizzi.

Irridu nkomplu naħdmu sabiex ikollna outreach aktar b'saħħtu b'mod li ċ-ċittadini kollha jingħataw it-taħriġ, l-għarfien u l-kapaċità li jużaw dawn is-servizzi. B'hekk inkunu verament qed nippromwovu pajjiż inqas burokratiku u aktar modern. Ejjew bħala poplu nitgħallmu nużaw aktar it-teknoloġija diġitali u s-servizzi li qed joffrulna kemm il-Gvern kif ukoll il-privat. B'hekk inkunu qegħdin neċċellaw fl-esplojtazzjoni tal-vantaġġi li t-teknoloġija toffri lill-poplu u lill-ekonomija tagħna, u dan jiggarantixxi wkoll aktar suċċess u prosperità kemm għal pajjiżna kif ukoll għall-familji Maltin u Għawdxin. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? Il-Ministru Silvio Schembri.

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Sur President, il-Baġit li għadu kemm tressaq minn dan il-Gvern

qed ikompli jibni fuq dawk ta' qablu u permezz tagħhom qegħdin naraw li l-ġid li jiġi ġġenerat jitgawda mis-soċjetà fl-intier tagħha. Fil-fatt dak hu li nkunu rridu nfissru aħna meta ngħidu "Malta Ġusta".

Il-konflitti ġeopolitiċi bejn l-Ukrajna u r-Russja kif ukoll il-konflitt f'Gaża introduċew elementi ta' inċertezza ekonomika globali, imma minkejja dawn l-isfidi, il-Gvern għażel li jkompli jgħin lin-nies anke fl-aktar mumenti diffiċli. Huwa ta' sodisfazzjon kbir meta tara li minkejja dawn l-isfidi, l-ekonomija Maltija qed tibqa' għaddejja b'ritmu tajjeb ħafna, kif mistennija li tagħmel anke s-sena d-dieħla. Fil-fatt huwa mbassar li l-ekonomija ta' pajjiżna se tikber b'4.4%, u dan se jkun l-akbar tkabbir fl-ekonomija minn fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-prezzijiet tal-enerġija u tal-fuels, il-Gvern għażel li jibqa' jipproteġi lin-nies mid-daqqiet goffi tal-prezzijiet internazzjonali sabiex b'hekk il-piż ma jgħaddix għand il-konsumatur, kif ikolli ngħid li kien isir taħt Gvernijiet Nazzjonalisti. Hawnhekk ta' min ifakkar li matul dawn l-aħħar għaxar snin pajjiżna għamel avvanzi ekonomiċi kbar 'il quddiem, u dan m'iniex qed ngħidu biex wieħed joqgħod jikkompara ma' snin oħra. Imma ġaladarba qed nitkellmu fuq il-mudell ekonomiku, irridu naraw fejn wassalna l-mudell ekonomiku li użajna, u ġaladarba l-Oppożizzjoni qed tgħid li l-mudell ekonomiku ta' eċċellenza huwa dak użat fi żmien Gvernijiet Nazzjonalisti, allura bilfors ikolli nqabbel biex finalment wieħed jasal li jifhem liema kien l-aktar mudell ekonomiku li ħadem.

Pereżempju, jekk wieħed imur lura għas-sena 2012, li kienet l-aħħar sena ta' Gvern Nazzjonalista, u jqabbel l-ekonomija mas-sena li għaddiet isib li f'perjodu ta' għaxar snin l-ekonomija ta' pajjiżna rdoppjat. Dak il-mudell ekonomiku li skont l-Oppożizzjoni falla, f'għaxar snin irdoppja l-ekonomija ta' pajjiżna, jiġifieri dak kollu li kien jipproduċi pajjiżna minn kemm ilna neżistu, f'għaxar snin Gvern Laburista rnexxielu jirdoppjah. Dan huwa l-mudell ekonomiku ta' pajjiżna! Hawn irrid nagħmel ukoll il-punt li dan il-mudell ekonomiku mhux talli sempliċement irdoppja l-prodott gross domestiku (GDP) talli l-produttività ta' pajjiżna kibret b'50%.

Matul dan id-dibattitu saret referenza wkoll għall-investiment dirett barrani (FDI). Issa rrid ngħid li min-naħa tal-Oppożizzjoni kien hemm min ħa għalih għax il-Prim Ministru sejħilhom "dilettanti". Allaħares aħna kellna noqogħdu nieħdu għalina għal kull aġġettiv li jagħtuna l-Membri tal-Oppożizzjoni, għax m'hawnx aġġettiv Malti wieħed li ma użawx fil-konfront tagħna! Imma hemm min hu daqsxejn iktar sensittiv! U fl-aħħar mill-aħħar għaliex il-Prim Ministru qal lill-Membri tal-Oppożizzjoni li huma jimxu b'mod dilettantesk fejn tidħol l-ekonomija? Għax huma saħansitra semmew xi dubji li hemm fuq l-FDI. Issa hawn l-ewwel nett wieħed irid iżid jgħid li matul dawn l-aħħar għaxar snin l-FDI f'pajjiżna rdoppja wkoll. Mhux żdied bi ftit, iżda f'għaxar snin irdoppja! Però dan mhuwiex kollox.

Semmew ukoll dubju dwar il-kreazzjoni ta' kumpaniji. Qalu li hawn biża' li l-ekonomija mhix se tibqa' miexja 'l quddiem u li mhumiex qed jiġu mwaqqfa kumpaniji ġodda. Jien ma nafx liema statistika jaraw għax, fil-verità, tafu kemm żdiedet ir-rata tat-twaqqif ta' kumpaniji ġodda f'pajjiżna matul dawn l-aħħar għaxar snin? Din id-darba mhux irdoppjat iżda żdiedet b'disa' darbiet aktar minn kemm kienet taħt it-tmexxija ta' Gvern Nazzjonalista. Mhux id-doppju din id-darba, iżda disa' darbiet! Ovvjament min jisma' d-diskorsi tal-Membri tal-faċċata tagħna jaħseb li matul dawn l-aħħar għaxar snin ma sar xejn tajjeb, anzi sar kollox ħażin. Forsi matul dawn is-snin tant kienu mitlufa jiġġieldu bejniethom li ma rrealizzawx li pajjiżna u l-poplu Malti u Għawdxi baqa' miexi 'l quddiem!

Pereżempju, hawnhekk se nirreferi għal wieħed mill-kummenti li għamel l-Onor. Ivan J. Bartolo meta qal li l-ispiża kapitali naqset bi 15%. Issa hawnhekk irrid ngħid, Sur President, li l-kollega jew qed iqarraq, jew mhux qed ikun ġust jew inkella forsi hemm bżonn ta' xi ftit aktar informazzjoni. Fil-fatt, fil-verità hemmhekk il-kollega tiegħi l-Onor. Ivan J. Bartolo kien qed jikkwota parti waħda biss mill-ispiża kapitali li ġejja mill-fondi Ewropej. Ilkoll nafu li s-sena li għaddiet kienet is-sena li matulha jingħalaq il-programm tal-fondi Ewropej u għalhekk huwa ovvju li matul l-aħħar sena ssir spiża kapitali ħafna akbar biex jingħalaq il-programm kollu, jiġifieri dan ma jfissirx li din is-sena pajjiżna naqqas l-ispiża kapitali tiegħu. Din mhijiex xi ħaġa li hemm bżonn tagħmel kalkolu fuqha għax biżżejjed wieħed iħares lejn l-Estimi tal-Baġit.

Sur President, fl-aħħar tal-intervent tiegħi se npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra estratt mill-Estimi Finanzjarji 2024 ħalli żgur ma jkunx hemm diffikultà biex jinstab. Jekk wieħed jara x'inhuma l-proġettazzjonijiet tal-ispiża kapitali lokali jsib li l-ispiża kapitali żdiedet u mhux naqset. Hawnhekk jien mhu qed nagħmel l-ebda kalkolu imma din hija xi ħaġa li qiegħda mniżżla fl-Estimi tal-Baġit li jien se npoġġiha fuq il-Mejda tal-Kamra biex wieħed ikun jista' jirreferi għaliha faċilment biex żgur ma jaqbdux xi karta b'oħra u jitgerfxu! Fil-fatt is-sena d-dieħla l-ispiża kapitali lokali se tiżdied minn €627 miljun għal €637 miljun u s-sena ta' wara din l-ispiża se tiżdied b'mod straordinarju għal €737 miljun. U mela niġu ngħidu li naqqasna l-ispiża kapitali?! Jien għalhekk jiddispjaċini meta nipprovaw nimmiżgwidaw.

L-Onor. Ivan J. Bartolo għamel ukoll kumment, li jien ktibtu, biex żgur ma nkunx qed nikkwota xi ħaġa li ma qalx. Dan qal li llum lanqas hawn aptit għall-bonds għax hemm ċertu biża' biex dak li jkun jidħol għalihom. Nerġa' ngħid li jien ma nistax nifhem f'liema pajjiż qed jgħixu xi wħud! Qed ngħid hekk għax din is-sena stess tlabt lil xi uffiċjali jibagħtuli statistika u sibt li din is-sena ħarġu patafjun ta' corporate bonds, jiġifieri bonds mis-settur privat. Pereżempju, fosthom nista' nsemmi lil Mariner Finance, CF Estates Finance, Pharmacare Finance, Qawra Palace, Mediterranean Investments Holding, JD Capital, ClearFlowPlus, AX Group, International Hotel Investments u APS Bank.

It-total ta' corporate bonds li nħarġu biex jissellfu mill-pubbliku lokali huwa ta' madwar €400 miljun, anzi biex inkun preċiż €385.5 miljun. Ta' min jgħid ukoll li filwaqt li meta jinħarġu l-corporate bonds, ġeneralment ikun hemm perjodu ta' tlett ijiem biex il-kumpanija tilqa' l-offerti, dawn il-corporate bonds kollha li semmejt - kollha kemm huma - inħatfu mhux f'jumejn imma fl-ewwel ftit sigħat tal-ewwel ġurnata u allura kellhom jagħlqu minħabba l-hekk imsejħa "oversubscription". Biżżejjed ngħid li l-APS Bank kellu bżonn €50 miljun u f'temp ta' madwar erba' sigħat ġabar talba għal €65 miljun. U mela tiġu tgħiduli li hemm l-isfiduċja!

Din hija l-fiduċja li nitkellmu dwarha, u huwa inutli li nipprovaw inqarrqu, nikkwotaw ħażin jew inkella ngħidu affarijiet biex imbagħad jikkwotawhomlna fil-midja, għax ir-realtà hija differenti minn hekk. Issa biex inkun għedt kollox, dan ma jfissirx li kollox huwa ward u żahar, u din hija xi ħaġa li dejjem ngħiduha bħala Gvern. Hemm problemi, mela m'hemmx! Imma huwa għalhekk li hemm Gvern Laburista, biex jindirizza dawk il-problemi, u l-poplu Malti u Għawdxi għandu fiduċja li l-Gvern Laburista kapaċi jindirizzahom. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, dan il-Baġit fih diversi miżuri li permezz tagħhom se nkunu qegħdin inħarsu lill-industrija u lin-negozji tagħna filwaqt li nkunu nistgħu naħdmu flimkien sabiex inkomplu niksbu aktar suċċessi ekonomiċi. Mhux biss qed inħarsu lejn l-industrija li diġà hija stabbilita, iżda għandna diversi inizjattivi mmirati biex ngħinu lill-istart-ups, speċjalment lil dawk li qed jimirħu fis-settur innovattiv, ħalli b'hekk inkomplu nkabbru ekonomija diversifikata, kompetittiva u sostenibbli.

Issa, Sur President, nixtieq nitkellem ftit fuq il-passi ta' ġgant li għamilna bħala pajjiż fil-qasam tal-ekonomija diġitali. Fil-fatt il-progress li sar fil-qasam tat-trasformazzjoni diġitali f'pajjiżna għadu kif ġie vvalidat mill-Kummissjoni Ewropea meta hawnhekk Malta rreġistrat prestazzjoni ogħla mill-medja Ewropea fil-11-il mira tat-trasformazzjoni diġitali tal-2030, liema miri jkopru l-ħiliet diġitali, l-infrastruttura diġitali, id-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. Fl-aħħar tal-intervent tiegħi se nkun qiegħed ukoll inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport tal-Kummissjoni Ewropea intitolat "Digital Decade Country Report 2023 – Malta", li jikkonferma dak kollu li qed ngħid hawnhekk.

Sur President, dan huwa kollu frott tal-viżjoni politika kif ukoll tal-inizjattivi li wettaqna u li se nkomplu nwettqu bħala Gvern fis-settur tal-ekonomija diġitali. Jekk inħarsu lejn it-tkabbir ekonomiku f'dan is-settur u neskludu s-settur tal-gaming, insibu li f'perjodu ta' għaxar snin l-industrija teknoloġika f'pajjiżna kibret b'rata ta' 300%. Teknoloġiji innovattivi bħall-AI, l-internet of things (IoT), il-blockchain u l-quantum technology ma nistgħux neħduhom f'kontest iżolat imma għandna neħduhom f'kontest orizzontali li jinfirex mal-industriji kollha.

L-integrazzjoni ta' dawn it-teknoloġiji mal-industrija hija fundamentali għal produttività aħjar, għal prattiċi aktar sostenibbli, għal inqas impatt ambjentali u għal inqas teħid tar-riżorsi.

Fil-fatt illum huwa impossibbli li nimmaġinaw ħajjitna mingħajr dawn it-teknoloġiji. Biżżejjed ngħid li l-aħħar figuri tal-Eurostat juru li 93% tar-residenti u 95% tal-intrapriżi f'Malta u Għawdex għandhom aċċess għall-broadbands.

Huwa wkoll ta' sodisfazzjon kbir il-fatt li issa tliet operaturi ewlenin ġewwa pajjiżna - GO, Epic u Melita - qed joffru teknoloġija 5G fuq skala nazzjonali. Dan qiegħed jiftaħ bibien ġodda għal bosta setturi tal-ekonomija u tal-oqsma soċjali filwaqt li qed jiffaċilita l-iżvilupp ta' prodotti innovattivi għaċ-ċittadini kif ukoll ta' opportunitajiet ġodda għall-investiment. Dan kollu seħħ anke għax f'pajjiżna għandna l-Malta Communications Authority (MCA), regolatur serju u trasparenti li joħloq klima ġusta għal dan l-investiment.

Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, l-edukazzjoni tibqa' l-aktar pedina importanti għall-ekonomija diġitali għax pajjiżna b'hekk biss jista' jikseb il-ħiliet li jridu jimxu paripassu mat-tibdil kontinwu li jseħħ f'dan is-settur. Fil-fatt kien għalhekk li b'kollaborazzjoni bejn tliet entitajiet fi ħdan il-Ministeru, l-MDIA, Tech.mt u eSkills Malta Foundation, ġiet imwaqqfa l-Future Innovators Summer School għal dawk l-istudenti li għandhom bejn it-13 u l-15-il sena. Dan il-proġett għen lill-istudenti fl-abbiltajiet tagħhom fejn jidħlu l-AI, l-innovazzjoni diġitali, il-codec, il-blockchain, il-metaverse, it-3D printing u s-cybersecurity. Barra minn hekk, studenti ta' bejn is-seba' u d-disa' snin kellhom ukoll l-opportunità li jipparteċipaw f'summer camp fejn dawn tgħallmu l-prinċipji importanti tat-teknoloġija innovattiva b'mod interattiv.

Ġie mniedi wkoll comic li beda jitqassam lill-istudenti kollha ta' bejn id-disgħa u l-11-il sena li għandhom is-suġġett tal-computing jew l-IT vocational education training, VET IT fl-iskejjel Maltin u Għawdxin kollha. Ta' min isemmi wkoll li l-MDIA reġgħet nediet boroż ta' studju għall-istudenti tal-livell postgraduate fl-oqsma tal-AI, information security, quantum computing, machine learning (ML), neurite networks u robotics. Kull student li applika għal dawn il-boroż ta' studju jista' jibbenefika sa massimu ta' €10,000. Dawn huma skemi ta' suċċess li permezz ta' dan il-Baġit se nerġgħu nirreplikawhom is-sena d-dieħla biex b'hekk inkomplu nibnu ekosistema b'saħħitha li tkompli tixpruna t-tkabbir ekonomiku b'mod sostenibbli.

Sur President, qegħdin nitkellmu wkoll fuq teknoloġija dinamika li tevolvi b'mod kontinwu, u għalhekk il-Gvern huwa konxju li sabiex dan is-settur ikun ta' suċċess hemm bżonn ta' reviżjonijiet kontinwi flimkien ma' inizjattivi regolatorji ħalli dawn jgħinuna naġġornaw l-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, li ġiet imwaqqfa ftit tas-snin ilu. Imbagħad din l-istrateġija, li teħodna sal-2030, se tiġi emendata biex tkun tirrifletti l-qafas regolatorju fuq livell Ewropew, l-AI Act. Qegħdin naħdmu wkoll sabiex naraw li s-'sandbox' li diġà għandna issa tiġi ttrasformata għal waħda regolatorja li tkun mibnija fuq il-qafas legali tal-Unjoni Ewropea dwar l-AI. B'hekk inkunu nistgħu noffru s-servizz tat-'test-before-invest' u ta' riċerka marbuta mal-AI lill-istart-ups u lill-SMEs permezz tal-European Digital Innovation Hub (EDIH), li f'Malta qed nagħtuh l-isem "DiHubMT".

Fil-fatt matul din is-sena saru passi kbar f'dan ir-rigward. L-idea hi li hawnhekk jinħoloq spazju għall-istart-ups u għall-iscale-ups fejn dawn ikunu jistgħu jsibu kulma jkollhom bżonn fil-vjaġġ tagħhom. Fost dawn hemm l-aċċess għall-expertise u hemm ukoll high-performance computer li permezz tiegħu r-riċerka tkun tista' ssir f'perjodu ferm iqsar. Tajjeb insemmu li bħalissa dawk ir-riċerkaturi Maltin u Għawdxin li jkollhom bżonn jagħmlu użu minn high-performance computer qed ikollhom imorru l-Italja jew inkella jużawh permezz ta' Cloud bi spiża ta' madwar €23,700 fix-xahar. Matul ix-xahar li ġej dan il-hub, li huwa kofinanzjat mill-fondi Ewropej, se jkun qed jibda x-xogħol tiegħu biex permezz ta' investiment li jammonta għal madwar €7 miljuni fl-aħħar se jkun jista' jkollna a high-performance computer f'pajjiżna wkoll. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, ħames snin ilu waqqafna awtorità - l-MDIA - u għedna li xogħolha għandu jkun li tiffoka fuq l-innovazzjoni diġitali. Issa qiegħed jiġi maqbul anke fuq livell Ewropew li kull pajjiż irid jagħmel dak li għamilna aħna ħames snin ilu u li din l-awtorità tkun tiffoka wkoll fuq l-AI. Għalhekk matul il-ġimgħat li ġejjin se nkun qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-emendi neċessarji sabiex pajjiżna jkompli jkun ta' eżempju anke għal pajjiżi oħrajn f'dan il-qasam. Hawnhekk nixtieq infakkar, għalkemm diġà saret referenza għal dan, f'dak li għamilna fl-2018 meta Malta kienet l-ewwel pajjiż li waqqfet qafas regolatorju li jaħdem fuq attivitajiet, fuq

blockchain u fuq assi finanzjarji virtwali. Is-sena d-dieħla dak li għamilna aħna ħames snin ilu u li l-Oppożizzjoni tipprova toqgħod tiddieħak bih, issa se jkun obbligatorju għall-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea.

Il-viżjoni li kellna aħna ħames snin ilu issa se tidħol bħala liġi bi qbil bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea, dik li jgħidulha Markets in Crypto-Assets Regulation (MiCA). B'hekk f'din il-ħaġa issa Malta għandha sitt snin vantaġġ fuq il-pajjiżi l-oħra. Fil-fatt sa Settembru li għadda diġà kellna f'pajjiżna 12-il kumpanija reġistrati u liċenzjati biex jaħdmu fl-assi finanzjarji virtwali, fosthom kumpaniji kbar bħal Crypto.com, Gate.io, Okcoin, FalconX u Bitpanda. Dawn il-kumpaniji diġà jimpjegaw aktar minn 120 persuna b'pagi għoljin ħafna, u għandna numru ta' vakanzi oħra li għad iridu jimtlew. F'dan il-kontest se nkunu qegħdin naraw li s-sena d-dieħla nżidu l-promozzjoni ta' pajjiżna f'dan is-settur sabiex inkomplu nattiraw aktar investiment.

It-teknoloġija u d-dinja diġitali huma l-preżent u l-futur. Għalhekk din is-sena f'pajjiżna ttellgħet ukoll l-ewwel TechXpo fejn inġabru taħt saqaf wieħed mhux biss entitajiet governattivi u istituzzjonijiet edukattivi li urew dak kollu li joffru fil-qasam tal-innovazzjoni, iżda fuq kollox is-settur privat, fosthom kumpaniji li diġà jinsabu f'pajjiżna. Fil-fatt uħud minnhom ilhom is-snin joperaw fl-oqsma tal-innovazzjoni, tal-intelliġenza artifiċjali u tat-teknoloġija innovattiva, u llum qed ikomplu jkabbru l-operat tagħhom filwaqt li jiftħu orizzonti ġodda. Kien ta' pjaċir li tara nies jinteressaw ruħhom dwar x'jeżisti fis-suq fejn jidħlu l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji oħrajn ħalli mbagħad ikunu jistgħu jużaw dawn it-teknoloġiji għan-negozju tagħhom u għall-ħajja ta' kuljum.

Issa, Sur President, ħalli ngħaddi għal dik l-industrija li ġġenerat €1.5 biljun f'valur miżjud, jiġifieri 10% ta' dak li nipproduċu bħala pajjiż. Hawnhekk qed nirreferi għall-industrija tal-gaming. Meta mqabbel mas-sena ta' qabel, is-settur tal-logħob mhux ċkien - kif kien hawn min beżża' billi qal li l-kumpaniji tal-gaming se jitilqu - iżda rreġistra tkabbir ta' 6%. Meta mbagħad wieħed iżid ukoll l-effett indirett, isib li l-kontribut ta' din l-industrija lejn l-ekonomija ta' pajjiżna titla' saħansitra għal iktar minn 12%. Dan huwa settur li jiġġenera impjiegi ta' kwalità. Huwa settur li llum jimpjega 11,200 persuna b'mod dirett, u jekk wieħed iqis ukoll l-effett indirett isib li dan l-ammont ta' ħaddiema jitla' saħansitra għal 15,800 persuna. Fil-fatt ta' min jgħid li sal-aħħar tas-sena 2022 kellna aktar minn 358 liċenzja li kienu qegħdin joperaw ġewwa pajjiżna.

Bħala Gvern komplejna nikkonsolidaw l-ekosistema tal-iGaming, kemm bil-promozzjoni internazzjonali ta' Malta bħala Home of Gaming Excellence kif ukoll bis-sostenn tal-ekosistema lokali permezz tal-Kunsill tal-iGaming. Aħna waqqafna dan il-kunsill speċifikament bejn il-Gvern u rappreżentanti mill-istess industrija sabiex jidentifika l-isfidi li jeżistu fis-settur tal-gaming filwaqt li jiddiskuti, mingħajr daqq ta' trombi, azzjonijiet konkreti biex dawn l-isfidi jiġu indirizzati. Dan huwa mezz effettiv ħafna ta' djalogu li fil-fatt diġà qegħdin naraw ir-riżultati tiegħu.

Sur President, l-investiment tal-Gvern f'niċeċ ekonomiċi ġodda se jibqgħu konsiderazzjoni strateġika importanti għalina, u għalhekk aħna se nkomplu nagħmlu l-isforzi tagħna biex inkabbru setturi tal-iżvilupp tal-logħob u l-esports. Hawnhekk l-istrateġija mmexxija mill-Fondazzjoni Gaming Malta (GMF) qed tħalli l-frott tant li emminna fil-potenzjal tal-esports għal pajjiżna sa mill-bidu nett. Ħaddieħor għadu qed jgħidilna li jrid jibda industrija ġdida fl-esports. Fil-fatt pajjiżna diġà nieda l-istrateġija fuq dan is-settur fl-2019, u llum bi pjaċir nista' saħansitra nibda nħabbar ċerti riżultati.

Din hija industrija li globalment tilħaq il-€1.2 biljun, u għalhekk kien il-ħsieb tagħna li nersqu anke lejn din l-industrija. Biżżejjed ngħid li l-kampjonat tal-ESL Pro League, li min jifhem fl-industrija tal-esports jaf li dan huwa meqjus bħala wieħed mill-aqwa pro leagues li jeżistu b'mod internazzjonali, qiegħed jittella' ġewwa pajjiżna. Il-politika tagħna dwar l-esports żgurat li l-finali rispettivi tal-ESL, li hija l-akbar kumpanija fid-dinja li torganizza dawn it-tournaments fil-Pro League Season, ikomplu jsiru f'Malta anke s-sena d-dieħla.

Irrid ngħid ukoll li minn mindu nidejna strateġija dwar il-qasam tal-video game development fl-2018, rajna numru ta' kumpaniji ġodda joperaw f'pajjiżna. Pereżempju, fost oħrajn, nista' nsemmi kumpaniji rinomati bħal Dorado Games, NARC, Anvil u riċentement anke Keywords

Studios, kumpanija internazzjonali li timpjega 12,000 persuna, fejn bi pjaċir fi ftit ġranet oħra se nkun qiegħed ninawgura uffiċjalment l-ewwel sede tagħhom f'pajjiżna. Ta' min isemmi li llum diġà għandna madwar 25 kumpanija joperaw f'dan il-qasam minn Malta, liema kumpaniji qed jimpjegaw 'il fuq minn 250 persuna, u l-mira hi li sas-sena 2028 dan is-settur ikun jirrappreżenta 1% tal-GDP ta' pajjiżna. Dan il-Baġit alloka wkoll fondi għal skema mmirata biex f'pajjiżna jinfetħu aktar kumpaniji bħal dawn li għadni kif semmejt.

Għal dan il-għan aħna investejna wkoll fl-edukazzjoni għax nemmen li din hija ċ-ċavetta ta' kull industrija biex tkompli tikber. Fil-fatt għamilna kuntratt ma' Unity, li hija l-akbar kumpanija li tintuża sabiex isir dan il-logħob diġitali, biex b'hekk issa se jkollna madwar 400 student Malti u Għawdxi jistudjaw il-game development fl-Università u fl-MCAST li se jkunu jistgħu jiksbu ċertifikat minn din il-kumpanija fejn imbagħad permezz ta' dan iċ-ċertifikat tista' tgħid li se jinfetħulhom il-bibien beraħ sabiex jaħdmu ma' kwalunkwe kumpanija li jridu f'dan is-settur. Qegħdin ukoll inħarrġu 20 lettur f'dan il-qasam ġewwa pajjiżna sabiex l-investiment li qegħdin nagħmlu jkun wieħed li jservina fit-tul. Il-faċilità tal-inkubatur Basecamp imħaddem mill-GMF qed iservi bħala hub għall-iżvilupp tal-video games.

L-inkubatur qed ikun id-dar għall-impriżi b'potenzjal għoli fl-iżvilupp tal-video games tal-esports u ta' teknoloġiji immersivi. Ta' min jgħid li bħalissa hemm tmien studios joperaw minn dan l-ispazju. Nixtieq inħabbar ukoll li l-ġimgħa d-dieħla se terġa' tittella' l-konferenza "Playcon" fil-Malta Fairs & Conventions Centre (MFCC). Din il-konferenza tittratta dwar dak kollu li qed isir f'pajjiżna fil-qasam tal-video games u tal-esports. Is-sena l-oħra kienet ta' suċċess kbir, u jien nemmen li din is-sena se tkun saħansitra ta' suċċess ikbar. Hawnhekk nappella lil dawk li qegħdin isegwuna sabiex jattendu għal din il-konferenza wkoll ħalli jkunu jistgħu jaraw b'għajnejhom x'passi ta' ġgant qiegħed jagħmel dan il-pajjiż anke f'dan is-settur.

Però, kif semmejt aktar kmieni, pedina importanti fil-viżjoni tagħna huma l-istart-ups. Huwa importanti li nkomplu noħolqu klima favur proġetti innovattivi li jwasslu sabiex f'pajjiżna jitwieldu kumpaniji rivoluzzjonarji hekk imsejħa "unicorns". Bħala Gvern nemmnu li l-iżvilupp li qed isir f'pajjiżna fil-qasam diġitali jipprovdi opportunitajiet enormi għall-innovazzjoni u għall-ħolqien ta' ideat ġodda. Għalhekk waqqafna programm sħiħ ta' inċentivi li jimxi paripassu mal-iżvilupp tal-istess start-ups sa mill-ewwel pass tagħhom sakemm isiru scale-up, jiġifieri sa minn meta l-proġett ikun għadu sempliċi idea sal-iżvilupp tal-maturità tiegħu, u dan mhux biss mill-aspett ta' mentorship jew mill-aspett ta' accelerators iżda anke mill-aspett ta' skemi u miżuri. Permezz ta' dawn l-inizjattivi, Malta qed timmira li tkun destinazzjoni ideali għal intraprendituri ġodda u għal ideat innovattivi.

Flimkien ma' diversi miżuri u skemi mħaddma mill-Malta Enterprise li jallokaw għotjiet sa €800,000, issa nidejna wkoll venture capital fund ġdid imħaddem mill-Malta Government Investments (MGI) fejn se nipprovdu appoġġ finanzjarju f'forma ta' equity, li allura hija assistenza oħra, speċjalment meta niġu għall-fażi ta' scale-up. Hawnhekk l-MGI, wara evalwazzjoni ta' proċess ta' due diligence, se tkun qiegħda saħansitra tirdoppja l-equity privat ta' dak l-istess investiment mill-venture capital fund sa massimu ta' €0.5 miljun. Fil-fatt, kif għedt diġà, jekk wieħed jara xi skemi toffri l-Malta Enterprise isib li waħda minnhom tista' titla' saħansitra sa €800,000 filwaqt li fil-bidu hemm ukoll skemi oħra ta' €200,000.

B'din l-iskema ta' €0.5 miljun li semmejt, flimkien ma' €0.5 miljun ieħor ikkomparat mas-settur privat, nistgħu naraw li hemmhekk għandna pakkett sħiħ ta' fondi sostanzjali. Hawnhekk ta' min jgħid ukoll li l-fondi huma strutturati mal-pass tal-kumpanija għax aħna ma rridux li nagħtu ammont kbir ta' fondi u nħalluhom hemmhekk, imma rridu nimxu pass pass ma' dik il-kumpanija u ngħinuha, mhux biss mill-aspett ta' finanzi iżda wkoll mill-aspett ta' mentorship, fost oħrajn minn kif dik il-kumpanija tista' tkompli tikber. Għalhekk huwa importanti li nimxu pass pass. L-ewwel kumpanija tibda permezz ta' idea, imbagħad timxi għall-business angel funds, għall-istart-up finance, għall-venture capital funds u tkompli tikber sakemm finalment tasal għas-Seed Investment Scheme.

L-Onor. Ivan J. Bartolo semma li f'pajjiżna rridu noħolqu skema li permezz tagħha ninċentivaw lill-investituri biex mhux biss joqogħdu jinvestu fil-proprjetà iżda jinvestu wkoll f'dawn l-ideat innovattivi. Fil-fatt din l-iskema diġà teżisti.

Erġajt ħabbartha s-sena l-oħra u qed nerġgħu nħabbruha f'dan il-Baġit. Bażikament dak li qed jipproponi l-Onor. Ivan J. Bartolo hija s-Seed Investment Scheme, li diġà ilha teżisti f'pajjiżna tliet snin. Is-Seed Investment Scheme tagħti inċentiv ta' tax credits lil dawk l-investituri privati li jridu jinvestu fi start-ups.

Forsi dawn m'għandhomx ideat innovattivi imma għandhom il-finanzi. Forsi tradizzjonalment dawn ikunu jinvestu fil-proprjetà, imma issa jħossu li jridu jagħmlu diversifikazzjoni tal-portfolio tagħhom. Min jinvesti fi start-up mhux neċessarjament ikun jifhem daqstant fis-suġġett, u allura biex ninċentivawh aħna qed ngħidulu li permezz tas-Seed Investment Scheme, hu se jieħu credit fuq dak l-investiment li se jagħmel. Din hija skema li ħadmet b'mod tajjeb ħafna, rajna kif inkomplu ntejbuha u f'dan il-Baġit erġajna ħabbarna li din l-iskema se terġa' tiġi mġedda.

Rigward fondi Ewropej, jien se nillimita ruħi biss għal dawk il-miżuri li huma relatati man-negozji għax dan huwa suġġett li diġà tkellem dwaru fid-dettall is-Segretarju Parlamentari Chris Bonett. Is-sena d-dieħla, b'investiment ta' madwar €40 miljun, se nkomplu noffru opportunitajiet ta' cash grants għall-SMEs taħt l-iskema Business Enhance. Kmieni s-sena d-dieħla wkoll Malta se tkun qed tipparteċipa fl-inizjattiva tal-InvestEU Programme. Dan huwa strument finanzjarju li se jiffaċilita l-aċċess għal finanzjament minn banek lokali f'forma ta' tnaqqis tar-rata ta' interessi u rekwiżiti għal collateral. Dan ifisser li se nagħmluha aktar faċli lil dak li jkun biex jissellef mill-bank jew saħansitra juża l-proprjetà tiegħu bħala collateral. Ta' min iżid li qed nallokaw madwar €16.5 miljun għal dan il-għan.

Is-settur privat se jkompli jiġi inċentivat ukoll fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni. Permezz tal-iskema Business Enhance qed jiġi allokat investiment ta' €15-il miljun biex jingħataw għotjiet anke lis-self-employed iż-żgħar. Żewġ skemi oħra relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi ġew imġedda abbażi ta' 'open corrals' filwaqt li f'Jannar u issa anke f'April ġiet imnedija skema b'regoli eħfef li hija indirizzata għall-micro-enterprises, jiġifieri għal dawk l-intrapriżi li jħaddmu inqas minn disgħa min-nies.

Ta' min jgħid li anke hawnhekk, qed niffaċilitaw il-proċess billi qed innaqqsu l-burokrazija għal dawn l-applikazzjonijiet ukoll. Is-sena li ġejja se titkompla wkoll l-iskema ta' għotjiet għar-rinnovazzjoni favur il-klima ta' binjiet kummerċjali fis-settur privat. Fil-fatt għal din il-miżura hemm €20 miljun allokati taħt ir-Recommended Retail Price (RRP) sabiex isir retrofitting ta' binjiet li huma diġà eżistenti u li eventwalment, kif isir l-investiment, isiru aktar energy-efficient.

Madankollu, Sur President, ikun inutli li nattiraw l-investiment u noħolqu niċeċ ekonomiċi ġodda jekk ma naħdmux fuq kif nistgħu ntejbu s-servizz tagħna filwaqt li nnaqqsu l-burokrazija żejda. Dan huwa suġġett għal qalbi ħafna għax ngħid għalija, il-burokrazija żejda ma naħmilhiex. Għalhekk għaddejjin diskussjonijiet sabiex nissimplifikaw il-proċess bil-għan li n-negozji ma jkollhomx bżonn jissottomettu l-istess dokumentazzjoni għal numru ta' drabi ma' entitajiet regolatorji differenti, partikolarment fil-proċess relatat ma' Know Your Customer (KYC) standards.

Dan se jsir permezz ta' żvilupp ta' repożitorji komuni ċentrali tad-data, liema żvilupp għandu jiffaċilita l-proċess ta' identifikazzjoni tal-applikanti meta dawn ikunu qed jagħmlu negozju f'Malta. Din se tkun wallet diġitali u l-applikanti jkunu jistgħu jtellgħu l-informazzjoni kollha fuqha, bħal passaport, kontijiet, payslips, fost oħrajn. Imbagħad jekk l-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom, dan il-wallet diġitali jiġi mgħoddi lill-entitajiet governattivi u persuni konċernati. Tali informazzjoni se tkun awtentikata wkoll sabiex l-esperjenza ttaffi anke mill-piż tal-professjonisti li jaħdmu fil-qasam kummerċjali.

Għal dan il-għan, taħt dan il-Ministeru nħatar kumitat ta' tmexxija magħmul mill-Malta Business Registry (MBR), mill-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU), mill-Malta Financial Services Authority (MFSA), mill-Bank Ċentrali ta' Malta flimkien ma' esperti oħrajn f'dan il-qasam sabiex dawn il-wegħdiet ikunu jistgħu jitwettqu. Ta' min jgħid li x-xogħol fuq dan il-proġett inbeda matul is-sajf li għadda u diġà kellna 18-il kumpanija li ssottomettew il-proposti tagħhom għal Preliminary Market Consultation (PMC) wara li saret sejħa mill-Malta Business Registry. Bħalissa qegħdin fil-fażi li titlesta t-tender u ssir konsultazzjoni aktar wiesgħa mal-istakeholders kollha sabiex niżguraw li dan il-proċess ikun suċċess.

Sur President, nemmen ukoll li mhux biss huwa dritt tal-individwu iżda wkoll tan-negozju li kulħadd ikollu aċċess għal kont bankarju bażiku. Għalhekk bħalissa għaddejja konsultazzjoni mal-banek sabiex anke din il-wegħda tkun tista' tiġi mwettqa. Apparti minn hekk, bħalissa għaddejja wkoll konsultazzjoni mal-banek sabiex jitwaqqaf credit review office li se jkollu l-għan li jirrikonċilja u jarbitra bejn il-banek kummerċjali u l-klijenti tagħhom dwar applikazzjonijiet għal self li jkunu ġew irrifjutati, jiġifieri dan l-uffiċċju se jkollu wkoll ir-rwol li jassigura li s-sistema tas-self taħdem b'mod effettiv, partikolarment għan-negozji żgħar u għas-self-employed. L-idea hawnhekk hi li jitwaqqaf banking charter sabiex in-nies ikunu jafu minn qabel meta għandhom jingħataw risposta fuq is-servizz mitlub.

Bħalissa l-MBR għaddej ukoll b'riforma ta' diġitalizzazzjoni u re-engineering tal-proċessi kollha sabiex anke hawnhekk nassiguraw li l-MBR ikun qed jaħdem b'mod aktar effiċjenti. Saret anke ħidma fuq l-insolvency practitioners sabiex apparti li nħarsu n-negozji kollha eżistenti, nagħtu attenzjoni speċjali lil dawk in-negozji li jista' jkun li qegħdin f'riskju ta' falliment jew f'xifer ta' falliment. Fil-fatt, minbarra li waqqafna liġi li tirrigwarda l-insolvenza, investejna €1 miljun biex ikollna għodda li wieħed jista' jutilizzaha b'xejn u li permezz tagħha jkun jaf jekk in-negozju tiegħu huwiex f'riskju ta' falliment.

Niġi issa biex nitkellem dwar is-setturi tal-manifattura u tal-infrastruttura. L-investiment infrastrutturali fl-industrija jibqa' essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku ta' pajjiżna. Din is-sena komplejna nsaħħu l-infrastruttura taż-żona industrijali permezz ta' toroq ġodda f'Ħal Far u f'Ħal Luqa, b'substation f'Ħal Far u saħansitra b'aktar spazji ħodor ġewwa ż-żona industrijali tal-Industrial Innovative Solutions Ltd (INDIS) sabiex intejbu l-kwalità tal-ħajja ta' dawn il-ħaddiema. Permezz ta' sistema ġdida ta' informazzjoni ġeografika, il-Geographic Information Systems (GIS), l-INDIS se jkollha rendikont ġenerali u komprensiv tal-proprjetajiet tagħha, inkluż ta' lokazzjonijiet u fatturi relevanti oħra li se jgħinu sabiex tkun tista' tgħolli l-kwalità tal-proprjetà li tamministra.

Matul is-sentejn li ġejjin se jissokta x-xogħol fuq l-infrastruttura industrijali bħala parti mill-programm ta' investiment ta' €470 miljun li ħabbarna fis-sena 2020. Bħalissa għaddej xogħol intensiv mill-INDIS sabiex fil-bidu tas-sena d-dieħla nkunu qed inħabbru numru ta' proġetti b'investiment dirett barrani - u dan mhux għax naqas iżda għall-kuntrarju, għax żdied - f'diversi lokalitajiet, fosthom f'Ħal Kirkop, fil-Marsa u f'Ħal Far.

Pereżempju, bħalissa f'Ħal Far għaddej xogħol fuq kumpless għall-SMEs biex dawn l-intrapriżi jkollhom post dedikat għalihom li hu maqtugħ mill-ispazji residenzjali. B'investiment ta' madwar €30 miljun, se jinbnew numru ta' garaxxijiet li jakkomodaw 'il fuq minn 50 intrapriża żgħira, fosthom intrapriżi ta' mechanics, mastrudaxxi, sprayers u oħrajn. B'hekk lir-residenti nkunu qed innaqqsulhom ċerti inkonvenjenzi bir-riżultat li allura dawn ikunu jistgħu jgawdu minn kwalità ta' ħajja aħjar filwaqt li min-naħa l-oħra lin-negozji żgħar inkunu għenniehom jitilgħu t-tarġa li jmiss.

Imbagħad fil-bidu tas-sena d-dieħla se nibdew proġett ġdid fiż-żona industrijali ta' San Ġwann. Ta' min jgħid li f'dan l-iżvilupp, INDIS se jkollha erba' livelli ta' parkeġġ taħt l-art bi 385 spazju għall-vetturi u madwar 31,000 metru kwadru ta' spazju għall-kiri fejn hemmhekk se nakkomodaw industrija ħafifa, bħal dik tar-riċerka, tal-laboratorji u tal-life sciences. Madankollu aħna m'aħniex naħdmu biss biex intejbu l-faċilitajiet industrijali.

Flimkien man-National Development and Social Fund (NDSF) investejna wkoll f'diversi proġetti ta' spazji ta' rikreazzjoni f'Bulebel, f'Ħad-Dingli, f'Ħal Qormi u fis-Siġġiewi sabiex b'hekk inkunu qed nikkontribwixxu lejn l-ambjent permezz ta' tisbiħ għall-benesseri tal-komunitajiet biswit żoni industrijali. F'Bulebel qegħdin noħolqu green open space ta' madwar 400 metru kwadru b'investiment ta' €200,000, u dan il-proġett huwa mistenni li jkun inawgurat matul il-ġimgħat li ġejjin. Is-sena d-dieħla INDIS se tinvesti wkoll fi stallazzjoni ta' cameras madwar l-industrial estates sabiex tipprovdi aktar sigurtà.

Sur President, l-industrija tal-avjazzjoni f'Malta qed tikber sena wara l-oħra. Wara li lestejna t-Taxiway Lima u issa kumpaniji tat-tiswija u l-manutenzjoni tal-ajruplani jistgħu jakkomodaw wide-body aircraft, se nkomplu ninvestu fl-infrastruttura tal-ajruport. Is-sena d-dieħla l-INDIS se tkun qed tagħmel investiment ġdid biex toħloq faċilitajiet ta' parkeġġ għall-ajruplani kif

ukoll twaqqaf akkademja tal-avjazzjoni. Is-sena d-dieħla se nkunu qed naraw żvilupp interessanti anke fis-settur tal-Maintenance, Repair and Operations (MROs) meta dan is-settur se jkun qed ikompli jissaħħaħ b'ismijiet ġodda u rinomati li joperaw minn pajjiżna.

Wieħed mill-akbar proġetti ta' investiment dirett barrani li qatt se jkun ra pajjiżna huwa dak tal-microchips, li qegħdin naħdmu fuqu flimkien mal-STMicroelectronics. Dan huwa proġett multimiljunarju li l-INDIS għadha kif bdiet ix-xogħol fuq l-ewwel fażi tiegħu proprju l-ġimgħa li għaddiet. Dan il-proġett se jkun qiegħed ipoġġina fuq il-mappa tad-dinja f'dan is-settur, u b'hekk inkunu nistgħu niġbdu aktar investiment ta' dan it-tip lejn pajjiżna, però aktar dettalji dwar dan il-proġett se nkunu qed inħabbruhom matul il-ġimgħat li ġejjin.

Is-sena d-dieħla l-INDIS se tkun qiegħda wkoll tibni numru ta' fabbriki fil-qasam tal-farmaċewtika sabiex nakkomodaw investiment ġdid li ilna naħdmu fuqu għal dawn l-aħħar sentejn, però iktar dettalji dwar dan il-proġett se nkunu qed inħabbruhom matul il-ġimgħat li ġejjin. Ta' min jgħid li x-xogħol fuq dan l-investiment se jibda fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla, fosthom fuq kumpanija kbira li diġà topera f'pajjiżna u li se tkun qiegħda tirdoppja l-preżenza tagħha permezz ta' investiment ta' fabbrika ġdida oħra ta' €74 miljun.

Sur President, żgur li ma nistax nitkellem dwar dawk is-setturi li huma importanti ħafna għall-ekonomija u ma nitkellimx fuq il-Port Ħieles. Illum il-ħatt tal-containers jammonta għal aktar minn 67% tal-merkanzija li tgħaddi minn pajjiżna u għal aktar minn 85% tal-importazzjoni. L-attività tal-Port Ħieles mhux biss hija ta' benefiċċju għall-ekonomija imma hija wkoll vitali għas-sigurtà tal-provvista ta' dak kollu essenzjali, partikolarment l-ikel u l-materja prima. Aħna ninsabu impenjati biex nassiguraw li l-Port Ħieles jibqa' jkun port kummerċjalment b'saħħtu filwaqt li l-operat isir bl-inqas impatt ambjentali possibbli u b'ħarsien għall-interessi tar-residenti tal-madwar. Dan qed nagħmluh kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell internazzjonali.

Hawnhekk nixtieq nappella lill-midja biex tkun daqsxejn aktar eżatta f'dak li tkun qed tirrapporta, speċjalment meta tirreferi għas-sitwazzjoni tat-trailers u tal-containers, peress li dawn huma żewġ affarijiet differenti li jolqtu żewġ setturi differenti. Sfortunatament xi kultant, anke mir-rapporti li rajt s'issa fuq il-midja, dawn it-tnejn jiġu mħawdin ma' xulxin. Hawnhekk qed naħdmu wkoll flimkien ma' stati membri oħra tal-Unjoni Ewropea biex tittieħed azzjoni fuq livell Ewropew bil-għan li jiġi imnaqqas l-impatt tad-Direttiva Ewropea dwar l-emissjonijiet tal-vapuri fuq is-settur marittimu Malti, inkluż il-Port Ħieles u anke l-ekonomija inġenerali.

Fil-fatt tinsab għaddejja ħidma interministerjali f'dan ir-rigward bejn il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u l-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet fejn ingħaqadna flimkien ma' pajjiżi oħrajn, fosthom mal-Italja, mal-Greċja, ma' Ċipru, mal-Kroazja, mal-Portugall u ma' Spanja u qed nagħmlu pressjoni fuq livell internazzjonali permezz ta' proposti u diskussjonijiet interni sabiex naraw kif tali direttiva jista' jkollha l-inqas effett possibbli fuq il-pajjiżi, b'mod partikolari fuq pajjiż bħal Malta, li hija dipendenti mill-importazzjoni ta' dan ix-xogħol.

Hawnhekk nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja anke lill-korpi kostitwiti ta' pajjiżna, fosthom lill-Malta Maritime Forum (MMF) u liċ-Chamber of Commerce, li jinsabu għaddejjin b'ħidma konġunta flimkien mal-Gvern sabiex naraw li l-effett ta' din id-direttiva imposta fuqna mill-Unjoni Ewropea jkollha l-inqas effett possibbli. Nemmen li jekk nibqgħu għaddejjin b'din il-pressjoni fuq livell Ewropew nistgħu naslu sabiex ikollna miżuri indirizzati biex inaqqsu l-piż ta' din id-direttiva.

Però issa ħalli nerġa' lura biex nitkellem fuq livell lokali, Sur President. Aktar kmieni din is-sena ħabbarna wkoll il-proġett tal-isquaring off, proġett li qed jitwettaq u li se jkompli jitwettaq. Permezz ta' investiment li jammonta għal aktar minn €104 miljun u bi sħubija mal-privat, il-Freeport se jkollu infrastruttura aħjar biex jilqa' għall-ħtiġijiet tal-lum kif ukoll aktar flessibbiltà fl-operazzjonijiet tiegħu, filwaqt li fl-istess ħin se nbiegħdu dawn l-operazzjonijiet lil hinn mir-residenti tal-madwar. Ta' min jgħid li dan il-ftehim se jagħti bidu għall-ewwel espansjoni tal-Freeport f'20 sena billi se jestendi ż-żona tal-Freeport b'total ta' 30,000 metru kwadru ta' art ġdida u b'hekk jiżgura li l-faċilitajiet tal-irmiġġ ikunu tajbin saħansitra għal vapuri ġodda li huma

akbar minn 400 metru biex dawn jintrabtu 'l barra miż-żona residenzjali.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Ministru, niġbidlek l-attenzjoni li skadielek il-ħin. Hawn xi ftehim biex il-Ministru jkun jista' jkompli bid-diskors tiegħu? Kemm għandek bżonn aktar ħin bejn wieħed u ieħor, Ministru?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Mhux aktar minn għaxar minuti.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn qbil li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol jitwal bi 15-il minuta? (Onor. Membri: Iva)

*Fl-11.24 a.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol jiġi estiż bi 15-il minuta.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-Ministru jista' jkompli bid-diskors tiegħu.

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Sur President, qabelxejn nixtieq nirringrazzja lill-Oppożizzjoni talli qablet li l-ħin allokat lili jiġi estiż.

Matul is-sena d-dieħla se jkompli għaddej ukoll ix-xogħol fuq il-proġett tal-Onshore Power Supply. Dan huwa proġett ta' madwar €12-il miljun li huwa kofinanzjat minn fondi Ewropej u li bih se tiġi pprovduta l-provvista tal-elettriku lill-bastimenti mmaniġġjati fil-port biex b'hekk ma jkollhomx għalfejn iżommu l-magni mixgħulin. Dan bir-riżultat li se jitnaqqas it-tniġġis fl-arja kif ukoll il-ħsejjes. Naturalment b'hekk se jinħoloq ambjent aktar san għall-komunitajiet ta' madwar il-Port Ħieles filwaqt li dan il-proġett se jikkontribwixxi wkoll għal bidla pożittiva favur il-klima.

Il-Gvern fehem li r-residenti ta' Birżebbuġa jiffaċċjaw problema oħra, b'mod speċjali matul ix-xhur tas-sajf, dik tan-nuqqas ta' parkeġġ. Għalhekk rajna li ntaffu din il-problema b'ħidma fuq parkeġġ ġdid ta' 'l fuq minn 400 karozza. Permezz ta' investiment li se jkun jammonta għal €3.2 miljun, dan il-parkeġġ, li issa se jkunu jistgħu jagħmlu użu minnu l-istess residenti, se jkun l-akbar proġett ta' corporate social responsibility li se nkunu qegħdin nagħmlu fil-lokalità ta' Birżebbuġa.

Issa nixtieq ngħaddi wkoll kumment dwar il-KGT. Fost ir-rimarki li għamel il-kollega tiegħi l-Onor. Ivan Castillo fid-diskors tiegħu, huwa qal li l-unloader il-ġdid għandu reach differenti, però għal darb'oħra jkolli ngħidlu li mhuwiex korrett. Fil-fatt ir-reach tal-unloader il-ġdid hija l-istess bħal dak ta' qablu. Tant hu hekk li riċentement tħaddem vessel ta' 80,000 Mt, u allura żgur li l-unloader il-ġdid għandu l-istess reach bħal dak ta' qablu.

L-ispeed capacity tal-unloader il-ġdid hija inqas minn dik ta' qablu, u r-raġuni għalfejn għażilna unloader b'inqas speed capacity hija li ma kienx jagħmel sens li nonfqu bejn €3 miljun u €4 miljun oħra biex ikollna unloader bi speed capacity ħafna akbar meta l-maġġoranza assoluta tal-vapuri li jidħlu f'Malta ma jkollhomx bżonn dik l-ispeed capacity u huma biss ftit vapuri uniċi li xi kultant ikollhom bżonn dik il-kapaċità fl-ispeed. Għalhekk għal ftit vapuri 'l hemm u 'l hawn ma kienx jagħmel sens li ninvestu €3 miljun oħra meta dak is-servizz jista' jingħata xorta waħda. Illum qed noperaw 24 siegħa u sebat ijiem fil-ġimgħa proprju sabiex inżidu l-effiċjenza. Qabel l-unloading kien jieqaf bejn il-5.00 p.m. u t-8.00 p.m., imma llum il-ġurnata dan mhuwiex il-każ.

Issa, Sur President, nixtieq ngħaddi biex nitkellem dwar l-Awtorità tal-Artijiet. Meta ħadt ir-responsabbiltà ta' din l-Awtorità kienu ħafna dawk li qaluli li għandhom xi file li ilu jistenna għaxar snin jew saħansitra 20 sena. Illum qed issir ħidma sabiex dawn ikunu każijiet tal-passat, għalkemm nemmen li filwaqt li għamilna progress kbir, fadal ħafna aktar xi jsir. Matul din is-sena l-Awtorità tal-Artijiet kompliet tipproċessa applikazzjonijiet taħt numru ta' skemi biex niffaċilitaw proprju dan il-proċess, fosthom dik magħrufa bħala "tal-50 metru". Dan għaliex hemm każijiet fejn nies skoprew li żmien ilu parti żgħira mid-dar tagħhom kienet mibnija fuq art tal-gvern.

Sa ftit snin ilu għal dawn il-każijiet kien ikollha tinħareġ tender, issir il-valutazzjoni tal-perit, issir tender oħra fuq dik il-proprjetà, il-prezz ikun skont dak tal-ġurnata allavolja dik il-proprjetà tkun inbniet xi 30 sena qabel, u mbagħad il-proprjetarju kien ikollu joqgħod jistenna proċess li jtul għal numru ta' xhur jew anke snin bil-konsegwenza li finalment kien ikollu jħallas prezz ħafna aktar għoli minkejja li dan id-dewmien ma kienx ikun ikkaġunat minnu. Għalhekk, sabiex niffaċilitaw dan il-proċess, aħna ħriġna skema fejn qed ngħidu li jekk il-proprjetà inkwistjoni hija inqas minn 50 metru

kwadru, permezz ta' applikazzjoni sempliċi u rata fissa ta' €200 għal kull metru kwadru f'każ ta' żvilupp residenzjali u €400 għal kull metru kwadru f'każ ta' kwalunkwe żvilupp ieħor, din il-problema tkun tista' tiġi riżolta.

Matul ix-xhur li għaddew indirizzajna wkoll problema li tirrigwarda dawk iċ-ċnus tal-Gvern li skadew jew waslu biex jiskadu, li kienet qed taffettwa lil madwar 1,800 proprjetarju. Permezz ta' din l-iskema aħna tajna serħan il-moħħ lil mijiet ta' familji li kienu qegħdin ibatu minħabba li kellhom inċertezza dwar il-futur tal-proprjetà tagħhom li ilhom igawdu għal ħafna snin. L-iskema l-ġdida qed tipprovdi pjattaforma legali aktar ġusta b'inqas dewmien għat-tiġdid taċ-ċnus tal-Gvern, inkluż dawk li kienu mogħtija mill-Knisja u issa għaddew għand il-Gvern, liema ċnus jew diġà skadew jew inkella se jiskadu sal-31 ta' Diċembru, 2030.

Sur President, aħna rridu nagħtu wkoll is-serħan tal-moħħ lin-negozjanti tagħna. Wara li rajna li skema li konna ħabbarna fl-2015 kienet ta' suċċess u ta' għajnuna għall-ħwienet tal-Belt Valletta li għandhom kirja kummerċjali mingħand il-Gvern, għażilna li nespandu din l-iskema pilota għat-territorju nazzjonali kollu. Din l-iskema tara l-konverżjoni ta' kirjiet kummerċjali fi ċnus ta' 45 sena kontra l-investiment li jkun qed isir, però aktar dettalji dwar din l-iskema se jiġu mnedija matul ix-xhur li ġejjin.

L-Awtorità tal-Artijiet se tkun qed toffri soluzzjoni wkoll għal ħafna każijiet fejn ikun hemm xi ksur ta' kondizzjonijiet li ġejjin minn kuntratti antiki u li minħabba dawn il-kondizzjonijiet ma jkunx jista' jsir żvilupp ġdid jew inkella trasferiment ta' proprjetà. S'issa m'hemm l-ebda mod strutturat kif wieħed jista' jissupera dawn l-ostakli bil-konsegwenza li ħafna kellhom jiffaċċjaw diffikultajiet kbar. Għalhekk is-sena d-dieħla l-Gvern se jniedi avviż legali li jittratta dawn it-tip ta' każijiet b'mod ġust u spedit billi jitħallas kumpens għad-diversi tipi ta' ksur jew tibdiliet ta' kondizzjonijiet skont l-entità tagħhom. Hawnhekk l-eżerċizzju diġà wasal fi stadju avvanzat u fil-ġimgħat li ġejjin se nkun f'pożizzjoni li nressaq dan l-avviż legali.

Sur President, nikkonkludi billi ngħid li ninsab kburi ħafna b'dan il-programm massiv ta' xogħol, kemm b'dak li diġà twettaq kif ukoll b'dak li hu ppjanat li jitwettaq matul ix-xhur u s-snin li ġejjin. Bħal dejjem, l-isfidi ma jonqsux, u bħala Ministeru responsabbli mill-qasam tal-ekonomija se nagħmlu minn kollox biex filwaqt li nkomplu nkabbru l-ekonomija tagħna b'mod sostenibbli, inkomplu wkoll inservu ta' tarka għaċ-ċittadini u għan-negozji tagħna in vista tal-instabbiltà ġeopolitika ma taqta' xejn matul dawn l-aħħar xhur, liema instabbiltà qed tkompli tikkaġuna piżijiet sproporzjonati bl-inflazzjoni li qed toħloq. Madankollu aħna m'aħniex se naqtgħu qalbna. Gvern Soċjalista joħloq il-ġid biex fil-mument tal-prova kulħadd isib il-wens tiegħu, mill-kbir saż-żgħir. Jien ninsab kommess biex inkompli naħdem favur Malta Ġusta.

Finalment nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-ħaddiema tas-Segretarjat fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, lill-ħaddiema tal-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, lill-ħaddiema kollha fi ħdan l-entitajiet li jaqgħu taħt dan il-portafoll u, fuq kollox, lill-ħaddiema kif ukoll lin-negozji kollha Maltin u Għawdxin għall-ħidma kbira tagħhom biex nibqgħu nagħmlu lil pajjiżna wieħed ta' suċċess.

Fl-aħħar nett, Sur President, se npoġġi d-dokumenti li għamilt referenza għalihom matul l-intervent tiegħi fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Abstract of Capital Expenditure Projections, estratt mill-Financial Estimates (Draft) 2024; u
>
> Dokument bl-isem 'Digital Decade Country Report 2023 – Malta', maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea.

Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet hija konkluża u l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

*Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi*

*Ewropej u l-Artijiet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa ġew posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, issa l-Kamra se tgħaddi għax-xogħol tal-Gvern li jidher fuq l-aġenda.

## ABBOZZ TA' LIĠI DWAR L-AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI

## OLDER PERSONS STANDARDS AUTHORITY BILL

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Jo Etienne Abela.

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għall-Anzjanità Attiva)**: Sur President, nipproponi t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Nissekonda.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jipprovdi dwar l-istabbiliment ta' Awtorità magħrufa bħala l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani u għall-eżerċizzju ta' dik l-Awtorità tal-funzjonijiet regolatorji rigward l-istabbiliment tal-istandards għal servizzi residenzjali, kwalunkwe faċilità oħra ġerjatrika u kwalunkwe servizz ieħor ta' natura ġerjatrika; kif ukoll sabiex tirregola s-setgħat, obbligi u riżorsi finanzjarji tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani mwaqqfa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; biex jirregola l-fornituri tas-servizzi u jistabbilixxi standards regolatorji għal servizzi differenti provduti lill-persuni anzjani minn aġenziji jew entitajiet pubbliċi jew privati u kwalunkwe entità jew persuna oħra; biex jistabbilixxi proċeduri għall-investigazzjoni tal-ilmenti kontra fornituri tas-servizzi u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet dwar is-setgħat kollha bħal dawn li jistgħu jkunu meħtieġa biex l-Awtorità taqdi l-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att" ikun moqri t-Tielet Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tielet Darba u għadda.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Nistieden lill-Ministru Silvio Schembri biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal-lejla t-Tlieta, 21 ta' Novembru 2023 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**Il-Ħdax-il Seduta Stabbilita - Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli**

Vot 21 - Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

Vot IX - Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli - Kapital

Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli m'għandhiex tieħu aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Ninforma wkoll lill-Kamra li f'din is-seduta, mistoqsijiet parlamentari se jkunu jistgħu jsiru bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m. u li l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għal-lejla t-Tlieta, 21 ta' Novembru, 2023 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mill-Ministru.

*Fil-11.44 a.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*